Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,590, 16 ta' Marzu, 2021

Taqsima B

A.L. 104 tal-2021

ATT DWAR L-ISPORTS
(KAP. 455)

Regolamenti tal-2021 dwar l-*Anti-Doping*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 6(1)(n) u 53 tal-Att dwar l-Isports, il-Ministru responsabbli għall-Isports għamel ir-Regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 dwar l-*Anti-Doping*.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, jew sakemm mhux speċifikat mod ieħor fil-Kodiċi:

"ADAMS" tfisser is-sistema tal-Amministrazzjoni u Ġestjoni tal-*Anti-Doping* li hi għodda ta' ġestjoni ta' *database* bbażata fuq il-web għar-reġistrazzjoni, ħażna, tqassim, u rappurtar ta' *data*, immirata biex tassisti partijiet interessati u l-WADA fl-operazzjonijiet tagħhom ta' *anti-doping* flimkien mal-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data*;

"ADC" u "NADOMALTA" ifissru l-Kummissjoni dwar l-*Anti-Doping* maħtura mill-Ministru responsabbli għall-Isport biex tissorvelja fuq kull aspett tal-Programm dwar l-*Anti Doping* ta' NADOMALTA skont l-I*standard* Internazzjonali għat-Testjar u Investigazzjonijiet. L-ADC għandha tkun magħmula minn *chairperson* u mhux inqas tlieta u mhux iktar minn ħames membri oħra b'kompetenza fil-qasam tal-*anti-doping*;

"Assistenza Sostanzjali" tfisser Persuna li tipprovdi Assistenza Sostanzjali li żvelat kompletament f'dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata, l-informazzjoni kollha li din il-persuna jkollha dwar ksur tar-regoli tal-*anti-doping* jew xi proċedura oħra imfissra fir-Regolament 10(7)(a)(i) tal-Iskeda, u tikkopera bis-sħiħ mal-investigazzjoni u għoti ta'sentenzi ta' kull każ relatat ma' dik l-informazzjoni, u għandha tinkludi l-preżentazzjoni ta' xhieda fi proċeduri ta' smigħ, jekk din tkun mitluba tagħmel hekk minn Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping* jew mill-*panel* tas-smigħ. Barra minn dan, l-informazzjoni provduta għandha tkun kredibbli u għandha tikkonsisti f'parti importanti minn kull każ li ngħata l-bidu tiegħu, jew, jekk f'każ li l-ebda każ ma nfetaħ, għandha tkun provdiet bażi suffiċjenti li fuqha seta' jitressaq każ;

"Atleta" tfisser kull Persuna li tipparteċipa fi sport fuq livell internazzjonali (kif imfisser minn kull Federazzjoni Internazzjonali) jew fuq livell nazzjonali (kif imfisser minn kull Organizzazzjoni Nazzjonali tal-*Anti-Doping*). NADOMALTA għandha d-diskrezzjoni li tapplika regoli u regolamenti tal-*anti-doping* ukoll għal Atleta li la ma hu Atleta ta' Livell Internazzjonali u l-anqas Atleta ta' Livell Nazzjonali, sabiex iġġib lil dan l-atleta fit-tifsira ta' "Atleta." Għal dawk l-Atleti li mhumiex Atleti ta' Livell Internazzjonali jew Livell Nazzjonali, Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping* tista' tagħżel li: tmexxi Ttestjar limitat jew ma tmexxix Testijiet; tanalizza Kampjuni għal inqas mill-menu sħiħ ta' Sustanzi Projbiti; tirrikjedi informazzjoni limitata jew ma tirrikjedix dwar fejn jkun jew jkunu jinsabu; jew ma tirrikjedix TUE's bil-quddiem.

Madanakollu, jekk Atleta, li dwaru Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping* iddeċidiet li teżerċita l-awtorità tagħha li tittestja u li jikkompeti f'livell inferjuri għal dak internazzjonali jew nazzjonali, jikkommetti ksur ta' regola tal-*anti-doping* taħt ir-Regolament 2(1), (3) jew (5) tal-Iskeda, allura għandhom jiġu applikati l-Konsegwenzi stabbiliti fl-Iskeda. Għall-finijiet tar-Regolament 2(8) u (9) tal-Iskeda u għall-finijiet ta' informazzjoni u Edukazzjoni dwar l-*anti-doping*, kull Persuna li tipparteċipa fi sport taħt l-awtorità ta' xi Firmatarju, gvern, jew Organizzazzjoni sportiva oħra li taċċetta l-Kodiċi hi kkunsidrata bħala Atleta;

"Atleta ta' Livell Internazzjonali" tfisser Atleta li jikkompeti fi sport fuq livell internazzjonali, kif imfisser minn kull Federazzjoni Internazzjonali, konsistenti mal-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet;

"Atleta ta' Livell Nazzjonali" tfisser Atleta li jikkompeti fi sport fuq livell nazzjonali, kif imfisser minn kull Organizzazzjoni Nazzjonali tal-*Anti-Doping* konsistenti mal-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet;

"Atleta tal-Passatemp" tfisser Persuna li twettaq jew tipparteċipa fi sport jew attivitajiet ta' kundizzjoni tajba għal finijiet rikreattivi iżda li ma tikkompetix mod ieħor f'Kompetizzjonijiet jew Avvenimenti organizzati, rikonoxxuti, jew ospitati minn Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali jew minn assoċjazzjoni, Organizzazzjoni, klabb, tim, jew kampjonat u li, fi żmien ħames (5) snin qabel ma kkomettew il-ksur ta' regola tal-*anti-doping*, ma kienitx Atleta ta' Livell Internazzjonali (kif imfisser minn kull Federazzjoni Internazzjonali konsistentement mal-I*standard* Internazzjonali għat-Testjar u Investigazzjonijiet) jew Atleta ta' Livell Nazzjonali (kif imfisser minn NADOMALTA jew Organizzazzjoni Nazzjonali tal-*Anti-Doping* oħra konsistentement

mal-I*standard* Internazzjonali għat-Testjar u Investigazzjonijiet); ma rrappreżentatx lil Malta jew xi pajjiż ieħor f'Avveniument Internazzjonali f'kategorija miftuħa; jew ma ġietx inkluża f'xi Grupp Reġistrat ta' Ttestjar jew fi grupp dwar informazzjoni dwar fejn tkun Persuna miżmum minn xi Federazzjoni Internazzjonali, NADOMALTA jew Organizzazzjoni oħra Nazzjonali tal-*Anti-Doping*;

"Att" tfisser l-Att l-dwar l-Isports; Kap. 455

"Attivitajiet dwar l-*Anti-Doping*" tfisser Edukazzjoni u informazzjoni dwar l-*anti-doping,* l-ippjanar tad-distribuzzjoni tat-testijiet, iż-żamma ta' Grupp Reġistrat għat-Testjar, l-immaniġġar ta' Passaporti Bijoloġiċi ta' Atleta, it-tmexxija ta' Testijiet, l-organizzazzjoni ta' analisi ta' Kampjuni, il-ġbir ta' informazzjoni u t-tmexxija ta' investigazzjonijiet, l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal TUE, il-Ġestjoni tar-Riżultati, is-sorveljar fuq u l-infurzar ta' konformità flimkien ma' kull Konsegwenza imposta, u kull attività oħra li għandha x'taqsam mal-*Anti-doping* li għandha titwettaq minn jew f'isem Organizzazzjoni tal-*Anti-doping*, kif stabbilit fil-Kodiċi u/ jew fl-I*standards* Internazzjonali

"Avveniment" tfisser serje ta' Kompetizzjonijiet individwali mmexxija flimkien taħt organizzazzjoni regolatorja waħda;

"Avveniment Internazzjonali" tfisser Avveniment jew Kompetizzjoni fejn il-Kumitat Olimpiku Internazzjonali, il-Kumitat Paralimpiku Internazzjonali, Federazzjoni Internazzjonali Organizzazzjoni ta' Avvenniment Maġġuri, jew Organizzazzjoni Sportiva Internazzjonali oħra huma l-korp regolatorju għall-Avveniment jew li jaħtru l-uffiċjali tekniċi għall-Avveniment;

"Avveniment Nazzjonali" tfisser Avveniment sportiv jew Kompetizzjoni li jinvolvi fih Atleti ta' Livell Internazzjonali jew Nazzjonali li ma jkunx Avveniment Internazzjonali;

"Barra mill-Kompetizzjoni" tfisser kull perjodu li ma jkunx Waqt Kompetizzjoni;

"CAS" tfisser il-Qorti tal-Arbitraġġ għall-Isport, li bħalissa għandha s-sede tagħha f'Lausanne, l-Iżvizzera;

"Ċirkostanzi Aggravanti" tfisser ċirkostanzi li jinvolvu, jew azzjonijiet minn, Atleta jew xi Persuna oħra li jistgħu jiġġustifikaw l-impożizzjoni ta' perjodu ta' Ineliġibiltà li jkun ogħla mis-sanzjoni normali. Dawn iċ-ċirkostanzi u azzjonijiet jinkludu, iżda mhumiex limitati għal: l-Atleta jew il-Persuna l-oħra Użaw jew kienu fil-Pussess ta' għadd kbir ta' Sustanzi Projbiti jew Metodi Projbiti, Użaw

jew kienu fil-Pussess ta' Sustanza Pprojbita jew Metodu Pprojbit f'għadd kbir ta' okkażjonijiet jew ikkommettew għadd kbir ta' ksur tar-regoli dwar l-*anti-doping*; individwu normali x'aktarx igawdi mill-effetti ta' titjib tal-prestazzjoni mill-ksur tar-regola dwar l-*anti-doping* lil hinn mill-perjodu ta' Ineliġibilità li kien ikun mod ieħor applikabbli; l-Atleta jew il-Persuna wettqu aġir li jqarraq jew li jfixkel sabiex jevadu s-sejba jew l-għoti ta' sentenzi dwar ksur ta' regola dwar *anti-doping*; jew l-Atleta jew il-Persuna l-oħra aġixxew fi Tbagħbis waqt il-Ġestjoni tar-Riżultati. Sabiex jitneħħa kull dubju, l-eżempji ta' ċirkostanzi u aġir imsemmijin hawn qabel mhumiex esklussivi u ċirkostanzi jew aġir simili jistgħu wkoll jiġġustifikaw l-impożizzjoni ta' perjodu itwal ta' Ineliġibilità;

"Dokument Tekniku" tfisser dokument adottat u ppubblikat mill-WADA minn żmien għal żmien li jkun fih ħtiġiet tekniċi mandatorji fuq suġġetti speċifiċi tal-*anti-doping* kif stabbiliti fi *Standard* Internazzjonali;

"*Doping*" tfisser l-okkorrenza ta' ksur wieħed jew aktar tar-regoli tal-*anti-doping* imsemmija fir-Regolament 2 tal-Iskeda;

"Ebda Tort jew Negliġenza" tfisser il-preżentazzjoni ta' prova mill-Atleta jew Persuna oħra li hu ma kienx jaf jew ma ssuspettax, u ma setax ikun jaf jew jissuspetta b'mod raġjonevoli, ukoll bl-eżerċizzju tal-aktar kawtela, li hu uża jew ingħata Sustanza Projbita jew Metodu Projbit jew li mod ieħor kiser regola tal-*anti-doping*. Ħlief fil-każ ta' persuna protetta jew Atleta tal-Passatemp, għal kull ksur tar-Regolament 2(1) tal-Iskeda, l-Atleta għandu jistabbilixxi ukoll kif is-Sustanza Projbita daħlet fis-sistema tiegħu;

"Ebda Tort jew Negliġenza Sinifikanti" tfisser il-preżentazzjoni ta' provi mill-Atleta jew Persuna oħra li huma ma setgħux raġjonevolment jafu jew jissuspettaw li kull Tort jew Negliġenza, meta wieħed jezamina t-totalità taċ-ċirkostanzi u b'konsiderazzjoni tal-kriterji tal-Ebda Tort jew Negligenza, ma kinux sinifikanti fir-relazzjoni mal-ksur tar-regoli tal-*anti-doping*. Ħlief fil-każ ta' Persuna Protetta jew Atleta tal-Passatemp, għal kull ksur tar-Regolament 2(1) tal-Iskeda, l-Atleta għandu jistabbilixxi ukoll kif is-Sustanza Projbita daħlet fis-sistema tiegħu;

"Edukazzjoni" tfisser il-proċess ta' tagħlim biex jitnisslu valuri u tiġi żviluppata mġiba li jkattru u jipproteġu l-spirtu tal-isport, biex jipprevjenu *doping* intenzjonat u mhux intenzjonat;

"Eżenzjoni għal Użu Terapewtiku (TUE)" tfisser eżenzjoni li tippermetti lil Atleta b'kondizzjoni medika Juża Sustanza Projbita jew Metodu Projbit, iżda biss jekk jiġu osservati l-kondizzjonijiet

elenkati fir-Regolament 4(4) tal-Iskeda u l-I*standard* Internazzjonali għall-Eżenzjonijiet għal Użu Terapewtiku;

"Firmatarji" tfisser dawk l-entitajiet li jiffirmaw il-Kodiċi u jaqblu li jimplimentaw il-Kodiċi;

"Ftehim Mingħajr Preġudizzju" tfisser ftehim bil-miktub bejn Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping* u Atleta jew Persuna oħra li jippermetti lill-Atleta jew lill-Persuna oħra li jipprovdu informazzjoni lill-Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping* f'xenarju ta' ħin limitat definit bil-patt li, jekk ma jiġix finalizzat ftehim għal Assistenza Sostanzjali jew ftehim għall-konklużjoni ta' każ, l-informazzjoni provduta mill-Atleta jew minn Persuna oħra f'dan ix-xenarju partikolari ma tistax tintuża mill-Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping* kontra l-Atleta jew kontra l-Persuna l-oħra f'xi proċedura ta' Ġestjoni tar-Riżultati skont il-Kodiċi, u li l-informazzjoni pprovduta mill-Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping* f'dan ix-xenarju partikolari ma tistax tintuża mill-Atleta jew mill-Persuna l-oħra kontra l-Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping* f'xi proċedura ta' Ġestjoni tar-Riżultati taħt il-Kodiċi. Tali ftehim ma jipprekludix lill-Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping*, l-Atleta jew il-Persuna l-oħra milli jużaw kull informazzjoni jew xhieda miġbura minn xi għejjun ieħor, għajr waqt ix-xenarju ta' ħin limitat speċifiku deskritt fil-ftehim;

"Ġestjoni tar-Riżultati" tfisser proċess li jinkorpora t-tul ta' żmien bejn notifika skont l-Artikolu 5 tal-I*standard* Internazzjonali għall-Ġestjoni tar-Riżultati, jew f'ċerti każijiet, tali stadji ta' qabel in-notifika previsti espressament fl-Artikolu 5 tal-I*standard* Internazzjonali għall-Ġestjoni tar-Riżultati, mill-akkuża sar-riżoluzzjoni finali tal-kwistjoni, inkluż it-tmiem tal-proċess tas-smigħ fil-prima istanza jew fl-appell (jekk jkun sar appell);

"Grupp Reġistrat ta' Ittestjar" tfisser grupp ta' Atleti tal-ogħla livell stabbilit separatament minn kull Federazzjoni Internazzjonali għal-livell internazzjonali, u mill-Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-*Anti-Doping* għal-livell nazzjonali, li huma soġġetti kemm għall-Ittestjar Waqt Kompetizzjoni kif ukoll għal dak ta' Barra l-Kompetizzjoni bħala parti mill-pjan għad-distribuzzjoni ta' testijiet ta' dik il-Federazzjoni Internazzjonali jew Organizzazzjoni Nazzjonali tal-*Anti-Doping* u għalhekk huma mitluba jipprovdu informazzjoni dwar fejn tkun persuna kif imfisser fl-Artikolu 5(5) tal-I*standard* Internazzjonali għall-Ittestjar u l-Investigazzjonijiet;

"Indipendenza Istituzzjonali" tfisser *panels* ta' smigħ ta' appelli li jkunu totalment indipendenti istituzzjonalment mill-Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping* responsabbli għall-Ġestjoni tar-Riżultati. Għalhekk ma għandhom ikunu bl-ebda mod amministrati

minn, konnessi jew suġġetti għall-Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping* responsabbli għall-Ġestjoni tar-Riżultati;

"Indipendenza Operattiva" tfisser li l-membri tal-Bord, membri tal-persunal, membri tal kummissjoni, konsulenti u uffiċjali tal-Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping* responsabbli għall-Ġestjoni tar-Riżultati jew l-affiljati tagħha (eż., federazzjoni jew konfederazzjoni membru) kif ukoll kull Persuna involuta fl-investigazzjoni jew għoti ta' sentenzi minn qabel tal-kwistjoni ma jistgħux jinħatru bħala membri u, jew skrivani (sal-limitu li tali skrivan hu involut fil-proċess ta' deliberazzjoni u, jew l-abbozzar ta' xi deċizjoni) ta' *panels* ta' smigħ ta' dik l-Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping* responsabbli għall-Ġestjoni tar-Riżultati u *panels* ta' smigħ għandhom ikunu f'pożizzjoni li jmexxu s-smigħ u l-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni mingħajr interferenza mill-Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping* jew xi parti terza. L-objettiv hu li jiġi żgurat li membri tal-*panel* tas-smigħ jew individwi li huma mod ieħor involuti fid-deċiżjoni tal-*panel* tas-smigħ, ma jkunux involuti mal-investigazzjoni ta' każ, jew deċiżjonijiet biex jipproċedu fil-każ;

"Ineliġibbiltà" tfisser li l-Atleta jew Persuna oħra jkunu projbiti minħabba ksur ta' regola tal-*anti-doping* għall-perjodu ta' żmien speċifikat milli jieħdu sehem f'xi Kompetizzjoni jew attività oħra jew għal fondi kif stipulat fir-Regolament 10(4) tal-Iskeda;

"Ittestjar" tfisser il-partijiet tal-proċess tal-Kontroll tad-*Doping* li jinvolvu l-ippjanar tad-distribuzzjoni ta' testijiet, ġbir ta' Kampjuni, immaniġġjar ta' Kampjuni, u trasport ta' Kampjuni lejn il-laboratorju;

"Ittestjar Immirat" tfisser l-għażla ta' atleti speċifiċi għall-ittestjar ibbażata fuq kriterji stabbiliti fl-Istandard Internazzjonali għat-Testjar u Investigazzjonijiet;

"Kampjun jew Eżempju" tfisser kull materjal bijoloġiku miġbur għall-finijiet tal-Kontroll tad-*Doping*;

"Kodiċi" tfisser il-Kodiċi Dinji tal-*Anti-Doping* li ġie adottat għall-ewwel darba mill-WADA fil-5 ta' Marzu 2003 u kull emenda sussegwenti;

"Kompetizzjoni" tfisser tellieqa, partita, logħba jew konkors sportiv waħdieni. Għal tlielaq fi stadji jew konkorsi sportivi oħra fejn jingħataw premijiet kuljum jew fuq bażi oħra temporanja, id-distinzjoni bejn Kompetizzjoni u Avveniment tkun dik stipulata fir-regoli u regolamenti tal-Federazzjoni Internazzjonali applikabbli;

"Konsegwenzi Finanzjarji" tfisser sanzjoni finanzjarja imposta għal ksur ta' regola tal-*anti-doping* jew l-irkupru ta' spejjeż assoċjati ma' ksur ta' regola tal-*anti-doping*;

"Konsegwenzi għall-Ksur tar-Regoli tal-*Anti-Doping*" jew "Konsegwenzi" tfisser ksur minn Atleta jew Persuna oħra tar-regola tal-*anti-doping* li tista' twassal għal;

(a) Skwalifika;

(b) Ineliġibilità;

(ċ) Sospensjoni Provviżorja;

(d) Konsegwenzi Finanzjarji; u

(e) l-Iżvelar lill-Pubbliku.

Timijiet fi *Sports* għal timijiet jistgħu wkoll ikunu soġġetti għal Konsegwenzi kif previst fir-Regolament 11 tal-Iskeda;

"Kontroll tad-*Doping* " tfisser l-istadji u l-proċessi kollha mill-ippjanar tad-distribuzzjoni tat-testijiet sad-dispożizzjoni finali ta' kull appell u l-infurzar tal-Konsegwenzi, inklużi l-istadji u l-proċessi kollha applikabbli fl-intervall, inklużi iżda mhux limitat għal, l-Ittestjar, investigazzjonijiet, informazzjoni dwar fejn wieħed jinsab, TUEs, ġbir u mmaniġġar ta' Kampjuni, analiżi f'laboratorji, TUEs, Ġestjoni ta' Riżultati u investigazzjonijiet jew proċeduri li jirrigwardaw ksur tar-Regolament 10(14) tal-Iskeda (Status Waqt Ineliġibiltà jew Sospensjoni Provviżorja);

"Konvenzjoni tal-UNESCO" tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali kontra d-*Doping* fl-Isport adotatta mill-Konferenza Ġenerali tal-UNESCO fid-19 ta' Ottubru 2005 inklużi l-emendi kollha adottati mill-Istati Partijiet għall-Konvenzjoni u l-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Internazzjonali kontra d-*Doping* fl-Isport;

"Kumitat dwar l-Eżenzjoni għal Użu Terapewtiku" ("TUEC") tfisser *panel* li jikkonsidra applikazzjonijiet għall-għoti ta' TUEs;

"Kumitat Olimpiku Nazzjonali" tfisser il-Kumitat Olimpiku Malti, rikonoxxut mill-Kumitat Olimpiku Internazzjonali bħala l-kumitat Olimpiku nazzjonali f'Malta;

"Limitu ta' Deċiżjoni" tfisser il-valur tar-riżultat dwar limitu ta' sustanza f'Kampjun, li jekk jinqabeż għandha tiġi rrappurtata Sejba Analitika Avversa, kif imfisser fl-I*standard* Internazzjonali għal

Laboratorji;

"Lista Projbita" tfisser il-lista tal-WADA li tidentifika s-Sustanzi Projbiti u l-Metodi Projbiti kif emendata minn żmien għal żmien;

"Livell Minimu ta' Rappurtar " tfisser il-konċentrazzjoni stmata ta' Sustanza Projbita jew il-Metaboliti jew *Markers* f'Kampjun li taħt tali livell laboratorji akkreditati mill-WADA m'għandhomx jirrappurtaw dak il-Kampjun bħala Sejba Analitika Avversa;

"*Marker*" tfisser kompost, grupp ta' komposti jew varjanti bijoloġiċi li jindikaw l-Użu ta' Sustanza Projbita jew Metodu Projbit;

"Metaboliti" tfisser kull sustanza prodotta permezz ta' proċess ta' bijotrasformazzjoni;

"Metodu Projbit" tfisser kull metodu hekk deskritt fil-Lista Projbita;

"Metodu Speċifikat" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija taħt ir-Regolament 4(2)(b) tal-Iskeda;

"Minuri" tfisser kull Persuna naturali li għadha ma laħqitx l-età ta' tmintax-il sena;

"NADAP" tfisser il-*Panel* Nazzjonali ta' Appelli dwar *Doping* maħtur mill-gvern biex jaġġudika dwar appelli minn deċiżjonijiet tal-*panel* dixxiplinari nazzjonali dwar l-*anti-doping* kif stabbilit fir-Regolament 13 tal-Iskeda;

"NADDP" tfisser il-*Panel* Dixxiplinari Nazzjonali tal-*Anti-Doping* maħtur mill-gvern biex jaġġudika dwar ksur allegat ta' dawn ir-Regolamenti, sakemm ma jiġix preferut il-CAS;

"Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping*" tfisser il-WADA jew Firmatarju li hu responsabbli għall-adozzjoni tar-regoli għall-introduzzjoni, l-implimentazzjoni jew l-infurzar ta' kull parti tal-proċess tal-Kontroll tad-*Doping*, li jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, il-Kumitat Olimpiku Internazzjonali, il-Kumitat Paralimpiku Internazzjonali, Organizzazzjonijiet oħra ta' Avvenimenti Maġġuri li jwettqu Ttestjar fl-Avvenimenti tagħhom, Federazzjonijiet Internazzjonali, u Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-*Anti-Doping*;

"Organizzazzjoni Nazzjonali tal-*Anti-Doping*" tfisser l-entità jew l-entitajiet, nominati minn kull pajjiż, li għandhom l-awtorità u r-responsabbiltà prinċipali sabiex jadottaw u jimplimentaw ir-regolamenti tal-*anti-doping*, jikkontrollaw il-ġbir ta' kampjuni, il-

ġestjoni tar-riżultati tat-testijiet, u t-tmexxija tas-seduti tas-smigħ, kollha fuq livell nazzjonali. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, NADOMALTA hi l-entità maħtura;

"Organizzazzjoni Nazzjonali Sportiva" tfisser Organizzazzjoni Nazzjonali Sportiva li hi reġistrata u rikonoxxuta minn SportMalta bħala l-entità li tirregola dixxiplina sportiva partikolari f'Malta, u hi membru ta', jew hi rikonoxxuta minn, federazzjoni internazzjonali bħala l-entità li tirregola d-dixxiplina sportiva tal-federazzjoni internazzjonali f'Malta;

"Organizzazzjonijiet ta' Avvenimenti Maġġuri" tfisser assoċjazzjonijiet kontinentali ta' Kumitati Olimpiċi Nazzjonali u Organizzazzjonijiet multi-sportivi internazzjonali oħra li għandhom il-funzjoni ta' korp regolatorju għal kull Avveniment ieħor Internazzjonali, kontinentali jew reġjonali;

"Parteċipant" tfisser kull atleta jew Persuna tal-Appoġġ tal-Atleta;

"Parti Terza Ddelegata" tfisser kull Persuna li lilha Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping* tiddelega xi aspett ta' Kontroll fuq *Doping* jew programmi Edukattivi dwar l-*anti-doping* li jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, partijiet terzi jew Organizzazzjonijiet oħra tal-*Anti-Doping* li jwettqu ġbir ta' Kampjuni jew servizzi oħra ta' kontroll fuq id-*Doping* jew programmi Edukattivi dwar l-*anti-doping* għall-Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping*, jew individwi li jaħdmu bħala kuntratturi indipendenti li jwettqu servizzi ta' Kontroll fuq id-*Doping* għall-Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping*. Din it-tifsira ma tinkludix il-CAS;

"Passaport Bijoloġiku ta' Atleta" tfisser il-programm u l-metodi tal-ġbir u l-organizzazzjoni tad-*data* kif deskritt fl-I*standard* Internazzjonali għat-Ttestjar u Investigazzjonijiet u l-I*standard* Internazzjonali tal-Laboratorji;

"Perjodu ta' Avveniment" tfisser il-ħin bejn il-bidu u t-tmiem ta' Avveniment, kif stabbilit mill-korp regolatorju tal-Avveniment;

"Persuna" tfisser Persuna naturali jew Organizzazzjoni jew xi entità oħra;

"Persuna Protetta" tfisser Atleta jew Persuna oħra naturali li fiż-żmien tal-ksur tar-regola tal-*anti-doping*:

(a) għadha ma għalqitx is-sittax (16)-il sena;

(b) għadha ma għalqitx it-tmintax (18)-il sena u mhix

inkluża f'xi Grupp Reġistrat ta' Ittestjar u qatt ma kkompetiet f'xi Avveniment Internazzjonali f'kategorija miftuħa; jew

(ċ) għal raġunijiet għajr dawk ta' età, ġiet determinata bħala li ma għandhiex kapaċità legali skont il-liġi nazzjonali applikabbli;

"Persunal tal-Appoġġ tal-Atleta" tfisser kowċ, trejner, *manager*, aġent, staff tat-tim, uffiċjal, persunal mediku jew paramediku, ġenitur jew kull Persuna oħra li taħdem ma', tikkura, jew tassisti Atleta li jkun qed jipparteċipa f'Kompetizzjoni sportiva jew iħejji ruħu għaliha;

"Postijiet tal-Avveniment" tfisser dawk il-postijiet magħżula mill-korp regolatorju tal-Avveniment;

"Prodott Ikkontaminat" tfisser prodott li ikun fih Sustanza Projbita li mhijiex żvelata fuq it-tikketta tal-prodott jew fl-informazzjoni disponibbli f'riċerka raġjonevoli fuq l-Internet;

"Programm ta' Osservaturi Indipendenti" tfisser tim ta' osservaturi, taħt is-superviżjoni tal-WADA, li josserva u jipprovdi gwida fil-proċess tal-Kontroll tad-*Doping* qabel u waqt ċerti Avvenimenti u jħejji rapporti fuq l-osservazzjonijiet tagħhom bħala parti mill-konformità tal-programm ta' monitoraġġ tal-WADA;

"Pussess" tfisser il-Pussess fiżiku, attwali, jew il-Pussess kostruttiv (li għandu jinsab biss jekk il-Persuna għandha l-kontroll esklussiv jew biħsiebha teżerċita kontroll fuq is-Sustanza Projbita jew il-Metodu Projbit jew il-fond fejn tinstab is-Sustanza Projbita jew Metodu Projbit):

Iżda, madankollu, jekk il-Persuna ma għandhiex kontroll esklussiv fuq is-Sustanza Projbita jew Metodu Projbit jew il-fond fejn tintsab is-Sustanza Projbita jew jinstab il-Metodu Projbit, Pussess kostruttiv għandu jinstab biss jekk il-Persuna kienet taf bil-preżenza tas-Sustanza Projbita jew tal-Metodu Projbit u kellha l-ħsieb li teżerċita l-kontroll fuqhom:

Iżda wkoll, ma jkun hemm l-ebda ksur tar-regoli tal-*anti-doping* fuq bażi ta' Pussess biss, jekk, qabel ma tirċievi notifika ta' kull xorta, li l-Persuna kkommettiet ksur tar-regoli tal-*anti-doping*, il-Persuna ħadet azzjoni konkreta li turi li l-Persuna qatt ma kellha l-intenzjoni li jkollha l-Pussess u rrinunzjat għall-Pussess billi ddikjaratu b'mod espliċitu lil Organizzazzjoni tal-*Anti-doping*: minkejja kull ħaġa kontra din it-tifsira, ix-xiri (inkluż dak b'kull mezz elettroniku jew mezz ieħor) ta' Sustanza Projbita jew Metodu Projbit

jikkostitwixxi pussess mill-Persuna li tagħmel ix-xiri;

"Responsabbiltà Stretta" tfisser ir-regola li tistipula li skont ir-Regolament 2(1) u (2) tal-Iskeda, mhuwiex neċessarju li l-Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping* turi intenzjoni, Tort, Negliġenza, jew Użu konsapevoli min-naħa tal-Atleta sabiex jiġi stabbilit il-ksur tar-regola tal-*anti-doping*;

"Sejba Analitika Avversa" tfisser rapport minn laboratorju akkreditat mill-WADA jew laboratorju approvat mill-WADA li, konformement mal-I*standard* Internazzjonali għal-Laboratorji, jidentifika l-preżenza ta' Sustanza Projbita jew il-Metaboliti jew *Markers* tagħha f'Kampjun jew evidenza tal-Użu ta' Metodu Projbit;

"Sejba Atipika" tfisser rapport minn laboratorju akkreditat mill-WADA, jew laboratorju approvat mill-WADA, li jeżiġi aktar investigazzjoni skont l-I*standard* Internazzjonali għal Laboratorji jew Dokumenti Tekniċi relatati qabel id-determinazzjoni ta' Sejba Analitika Avversa;

"Sejba tal-Passaport Atipika" tfisser rapport imfisser bħala Sejba tal-Passaport Atipika kif deskritt fl-I*standard* Internazzjonali applikabbli;

"Sejba tal-Passaport Avversa" tfisser rapport identifikat f'Sejba tal-Passaport Avversa kif deskritt fl-I*standards* Internazzjonali applikabbli;

"Skwalifika" tfisser ir-riżultati ta' Atleta f'Kompetizzjoni jew Avveniment partikolari jiġu invalidati, bil-Konsegwenzi kollha riżultanti, inkluż it-telf ta' medalji, punti u premijiet;

"Smigħ Provviżorju" tfisser smigħ abbrevjat mingħajr dewmien li jsir qabel is-seduta tas-smigħ taħt ir-Regolament 8 tal-Iskeda li jistipula li l-Atleta jkun notifikat u jkollu l-opportunità li jagħti x-xhieda tiegħu bil-miktub jew bil-fomm;

"Somministrazzjoni" tfisser l-għoti, il-forniment, is-sorveljar, l-iffaċilitar jew il-parteċipazzjoni mod ieħor fl-Użu jew Tentattiv tal-Użu minn Persuna oħra ta' Sustanza Projbita jew Metodu Projbit. Iżda, din it-tifsira ma għandhiex tinkludi l-azzjonijiet *bona fide* ta' persunal mediku li jkunu jinvolvu Sustanza Projbita jew Metodu Projbit Użati għall-finijiet terapewtiċi ġenwini u legali jew ġustifikazzjoni aċċettabbli oħra u ma għandhiex tinkludi l-azzjonijiet li jinvolvu sustanzi pprojbiti li mhumiex ipprojbiti fl-Ittestjar li Jsir Barra Minn Kompetizzjoni sakemm iċ-ċirkostanzi kollha kemm huma juru li dawn is-Sustanzi Projbiti mhumiex intiżi għall-finijiet

terapewtiċi ġenwini u legali jew huma intiżi sabiex itejbu prestazzjoni tal-isport;

"Sospensjoni Provviżorja" tfisser li l-Atleta jew Persuna oħra jkunu projbiti temporanjament milli jieħdu sehem f'kull Kompetizzjoni jew attività qabel id-deċiżjoni finali fi proċeduri ta' smigħ li jsiru skont ir-Regolament 8 tal-Iskeda;

"Sport Individwali" tfisser kull sport li mhux Sport ta' Timijiet;

"Sport ta' Timijiet" tfisser sport li fih is-sostituzzjoni tal-plejers hi permessa matul Kompetizzjoni;

"SportMalta" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik stabbilita fl-
Kap. 455. artikolu 4 tal-Att dwar l-Isports;

"*Standard* Internazzjonali" tfisser *standard* adottat mill-WADA b'appoġġ għall-Kodiċi. Konformità ma' *Standard* Internazzjonali b'kuntrast ma' *standard*, prattika jew proċedura oħra alternattiva għandha tkun suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li l-proċeduri indirizzati permezz tal-I*standard* Internazzjonali twettqu b'mod xieraq. *Standards* Internazzjonali għandhom jinkludu kull Dokument Tekniku maħruġ b'mod konformi mal-I*standard* Internazzjonali;

"Sustanza tal-Abbuż" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija taħt ir-Regolament 4(2)(ċ) tal-Iskeda;

"Sustanza Projbita" tfisser kull sustanza, jew klassi ta' sustanzi, hekk deskritta fil-Lista Projbita;

"Sustanza Speċifikata" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija taħt ir-Regolament 4(2)(b) tal-Iskeda;

"Tbagħbis" tfisser aġir intenzjonat li jwaqqaf il-proċess tal-Kontroll tad-*Doping* iżda li mod ieħor ma jiġix inkluż fit-tifsira ta' Metodi Projbiti. Tbagħbis għandha tinkludi, mingħajr limitazzjoni, l-offerta jew l-aċċettazzjoni ta' tixħim biex wieħed jwettaq jew ma jwettaqx xi att, l-ostakolar tal-ġbir ta' Kampjun, li wieħed jaffettwa jew jagħmel impossibbli l-analiżi ta' Kampjun, l-iffalsifikar ta' dokumenti sottomessi lil Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping* jew kumitat tat-TUE jew *panel* ta' smigħ, l-ipprokurar ta' xhieda falza minn xhieda, it-twettiq ta' xi att frawdolenti ieħor fuq l-Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping* jew korp ta' smigħ biex tiġi affettwata l-Ġestjoni tar-Riżultati jew l-impożizzjoni tal-Konsegwenzi, u kull interferenza intenzjonali simili jew Tentattiv ta' interferenza ma' xi aspett tal-Kontroll tad-*Doping*;

"Tentattiv" tfisser l-involviment intenzjonali f'imġieba li

tikkostitwixxi pass sostanzjali f'linja ta' mġieba li tista' twassal għall-ksur tar-regoli tal-*anti-doping*:

B'dan illi, madankollu, ma għandux ikun hemm ksur tar-regoli tal-*anti-doping* ibbażat biss fuq Tentattiv sabiex isir ksur, jekk il-Persuna tirrinunzja t-Tentattiv qabel ma tiġi skoperta minn terza persuna mhux involuta fit-Tentattiv;

"Tort" tfisser kull ksur tad-dmir jew kull nuqqas ta' attenzjoni xierqa għal sitwazzjoni partikolari. Il-fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġi valutat il-grad ta' Tort ta' Atleta jew Persuna oħra jinkludu l-esperjenza tal-Atleta jew il-Persuna oħra, jekk l-Atleta jew il-Persuna l-oħra humiex Persuni Protetti, konsiderazzjonijiet speċjali bħal impedimenti, il-grad ta' riskju li kellu jiġi perċepit mill-atleta u l-livell ta' attenzjoni u investigazzjoni eżerċitat mill-Atleta fir-rigward ta' x'kellu jkun il-livell ta' riskju perċepit. Fil-valutazzjoni tal-grad ta' tort tal-Atleta jew tal-Persuna oħra, iċ-ċirkostanzi kkunsidrati għandhom ikunu speċifiċi u relevanti sabiex jispjegaw it-tluq tal-Atleta jew tal-Persuna oħra mil-livell ta' mġieba mistenni. Madankollu, il-fatt li Atleta jkun mistenni jitlef l-opportunità li jitħallas somom kbar ta' flus, waqt perjodu ta' Ineliġibiltà, jew il-fatt li l-Atleta fadallu żmien qasir fil-karriera, jew iż-żmien magħżul tal-kalendarju sportiv, mgħandhomx ikunu fatturi rilevanti li jittieħdu f'konsiderazzjoni fit-tnaqqis ta' Ineliġibilità taħt ir-Regolament 10(6)(a) jew (b) tal-Iskeda;

"Traffikar" tfisser il-bejgħ, l-għoti, it-trasport, it-trasmissjoni, il-kunsinna jew id-distribuzzjoni (jew Pussess għar-raġunijiet imsemmija, ta' Sustanza Projbita jew Metodu Projbit (kemm fiżikament kif ukoll b'kull mezz elettroniku jew b'mezzi oħra) minn Atleta, Persunal tal-Appoġġ tal-Atleta jew xi Persuna oħra soġġetta għall-ġurisdizzjoni ta' Organizzazzjoni tal-*Anti-Doping* lil kull terza persuna; iżda, madankollu, din it-tifsira ma għandhiex tinkludi l-azzjonijiet *bona fide* ta' persunal mediku li jinvolvu Sustanza Projbita Użata għal finijiet terapewtiċi ġenwini u legali jew ġustifikazzjoni oħra aċċettabbli, u mgħandhiex tinkludi azzjonijiet li jinvolvu Sustanzi Projbiti li mhumiex projbiti fl-Ittestjar Barra minn Kompetizzjoni, ħlief, jekk iċ-ċirkostanzi b'mod ġenerali juru li dawn is-Sustanzi Projbiti mhumiex maħsuba għal finijiet terapewtiċi ġenwini u legali jew huma maħsuba sabiex itejbu l-prestazzjoni sportiva;

"Użu" tfisser l-utilizzazzjoni, l-applikazzjoni, l-inġestjoni, l-injezzjoni jew il-konsum b'kull mezz possibbli ta' kwalunkwe Sustanza Projbita jew Metodu Projbit;

"WADA" tfisser l-Aġenzija Dinjija tal-*Anti-Doping*;

"Waqt Kompetizzjoni" tfisser il-perjodu li jibda fil-11.59 p.m. tal-ġurnata qabel Kompetizzjoni li fiha l-Atleta hu ppjanat li jipparteċipa sal-aħħar ta' din il-Kompetizzjoni u l-proċess tal-gbir tal-Kampjun relatat ma' din il-Kompetizzjoni:

Iżda, madankollu, il-WADA tista' tapprova, għal sport partikolari, tifsira alternattiva jekk Federazzjoni Internazzjonali tipprovdi ġustifikazzjoni valida li tifsira differenti tkun meħtiġa għall-isport tagħha; meta tingħata tali approvazzjoni mill-WADA, it-tifsira alternattiva għandha tiġi segwita mill-Organizzazzjonijiet kollha ta' Avvenimenti Maġġuri għal dak l-isport partikolari;

"Żvelar lill-Pubbliku" tfisser it-tixrid jew distribuzzjoni ta' informazzjoni lill-pubbliku ġenerali jew lil Persuni minbarra dawk il-Persuni li huma intitolati għal notifika minn qabel skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 14 tal-Iskeda.

Applikabilità tal-Kodiċi u ta' dawn ir-regolamenti.

3. (1) Id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Kodiċi għandhom, minkejja kull ħaġa kuntrarja f'xi liġi oħra, iżda bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, ikollhom il-forza ta' liġi f'Malta kollha, iżda bla ħsara għal dawk il-kundizzjonijiet li l-Ministru jista' jippreskrivi.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi jinsabu fl-Iskeda li tinstab ma' dawn ir-regolamenti u għandhom jiġu interpretati b'mod li hu

konsistenti mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Kodiċi. Il-kummenti fl-annotazzjonijiet għal diversi dispożizzjonijiet tal-Kodiċi għandhom jintużaw, fejn ikunu applikabbli, biex jassistu biex wieħed jifhem u jinterpreta d-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Iskeda.

(3) L-Iskeda għandha titqies bħala parti integrali ta' dawn ir-regolamenti.

(4) NADOMALTA tista' minn żmien għal żmien toħroġ kummentarji u linji gwida fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li jinsabu f'dawn ir-regolamenti.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolalenti mgħandhomx japplikaw retrospettivament dwar kwistjonijiet li jkunu pendenti qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

4. F'dawn ir-regolamenti, jekk ikun hemm xi kunflitt bejn il-verżjonijiet bl-Ingliż u bil-Malti, tirbaħ il-verżjoni bl-Ingliż. Kunflitt bejn il-verżjonijiet.

5. Ir-Regolamenti tal-*Anti-Doping* huma b'dan revokati, mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew naqas milli jsir taħthom. Revoka tar-Regolamenti tal-*Anti-Doping*. L.S. 455.08

B 748

SKEDA

REGOLAMENT 1 APPLIKABILITÀ U INFURZAR

1. (1) Dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* għandhom japplikaw għal:

(a) *NADOMALTA*, inklużi l-membri tal-bord, diretturi, uffiċjali u impjegati speċifikati, u *Partijiet Terzi Delegati* u l-impjegati tagħhom, li jkunu involuti fi kwalunkwe aspett ta' *Kontroll* fuq id-*Doping*;

(b) *Organizzazzjonijiet Sportivi Nazzjonali* f'Malta, inklużi l-membri tal-bordijiet tagħhom, diretturi, uffiċjali u impjegati speċifikati, u *Partijiet Terzi Delegati* u l-impjegati tagħhom, li huma involuti fi kwalunkwe aspett ta' *Kontroll* fuq id-*Doping*;

(ċ) l-*Atleti* li ġejjin, *Persunal* tal-*Appoġġ* tal-*Atleta* u *Persuni* oħra (inklużi *Persuni Protetti*), f'kull każ kemm jekk tali *Persuna* tkun ċittadin ta' jew residenti f'Malta kemm jekk le:

(i) l-*Atleti* u l-*Persunal* tal-*Appoġġ* tal-*Atleta* kollha li huma membri jew detenturi ta' liċenza ta' xi *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* f'Malta, jew ta' xi membru jew organizzazzjoni affiljata ta' xi *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* f'Malta (inklużi klabbs, timijiet, assoċjazzjonijiet jew lega);

(ii) l-*Atleti* u l-*Persunal* tal-*Appoġġ* tal-*Atleta* kollha li jipparteċipaw f'tali kariga f'*Avvenimenti*, *Kompetizzjonijiet*, u attivitajiet oħra organizzati, imlaqqa', awtorizzati jew rikonoxxuti minn xi *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* f'Malta, jew ta' xi membru jew organizzazzjoni affiljata ta' xi *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* f'Malta (inklużi klabbs, timijiet, assoċjazzjonijiet jew lega), ikun fejn ikun li jsiru;

(iii) kull *Atleta* jew *Persunal* tal-*Appoġġ* tal-*Atleta* jew *Persuna* oħra li, permezz ta' akkreditament, liċenza, jew arranġament ieħor kuntrattwali, jew mod ieħor, ikunu suġġetti għall-ġurisdizzjoni ta' xi *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* f'Malta, jew ta' xi membru jew *Organizzazzjoni* affiljata ta' xi *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* f'Malta (inklużi klabbs, timijiet, assoċjazzjonijiet jew lega), għall-finijiet tal-*anti-doping*;

(iv) l-*Atleti* u l-*Persunal* tal-*Appoġġ* tal-*Atleta* kollha li jipparteċipaw fi kwalunkwe kariga f'xi attività organizzata, miżmuma, imlaqqa' jew awtorizzata mill-organizzatur ta' *Avveniment Nazzjonali* jew ta' kampjonat nazzjonali li mhuwiex affiljat ma' *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali*;

(v) *Atleti* tal-*Passatemp*; u

(d) kull *Persuna* oħra li fuqha l-*Kodiċi* jagħti ġurisdizzjoni lil *NADOMALTA*, inklużi l-*Atleti* kollha li huma ċittadini ta' jew residenti f'Malta, u kull *Atleta* li jkun preżenti f'Malta, kemm jekk biex jikkompeti, jew biex jitħarreġ jew mod ieħor:

Hekk iżda li kull waħda mill-*Persuni* fuq imsemmija titqies, bħala kundizzjoni tal-parteċipazzjoni jew involviment tagħha fl-isport f'Malta, li tkun qablet ma' u tkun soġġetta għal dawn ir-*Regolamenti dwar l*-Anti-Doping u li tkun aċċettat li tkun taħt il-ġurisdizzjoni ta' *NADOMALTA* biex jiġu infurzati dawn ir-*Regolamenti dwar l*-Anti-Doping, inklużi l-*Konsegwenzi* kollha għall-ksur tagħhom, u għall-ġurisdizzjoni tal-*panels* ta' smigħ speċifikati fir-Regolamenti 8 sa 13 biex jisimgħu u jiddeterminaw każijiet u appelli li jinġiebu taħt dawn ir-*Regolamenti dwar l*-Anti-Doping.

(2) Fi ħdan il-grupp ġenerali ta' *Atleti* fuq imsemmija li huma marbutin taħt, u meħtieġa li josservaw dawn ir-*Regolament dwar l*-Anti-Doping, l-*Atleti* li ġejjin għandhom jitqiesu bħala *Atleti* ta' *Livell Nazzjonali* għall-finijiet ta' dawn ir-*Regolamenti dwar l*-Anti-Doping, u, għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' dawn ir-*Regolamenti dwar l*-Anti-Doping li japplkaw għal *Atleti* ta' *Livell Nazzjonali* għandhom japplikaw għal tali *Atleti*:

(a) *Atleti* li huma membri jew detenturi ta' liċenza ta' xi *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* f'Malta jew xi *Organizzazzjoni* oħra affiljata ma' *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* inklużi assoċjazzjonijiet, klabbs, timijiet jew lega;

(b) *Atleti* li jipparteċipaw jew jikkompetu f'xi *Kompetizzjoni*, *Avveniment*, jew attività, li hi organizzata, rikonoxxuta jew ospitata minn *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali*, minn xi assoċjazzjoni, *Organizzazzjoni*, klabb, tim, jew lega affilijati jew mill-Gvern ta' Malta;

(ċ) kull *Atleta* ieħor li, bis-saħħa ta' akkreditament, liċenza jew xi arranġament kuntrattwali ieħor, jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' *organizzazzjoni sportiva nazzjonali* f'Malta jew xi assoċjazzjoni, *Organizzazzjoni*, klabb, tim jew lega f'Malta affiljati għall-finijiet tal-ġlieda kontra d-*doping* fl-isport f'Malta;

(d) *Atleti* li jipparteċipaw f'xi attività organizzata, rikonoxxuta, jew ospitata minn organizzatur ta' *Avveniment Nazzjonali* jew xi lega oħra nazzjonali u li mhuwiex affiljat mod ieħor ma' *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali*:

Hekk iżda li, jekk dawn l-*Atleti* huma kklassifikati mill-*Federazzjonijiet Internazzjonali* rispettivi tagħhom bħala *Atleti* ta' *Livell Internazzjonali*, allura għandhom jiġu kkunsidrati bħala *Atleti ta' Livell Internazzjonali* (u mhux bħala

Atleti ta' Livell Nazzjonali) għall-finijiet ta' dawn ir-*Regolamenti dwar l-*Anti-Doping.

REGOLAMENT 2 KSUR TAR-REGOLI TAL-*ANTI-DOPING*

L-għan tar-Regolament 2 hu li jispeċifika ċ-ċirkostanzi u l-imġieba li jikkostitwixxu ksur ta' regoli tal-*anti-doping*. Is-smigħ ta' każijiet ta' *doping* għandu jipproċedi fuq il-bażi li kien hemm ksur ta' xi regola speċifika waħda jew aktar ta' dan ir-regolament. L-*Atleti* jew *Persuni* oħra huma responsabbli għall-għarfien dwar x'jikkostitwixxi ksur tar-regoli tal-*anti-doping* u s-sustanzi u metodi li ġew inklużi fil-*Lista Projbita*.

Dawn li ġejjin huma ksur tar-regoli tal-*anti-doping*:

(1) **Preżenza ta' *Sustanza Projbita* jew il-*Metaboliti* jew *Markers* tagħha f'*Kampjun* ta' *Atleta***

(a) Hu d-dover personali ta' kull *Atleta* li l-ebda *Sustanza Projbita* ma tidħol f'ġismu. L-*Atleti* huma responsabbli għal kull *Sustanza Projbita* jew il-*Metaboliti* jew *Markers* tagħha misjuba preżenti f'*Kampjuni* tagħhom. Għalhekk, mhux neċessarju li intenzjoni, *Tort*, *Negliġenza* jew konoxxenza tal-*Użu* min-naħa tal-*Atleta* jiġu ppruvati sabiex jiġi stabbilit ksur tar-regoli tal-*anti-doping* skont ir-Regolament 2(1).

(b) Prova suffiċjenti tal-ksur tar-regoli tal-*anti-doping* taħt ir-Regolament 2(1) tiġi stabbilita permezz ta' waħda minn dawn li ġejjin: preżenza ta' *Sustanza Projbita* jew il-*Metaboliti* jew *Markers* tagħha fil-*Kampjun* A tal-*Atleta* fejn l-*Atleta* jirrifjuta li jagħmel l-analiżi tal-*Kampjun* B u l-*Kampjun* B ma jiġix analizzat; jew fejn il-*Kampjun* B tal-*Atleta* jiġi analizzat u l-analiżi tal-*Kampjun* B tal-*Atleta* tikkonferma l-preżenza ta' *Sustanza Projbita* jew il-*Metaboliti* jew *Markers* tagħha misjuba fil-*Kampjun* A tal-*Atleta*; jew, fejn il-*Kampjun* A jew il-*Kampjun* B tal-*Atleta* jiġu maqsuma f'żewġ (2) partijiet u l-analiżi tal-parti konfermata tal-*Kampjun* maqsum tikkonferma l-preżenza tas-*Sustanza Projbita* jew il-*Metaboliti* jew *Markers* misjuba fl-ewwel parti tal-*Kampjun* maqsum jew l-*Atleta* jirrifjuta l-analiżi tal-parti konfermata tal-*Kampjun* maqsum.

(ċ) Ħlief għal dawk is-sustanzi li għalihom jiġi speċifikatament identifikat *Limitu ta' Deċiżjoni* fil-*Lista Projbita* jew f'*Dokument Tekniku*, il-preżenza ta' kwantità rrappurtata ta' *Sustanza Projbita* jew il-*Metaboliti* jew *Markers* tagħha f'*Kampjun* ta' *Atleta* għandha tikkostitwixxi ksur ta' regola tal-*anti-doping*.

(d) Bħala eċċezzjoni għar-regola ġenerali tar-Regolament 2(1), il-*Lista Projbita*, *Standards Internazzjonali* jew *Dokumenti Tekniċi* jistgħu jistabbilixxu kriterji speċjali għall-evalwazzjoni ta' ċerti *Sustanzi Projbiti*.

(2) ***L-Użu* jew *Tentattiv tal-Użu* min-naħa ta' *Atleta* ta' *Sustanza Projbita* jew *Metodu Projbit***

(a) Hu d-dover personali ta' kull *Atleta* li jassigura li l-ebda *Sustanza Projbita* ma tidħol f'ġismu u li l-ebda *Metodu Projbit* ma jiġi użat. Għalhekk, mhux neċessarju li l-intenzjoni, *Tort*, *Negliġenza* jew konoxxenza tal-*Użu* min-naħa tal-*Atleta* jiġu ppruvati sabiex jiġi stabbilit ksur tar-regoli tal-*anti-doping* għall-*Użu* ta' *Sustanza Projbita* jew *Metodu Projbit.*

(b) Is-suċċess jew falliment tal-*Użu* jew *Tentattiv tal-Użu* ta' *Sustanza Projbita* jew *Metodu Projbit* mhuwiex materjali. Hu biżżejjed li s-*Sustanza Projbita* jew *Metodu Projbit* ikunu *Ntużaw* jew sar *Tentattiv biex Jintużaw* sabiex isir il-ksur tar-regoli tal-*anti-doping.*

(3) **Evażjoni, Rifjut, jew Nuqqas ta' Sottomissjoni għall-ġbir ta' *Kampjun* minn *Atleta***

L-evażjoni ta' ġbir ta' *Kampjun*; jew rifjut jew nuqqas ta' sottomissjoni għall-ġbir ta' *Kampjun* minn *Atleta* mingħajr ġustifikazzjoni konvinċenti wara n-notifika minn *Persuna* debitament awtorizzata.

(4) **Nuqqas minn *Atleta* li jinnotifika fejn ikun qiegħed**

Kull tgħaqqid ta' tlett (3) testijiet maqbuża, u jew nuqqasijiet ta' reġistrazzjoni, kif imfissra fl-*Istandard Internazzjoniali* għall-*Ġestjoni tar-Riżultati*, f'perjodu ta' tnax (12)-il xahar min-naħa ta' *Atleta* fi *Grupp Reġistrat ta' Ittestjar.*

(5) ***It-Tagħbis* jew it-*Tentattiv ta' Tbagħbis* ta' kull parti tal-*Kontroll* tad-*Doping* minn *Atleta* jew *Persuna* Oħra**

(6) **Il-*Pussess* ta' *Sustanza Projbita* jew ta' *Metodu Projbit* minn *Altleta* jew minn *Persunal tal-Appoġġ ta' Atleta***

(a) Il-*Pussess* minn *Atleta Waqt Kompetizzjoni* ta' kull *Sustanza Projbita* jew kull *Metodu Projbit*, jew *Pussess* minn *Atleta Barra minn Kompetizzjoni* ta' kull *Sustanza Projbita* jew kull *Metodu Projbit* li huma projbiti *Barra minn Kompetizzjoni*, sakemm l-*Atleta* ma jistabbilixxix li l-*Pussess* hu konsistenti ma' *Ezenzjoni għal Użu Terapewtiku* ("*TUE*") mogħtija b'mod konformi mar-Regolament 4(4) jew ġustifikazzjoni aċċettabbli oħra.

(b) Il-*Pussess* minn *Persunal tal-Appoġġ tal-Atleta Waqt Kompetizzjoni* ta' kull *Sustanza Projbita* jew *Metodu Projbit*, jew *Pussess* minn *Persunal tal-Appoġġ tal-Atleta Barra minn Kompetizzjoni* ta' kull *Sustanza Projbita* jew kull *Metodu Projbit* li huma projbiti *Barra minn Kompetizzjoni* b'konnessjoni mal-*Atleta*, *Kompetizzjoni* jew taħriġ, kemm-il darba l-*Persunal tal-Appoġġ tal-Atleta* ma jistabbilixxix li l-pussess huwa

konsistenti ma' TUE mogħtija lil *Atleta* b'mod konformi mar-Regolament 4(4) jew ġustifikazzjoni aċċettabbli oħra.

(7) **It-*Traffikar* jew *Tentattiv ta' Traffikar* ta' kull *Sustanza Projbita* jew *Metodu Projbit* minn *Atleta* jew *Persuna* Oħra**

(8) **Is-*Somministrazzjoni* jew *Tentattiv ta' Somministrazzjoni* minn *Atleta* jew *Persuna* Oħra lil xi *Atleta Waqt Kompetizzjoni* ta' kull *Sustanza Projbita* jew *Metodu Projbit*, jew *Somministrazzjoni* jew *Tentattiv ta' Somministrazzjoni* lil xi *Atleta Barra minn Kompetizzjoni* ta' kull *Sustanza Projbita* jew kull *Metodu Projbit* li huma projbiti *Barra minn Kompetizzjoni***

(9) ***Kompliċità* jew *Tentattiv* ta' *Kompliċità* minn *Atleta* jew *Persuna* Oħra**

L-assistenza, l-inkoraġġament, l-għajnuna, it-tħajjir, ħabi jew kull forma oħra ta' kompliċità intenzjonata jew it-*Tentattiv* ta' kompliċità li tinvolvi l-ksur tar-regoli tal-*anti-doping*, it-*Tentattiv* ta' ksur tar-regoli tal-*anti-doping* u l-ksur tar-Regolament 10(14)(a) minn *Persuna* oħra.

(10) **Assoċjazzjoni Projbita minn *Atleta* jew *Persuna* Oħra**

(a) L-assoċjazzjoni min-naħa ta' *Atleta* jew *Persuna* oħra suġġetta għall-ġurisdizzjoni ta' *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* f'kapaċità professjonali, jew relatata mal-isport, ma' *Persunal tal-Appoġġ tal-Atleta* li:

(i) Jekk suġġetta għall-ġurisdizzjoni ta' *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping*, qed isservi perjodu ta' *Ineliġibilità*; jew

(ii) jekk mhux suġġetta għall-ġurisdizzjoni ta' *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping*, u fejn l-*Ineliġibilità* ma ġietx indirizzata fi *Proċess tal-Ġestjoni tar-Riżultati* skont il-*Kodiċi*, ġiet misjuba ħatja, jew misjuba fi proċedura kriminali, dixxiplinarja jew professjonali, li kienet involuta f'imġieba li kienet tkun tikkostitwixxi ksur tar-regoli tal-*anti-doping* li kieku regoli konformi mal-*Kodiċi* kienu jkunu applikabbli għal dik il-*Persuna*. L-istat ta' skwalifika ta' dik il-*Persuna* għandu jibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' sitt (6) snin mid-deċiżjoni kriminali, professjonali jew dixxiplinarja, jew sakemm tibqa' fis-seħħ is-sanzjoni kriminali, dixxiplinarja jew professjonali imposta; jew

(iii) qed isservi bħala front jew intermedjarju għal individwu deskritt fis-subparagrafu (i) jew (ii).

(b) Sabiex jiġi stabbilit ksur tas-subregolament (10) l-*Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* għandha tistabbilixxi li l-*Atleta* jew il-*Persuna* kienu jafu l-istatus ta' skwalifika tal-*Persunal tal-Appoġġ tal-Atleta.*

L-*Atleta* jew *Persuna* oħra għandhom l-oneru li jistabbilixxu li kull assoċjazzjoni mal-*Persunal tal-Appoġġ tal-Atleta* kif imsemmi fil-paragrafu (a)(i) jew (ii) mhijiex f'kapaċità professjonali jew relatata mal-isport u, jew li tali assoċjazzjoni ma setgħetx raġjonevolment tiġi evitata.

Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping li jkunu jafu dwar *Persunal tal-Appoġġ tal-Atleta* li jaqgħu taħt il-kriterji deskritti fil-paragrafu (a)(i), (ii) jew (iii) għandhom jissottomettu dik l-informazzjoni lill-*WADA*.

(11) ***Atti* minn *Atleta* jew *Persuna* Oħra biex Jiskoraġġaw jew Jirritaljaw Kontra Rappurtar lill-Awtoritajiet**

Meta tali mġieba ma tikkostitwix mod ieħor ksur tas-subregolament (5):

(a) kull att li jhedded jew hu maħsub biex jintimida *Persuna* oħra bil-għan li jiskoraġġixxi l-*Persuna* mir-rappurtar *bona fide* ta' informazzjoni li għandha x'taqsam ma' ksur allegat ta' regola tal-*anti-doping* jew l-allegat nuqqas ta' konformità tal-Kodiċi lil-*WADA*, *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping*, infurzar tal-liġi, korp regolatorju, korp dixxilinarju professjonali, korp ta' smigħ jew *Persuna* li twettaq investigazzjoni għall-*WADA* jew għal *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping*;

(b) ritaljazzjoni kontra *Persuna* li *bona fide* pprovdiet evidenza jew informazzjoni li għandha x'taqsam ma' ksur allegat ta' regola tal-*anti-doping* jew nuqqas ta' konformità mal-*Kodiċi* lill-*WADA*, *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping*, infurzar tal-liġi, korp regolatorju, korp dixxilinarju professjonali, korp ta' smigħ jew *Persuna* li twettaq investigazzjoni għall-*WADA* jew għal *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping*.

Għall-finijiet ta' dan is-subregolament, ritaljazzjoni, theddid u intimidazzjoni jinkludu att meħud kontra tali *Persuna* jew għax l-att għandu nuqqas ta' bażi ta' *bona fide*, jew hu risposta disproporzjonata.

REGOLAMENT 3 PROVA TA' *DOPING*

3. (1) **Piż u *Standards* ta' Prova**

L-ADC għandha l-oneru li tistabbilixxi jekk sarx ksur tar-regoli tal-*anti-doping*. L-i*standard* tal-prova jkun jekk l-ADC stabilixxietx ksur ta' regola tal-*anti-doping* għas-sodisfazzjon komfortabbli tal-*panel* tas-smigħ waqt li tingħata konsiderazzjoni għas-serjetà tal-allegazzjoni li tkun qed issir. L-i*standard* tal-prova fil-każijiet kollha hu ogħla minn sempliċi bilanċ tal-probabbiltà iżda inqas minn prova bla ebda dubju raġjonevoli. Fejn dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* jpoġġu l-piż tal-prova fuq l-*Atleta* jew *Persuna* oħra li allegatament ikkommettiet ksur tar-regoli tal-*anti-doping* sabiex tirrespinġi preżunzjoni jew tistabbilixxi fatti jew ċirkostanzi speċifiċi, ħlief kif previst fis-subregolament (2)(b) u (ċ), il-grad tal-prova għandu jkun dak ta' bilanċ tal-probabbiltà.

B 754

(2) **Metodi ta' kif jiġu Stabbiliti Fatti u Suppożizzjonijiet**

Fatti relatati ma' ksur tar-regoli tal-*anti-doping* jistgħu jiġu stabbiliti permezz ta' kull mezz affidabbli, inklużi ammissjonijiet. Ir-regoli dwar provi li ġejjin għandhom ikunu applikabbli f'każi tad-*doping*:

(a) metodi analitiċi jew *Limiti ta' Deċiżjoni* approvati mill-*WADA* wara konsultazzjoni fi ħdan il-komunità xjentifika rilevanti u li kienu suġġetti għal *peer review* huma preżunti li huma xjentifikament validi. Kull *Atleta* jew *Persuna* oħra li tfittex li tirribatti jekk il-kundizzjonijiet għal din il-preżunzjoni ntlaħqux jew biex tirribatti din il-preżunzjoni ta' validità xjentifika għandha, bħala kundizzjoni preċedenti għal tali oġġezzjoni, l-ewwel tinnotifika lill-*WADA* dwar l-oġġezzjoni u l-bażi tal-oġġezzjoni. Il-korp inizjali ta' smigħ, il-korp tal-appell jew il-*CAS*, fuq inizjattiva tiegħu, jista' jinforma ukoll lill-*WADA* dwar oġġezzjoni bħal din. Fi żmien għaxart (10) ijiem minn meta l-*WADA* tirċievi tali notifika, u l-faxxikolu li jirrigwarda tali oġġezzjoni, il-WADA għandu jkollha wkoll id-dritt li tintervjeni bħala parti, tidher bħala *amicus curiae* jew tippreżenta mod ieħor provi fi proċeduri bħal dawn. F'każijiet quddiem il-*CAS*, fuq talba tal-*WADA*, il-*panel* tal-*CAS* għandu jaħtar espert xjentifiku xieraq biex jassisti lill-*panel* fl-evalwazzjoni tal-oġġezzjoni;

(b) hu preżunt li laboratorji akkreditati mill-*WADA*, u laboratorji oħra approvati mill-*WADA*, iwettqu l-analiżi tal-*Kampjun* u proċeduri ta' kustodja b'mod konformi mal-*Istandard Internazzjonali* għal Laboratorji. L-*Atleta* jew *Persuna* oħra jistgħu jirribattu din il-preżunzjoni billi jistabbilixxu li seħħet devjazzjoni mill-*Istandard Internazzjonali* għal Laboratorji li setgħet ikkawżat b'mod raġjonevoli s-*Sejba Analitika Avversa*.

Jekk l-*Atleta* jew *Persuna* oħra jirrespinġi l-preżunzjoni preċedenti billi juri li seħħet devjazzjoni mill-*Istandard Internazzjonali* għal laboratorji li setgħet ikkawżat b'mod raġjonevoli s-*Sejba Analitika Avversa*, allura f'dak il-każ l-ADC ikollha l-oneru li tistabbilixxi li din id-devjazzjoni ma kkawżatx is-*Sejba Analitika Avversa*;

(ċ) devjazzjonijiet minn xi *Standard Internazzjonali* ieħor jew regola jew politika oħra tal-*anti-doping* stabbiliti fil-*Kodiċi* jew f'dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* ma għandhomx jinvalidaw dawn riżultati analitiċi jew evidenza oħra ta' ksur ta' regola tal-*anti-doping*, u ma jkunux ta' difiża kontra l-ksur ta' regola tal-*anti-doping*:

Iżda jekk l-*Atleta* jew *Persuna* oħra jistabbilixxu li devjazzjoni minn waħda mid-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' *Standards Internazzjonali* elenkati hawn aktar 'l isfel setgħet ikkawżat b'mod raġjonevoli l-ksur ta' regola tal-*anti-doping* ibbażata fuq *Sejba Analitika Avversa* jew nuqqas dwar *whereabouts*, f'dak il-każ l-ADC għandha l-oneru li tistabbilixxi li dik id-devjazzjoni ma kkawżatx is-*Sejba Analitika Avversa* jew in-nuqqas dwar

whereabouts;

(i) devjazzjoni minn *Standard Internazzjonali* għall-*Ittestjar* u Investigazzjonijiet li jirrigwardaw il-ġbir ta' *Kampjun* jew l-immaniġġar ta' *Kampjun* li setgħet b'mod raġjonevoli tikkawża ksur ta' regola tal-*anti-doping* bbażata fuq *Sejba Analitika Avversa*, f'liema każ l-ADC ikollha l-oneru li tistabbilixxi li tali devjazzjoni ma kienitx il-kawża tas-*Sejba Analitika Avversa*;

(ii) devjazzjoni minn *Standard International* għall-*Ġestjoni tar-Riżultati* jew *Standard Internazzjonali* għall-*Ittestjar* u Investigazzjonijiet li jirrigwardaw *Sejba tal-Passaport Avversa* li setgħet b'mod raġjonevoli tikkawża ksur ta' regola tal-*anti-doping*, f'liema każ l-ADC ikollha l-oneru li tistabbilixxi li tali devjazzjoni ma kienitx il-kawża tal-ksur tar-regola tal-*anti-doping*;

(iii) devjazzjoni minn *Standard International* għall-*Ġestjoni tar-Riżultati* li jirrigwarda l-ħtieġa li jingħata avviż lill-*Atleta* dwar il-ftuħ tal-*Kampjun* B li setgħet b'mod raġjonevoli tikkawża ksur ta' regola tal-*anti-doping* bbażata fuq *Sejba Analitika Avversa*, f'liema każ l-ADC ikollha l-oneru li tistabbilixxi li tali devjazzjoni ma kienitx il-kawża tas-*Sejba Analitika Avversa*;

(iv) devjazzjoni minn *Standard International* għall-*Ġestjoni tar-Riżultati* li jirrigwarda notifika lil *Atleta* li setgħet b'mod raġjonevoli tikkawża ksur ta' regola tal-*anti-doping* bbażata fuq nuqqas dwar *whereabouts*, f'liema każ l-ADC ikollha l-oneru li tistabbilixxi li tali devjazzjoni ma kienitx il-kawża tan-nuqqas ta' informazzjoni fejn jinsab l-*Atleta*;

(d) il-fatti stabbiliti b'deċiżjoni ta' qorti jew tribunal dixxiplinari professjonali ta' ġurisdizzjoni kompetenti li ma jkunux suġġetti għal appell pendenti jikkostitwixxu evidenza irribattibbli kontra l-*Atleta* jew *Persuna* oħra li dwarhom il-fatti jappartjenu sakemm l-*Atleta* jew il-*Persuna* l-oħra ma jistabbilixxux li d-deċiżjoni kisret il-prinċipji tal-ġustizzja naturali;

(e) il-*panel* tas-smigħ f'seduta dwar ksur ta' regola tal-*anti-doping* jista' jista' jagħmel inferenza avversa għall-*Atleta* jew *Persuna* oħra li allegatament ikkomettiet ksur ta' regola tal-*anti-doping* fuq il-bażi tar-rifjut tal-*Atleta* jew *Persuna* oħra, wara talba magħmula fi żmien raġjonevoli qabel is-smigħ, sabiex tidher għas-smigħ (jew bil-preżenza tagħha jew b'mod telefoniku kif deċiż mill-*panel*) u twieġeb għal mistoqsijiet mill-*panel* tas-smigħ jew mill-NADDP.

B 756

REGOLAMENT 4 IL-*LISTA PROJBITA*

4. (1) **Inkorporazzjoni tal-*Lista Projbita***

Dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* jinkorporaw il-*Lista Projbita* li hi ppubblikata u riveduta mill-*WADA*. *NADOMALTA* għandha tippubblika il-*Lista Projbita*, kif emendata u ppubblikata mill-*WADA* skont l-Artikolu 4.1 tal-*Kodiċi*, fil-Gazzetta, kif ukoll tagħmel il-*Lista Projbita* attwali disponibbli lil kull assoċjazzjoni sportiva nazzjonali u kull assoċjazzjoni sportiva nazzjonali għandha tassigura li l-*Lista Projbita* attwali hi disponibbli għall-membri reġistrati tagħha.

Sakemm ma jkunx dispost mod ieħor fil-*Lista Projbita* jew f'reviżjoni, il-*Lista Projbita* u r-reviżjonijiet għandhom jidħlu fis-seħħ taħt dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* tliet (3) xhur wara l-pubblikazzjoni tal-*Lista Projbita* mill-*WADA* mingħajr il-ħtieġa ta' xi azzjoni oħra min-*NADOMALTA*. L-*Atleti* u *Persuni* oħra għandhom id-dmir li jkunu jafu sewwa l-iktar verżjoni aġġornata tal-*Lista Projbita* u kull reviżjoni li ssir għaliha.

(2) ***Sustanzi Projbiti* u *Metodi Projbiti* Identifikati fil-*Lista Projbita***

(a) *Sustanzi Projbiti* u *Metodi Projbiti*

Il-*Lista Projbita* għandha tidentifika dawk is-*Sustanzi Projbiti* u *Metodi Projbiti* li huma pprojbiti bħala *doping* fi kwalunkwe ħin (kemm *Waqt Kompetizzjoni* kif ukoll *Barra minn Kompetizzjoni*) minħabba fil-potenzjal tagħhom li jżidu l-prestazzjoni f'*Kompetizzjonijiet* futuri jew il-potenzjal tagħhom li jaħbu, u dawk is-sustanzi u metodi li huma pprojbiti biss *Waqt Kompetizzjoni.* Il-*Lista Projbita* tista' tiżdied mill-*WADA* għal xi sport partikolari. *Sustanzi Projbiti* u *Metodi Projbiti* jistgħu jiġu inklużi fil-*Lista Projbita* permezz ta' kategorija ġenerali jew permezz ta' riferenza speċifika għal sustanza jew metodu partikolari.

(b) *Sustanzi Projbiti* jew *Metodi Projbiti*

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament 10, is-*Sustanzi Projbiti* kollha għandhom ikunu *Sustanzi Speċifikati* minbarra kif identifikati fil-*Lista Projbita*. L-ebda *Metodu Projbit* ma jkun *Metodu Speċifikat* sakemm ma jkunx speċifikatament identifikat bħala *Metodu Speċifikat* fil-*Lista Projbita*.

(ċ) *Sustanzi ta' Abbuż*

Għall-finijiet tar-Regolament 10, *Sustanzi ta' Abbuż* għandhom jinkludu dawk is-*Sustanzi Projbiti* li huma speċifikatament identitfikati bħala *Sustanzi ta' Abbuż* fuq il-*Lista Projbita* minħabba li huma ta' spiss abbużati fis-soċjetà lil hinn mill-kuntest tal-isport.

(3) **Id-Determinazzjoni tal-*WADA* ta' *Lista Projbita***

Id-determinazzjoni tal-*WADA* ta' *Sustanzi Projbiti* u *Metodi Projbiti* li jiġu inklużi fil-*Lista Projbita*, il-klassifikazzjoni ta' sustanzi f'kategoriji fil-*Lista Projbita*, il-klassifikazzjoni ta' sustanza bħala projbita f'kull ħin jew *Waqt Kompetizzjoni* biss, il-klassifikazzjoni ta' sustanza jew metodu bħala *Sustanza Speċifikata*, *Metodu Speċifikat* jew *Sustanza ta' Abbuż* hija finali u mgħandhiex tkun soġġetta għal xi oġġezzjoni minn *Atleta* jew *Persuna* oħra inkluża, iżda mhux limitata għal, xi oġġezzjoni bbażata fuq argument li s-sustanza jew metodu mhumiex sustanza li taħbi (*masking agent*) jew ma kellhiex il-potenzjal li żżid il-prestazzjoni, tirrappreżenta riskju għas-saħħa jew tmur kontra l-ispirtu tal-isport.

(4) *Eżenzjonijiet għal Użu Terapewtiku* ("*TUEs*")

(a) Il-preżenza ta' *Sustanza Projbita* jew il-*Metaboliti* jew *Markers* tagħha, u, jew l-*Użu* jew *Tentattiv* ta' *Użu*, il-*Pussess* jew is-*Somministrazzjoni* jew it-*Tentattiv* tas-*Somministrazzjoni* ta' *Sustanza Projbita* jew *Metodu Projbit* konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' *TUE* maħruġa skont l-*Istandard Internazzjonali* għal *Eżenzjonijiet għal Użu Terapewtiku*.

(b) Proċess tal-Applikazzjoni tat-*TUE*

(i) Kull *Atleta*, li mhuwiex atleta ta' *Livell Internazzjonali*, għandu japplika għand *NADOMALTA* għal *TUE* malajr kemm jista' jkun, ħlief fejn japplikaw is-subregolamenti (1) jew (3) tal-*Istandard Internazzjonali* għal *Eżenzjonijiet għal Użu Terapewtiku*. L-applikazzjoni għandha ssir skont ir-Regolament 6 tal-*Istandard Internazzjonali* għal *Eżenzjonijiet għal Użu Terapewtiku* kif jinsab fis-sit tal-web ta' *NADOMALTA*.

(ii) Il-Ministru responsabbli għall-Isport għandu jwaqqaf *panel* (Kumitat dwar *Eżenzjonijiet għal Użu Terapewtiku* ("TUEC")) biex jikkunsidra applikazzjonijiet għall-għoti ta' *TUE*s skont l-*indents* (A) sa (D) hawn aktar 'l isfel:

(A) It-TUEC għandu jikkonsisti f'*Chairperson* u sitt (6) membri oħra b'esperjenza fil-kura u t-trattament ta' *Atleti* u għerf kbir ta' mediċina klinika, sportiva u tal-eżerċizzju. Kull membru maħtur għandu jservi għal perjodu ta' tliet (3) snin.

(B) Qabel ma jservi bħala membru tat-TUEC, kull membru għandu jiffirma dikjarazzjoni dwar kunflitt ta' interess u kunfidenzjalità. Il-membri maħtura mgħandhomx ikunu membri ta' *NADOMALTA*.

(Ċ) Meta ssir applikazzjoni lil *NADOMALTA* għall-għoti ta' *TUE*, iċ-*Chairperson* tat-TUEC għandu jappunta tliet (3) membri (li jistgħu jinkludu ċ-*Chairperson*) biex jikkunsidraw l-applikazzjoni.

(D) Qabel ma jikkonsidra applikazzjoni għal *TUE*, kull membru għandu jiżvela liċ-*Chairperson* kull ċirkostanza li x'aktarx tista' taffettwa l-imparzjalità tagħhom fir-rigward tal-*Atleta* li jagħmel l-applikazzjoni. Jekk membru appuntat miċ-*Chairperson* biex jikkonsidra applikazzjoni ma jixtieqx jew ma jistax jivvaluta l-applikazzjoni ta' *Atleta* għal *TUE*, għal kwalunkwe raġuni, iċ-*Chairperson* jista' jappunta sostitut jew jappunta TUEC ġdid. Iċ-*Chairperson* ma jistax iservi bħala membru tat-TUEC jekk jkun hemm ċirkostanzi li x'aktarx jaffettwaw l-imparzjalità tad-deċiżjoni tat-*TUE*.

(iii) It-TUEC għandu tempestivament jivvaluta u jiddeċiedi dwar l-applikazzjoni skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-*Istandard Internazzjonali* għal *Eżenzjonijiet għal Użu Terapewtiku* u ġeneralment, sakemm ma jkunux japplikaw ċirkostanzi eċċezzjonali, fi żmien wieħed u għoxrin (21) ġurnata minn meta jirċievi applikazzjoni kompleta. Meta ssir applikazzjoni fi żmien raġjonevoli qabel *Avveniment*, it-TUEC għandu jagħmel minn kollox sabiex joħroġ id-deċiżjoni tiegħu qabel il-bidu tal-*Avveniment*.

(iv) Id-deċiżjoni tat-TUEC tkun id-deċiżjoni finali ta' *NADOMALTA* u tista' tiġi appellata skont il-paragrafu (f). Id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata bil-miktub lill-*Atleta*, u lil *WADA* u *Organizzazzjonijiet* oħra tal-*Anti-Doping* konformement mal-*Istandard Internazzjonali* għal *Eżenzjonijiet għal Użu Terapewtiku*. Għandha tiġi ukoll irrappurtata fl-*ADAMS*.

(ċ) Applikazzjonijiet għal *TUE*s Retroattivi

Jekk l-ADC tagħżel li tittestja *Atleta* li mhuwiex *Atleta* ta' *Livell Internazzjonali* jew *Atleta* ta' *Livell Nazzjonali*, *NADOMALTA* għandha tippermetti li dak l-*Atleta* japplika għal *TUE* retroattiva għal kull *Sustanza Projbita* jew *Metodu Projbit* li hu jew hi jkun/tkun qed Juża/Tuża għal raġunijiet terapewtiċi.

(d) Rikonoxximent ta' *TUE*

TUE mogħti minn TUEC ikun validu f'kull livell nazzjonali f'kull pajjiż u ma hemm l-enda bżonn li jiġi rikonoxxut minn xi *Organizzazzjoni Nazzjonali* tal-*Anti-Doping* oħra.

Madankollu, ma tkunx awtomatikament valida jekk l-*Atleta* jsir *Atleta* ta' *Livell Internazzjonali* jew jikkompeti f'*Avveniment Internazzjonali*, sakemm ma tkunx rikonoxxuta mill-*Federazzjoni Internazzjonali* rilevanti jew *Organizzazzjoni ta' Avveniment Maġġuri* konformement mal-*Istandard Internazzjonali* għal *Eżenzjonijiet għal Użu Terapewtiku* kif ġej:

(i) Fejn l-*Atleta* diġà għandu *TUE* mogħtija mit-TUEC għas-sustanza jew metodu inkwistjoni, sakemm it-*TUE* mhux ser tkun awtomatikament rikonoxxuta mill-*Federazzjoni Internazzjonali* jew mill-*Organizzazzjoni ta' Avveniment Maġġuri*, l-*Atleta* għandu japplika għand il-*Federazzjoni Internazzjonli* tiegħu jew għand l-*Organizzazzjoni ta' Avveniment Maġġuri* biex jirrikonoxxu dik it-*TUE*. Jekk dik it-*TUE* tilħaq il-kriterji stabbiliti fl-*Istandard Internazzjonali* għal *Eżenzjonijiet għal Użu Terapewtiku*, allura il-*Federazzjoni Internazzjonali* jew l-*Organizzazzjoni ta' Avvenimenti Maġġuri* għandhom jirrikonoxxuha.

Jekk il-*Federazzjoni Internazzjonali* jew l-*Organizzazzjoni ta' Avvenimenti Maġġuri* tikkunsidra li t-*TUE* mogħtija mit-TUEC ma tilħaqx dawk il-kriterji u għalhekk tirrifjuta milli tirrikonoxxiha, il-*Federazzjoni Nazzjonali* għandha tinnotifika lill-*Atleta* u lill-*NADOMALTA* minnufih bir-raġunijiet għar-rifjut. L-*Atleta* u, jew *NADOMALTA* jkollhom wieħed u għoxrin (21) ġurnata minn tali notifika biex jirreferu l-każ lill-*WADA* għar-reviżjoni skont il-paragrafu (f).

Jekk il-każ jiġi riferut lill-*WADA* għar-reviżjoni skont il-paragrafu (f), it-TUE mogħtija mit-TUEC tibqa' valida għal *Kompetizzjonijiet* ta' livell nazzjonali u *Ttestjar Barra minn Kompetizzjoni* (imma mhijiex valida għal *kompetizzjoni* ta' livell internazzjonali) sakemm toħroġ id-deċiżjoni tal-*WADA*.

Jekk il-każ ma jiġix riferut lill-*WADA* għar-reviżjoni fi żmien l-iskadenza ta' wieħed u għoxrin (21) ġurnata, *NADOMALTA* għandha tiddetermina jekk it-*TUE* oriġinali li kienet ingħatat minnha għandha madankollu tibqa' valida għal *Kompetizzjoni* ta' livell nazzjonali jew għal *Ittestjar Barra minn Kompetizzjoni* (hekk iżda li l-*Atleta* jieqaf milli jibqa' *Atleta ta' Livell Internazzjonali* u ma jipparteċipax f'*Kompetizzjoni* ta' livell internazzjonali). Sakemm tingħata d-deċiżjoni ta' *NADOMALTA*, it-*TUE* tibqa' valida għal *Kompetizzjoni* ta' livell nazzjonali u *Ttestjar Barra mill-Kompetizzjoni* (iżda mhijiex valida għal *Atleta* ta' livell internazzjonali).

(ii) F'każ li l-*Atleta* m'għandux diġà *TUE* mogħtija mit-TUEC għas-sustanza jew metodu inkwistjoni, l-*Atleta* għandu japplika direttament lill-*Federazzjoni Internazzjonali* tiegħu għal *TUE* konformement mal-proċess stabbilit fl-*Istandard Internazzjonali għal*

Eżenzjonijiet għal Użu Terapewtiku malli jinħass il-bżonn.

Jekk il-*Federazzjoni Internazzjonali* tirrifjuta l-applikazzjoni tal-*Atleta*, hija għandha tinnotifika lill-*Atleta* minnufih, bir-raġunijiet għar-rifjut.

Jekk il-*Federazzjoni Internazzjonali* tilqa' l-applikazzjoni tal-*Atleta*, hija għandha tinnotifika lill-*Atleta* u lil *NADOMALTA*. Jekk *NADOMALTA* jidhrilha li t-*TUE* mogħtija mill-*Federazzjoni Internazzjonali* ma tilħaqx il-kriterji stabbiliti fl-*Istandard Internazzjonali għal Eżenzjonijiet għal Użu Terapewtiku*, hija għandha wieħed u għoxrin (21) ġurnata minn tali notifika sabiex tirreferi l-kwistjoni lill-*WADA* għal reviżjoni.

Jekk *NADOMALTA* tirreferi l-kwistjoni lill-*WADA* għal reviżjoni, it-*TUE* mogħtija mill-*Federazzjoni Internazzjonali* tibqa' valida għal *Kompetizzjoni* ta' livell internazzjonali u għal *Ittestjar Barra minn Kompetizzjoni*, iżda ma tkunx valida għal *Kompetizzjoni* ta' livell nazzjonali, sakemm toħroġ id-deċiżjoni tal-WADA.

Jekk *NADOMALTA* ma tirriferix il-każ lill-*WADA* għal reviżjoni, it-*TUE* mogħtija mill-Federazzjoni Internazzjonali ssir valida għal *Kompetizzjoni* ta' livell nazzjonali ukoll meta jiskadi t-terminu ta' wieħed u għoxrin (21) ġurnata għar-reviżjoni.

(e) **Għeluq, Irtirar jew Revoka ta' *TUE***

(i) *TUE* mogħtija konformement ma' dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping*:

(A) għandha tiskadi awtomatikament mal-għeluq ta' kull perjodu li għalih tkun ġiet mogħtija, mingħajr il-ħtieġa ta' xi avviż ieħor jew xi formalità oħra;

(B) għandha tiġi rtirata jekk l-*Atleta* ma josservax minnufih xi ħtieġa jew kundizzjoni imposta mit-TUEC mal-għoti tat-*TUE*;

(Ċ) tista' tiġi rtirata mit-TUEC jekk jiġi sussegwentement determinat li l-kriterji għall-għoti ta' *TUE* fil-fatt mhumiex osservati; jew

(D) tista' tiġi revokata wara reviżjoni mill-*WADA* jew wara appell.

(ii) F'dan il-każ, l-*Atleta* ma jkunx suġġett għal xi *Konsegwenzi* bbażati fuq l-*Użu*, jew il-*Pussess* jew is-*Somministrazzjoni* ta' *Sustanza Projbita* jew *Metodu Projbit* inkwistjoni

konformement mat-*TUE* qabel id-data effettiva tal-għeluq, irtirar jew revoka tat-*TUE*. Ir-reviżjoni skont l-Artikolu 5.1.1.1 tal-*Istandard International* għall-*Ġestjoni tar-Riżultati* ta' *Sejba Analitika Avversa*, li tiġi rrappurtata ftit wara l-għeluq, l-irtitar jew ir-revoka ta' *TUE*, għandha tinkludi konsiderazzjoni dwar jekk tali sejba hija konsistenti mal-*Użu* ta' *Sustanza Projbita* jew *Metodu Projbit* qabel dik id-data, f'liema każ ma jiġi imputat l-ebda ksur ta' regola tal-*anti-doping.*

(f) **Reviżjonijiet ta' u Appelli minn Deċiżjonijiet ta' *TUE***

(i) Jekk it-TUEC jirrifjuta applikazzjoni għal *TUE*, l-*Atleta* jista' jappella esklussivament lill-korp ta' appell fuq livell nazzjonali msemmi fir-Regolament 13(2)(b).

(ii) Il-*WADA* għandha tirrevedi deċiżjoni ta' *Federazzjoni Internazzjonali* li ma tirrikonoxxix *TUE* mogħtija mit-TUEC li tiġi riferita lill-*WADA* mill-*Atleta* jew minn *NADOMALTA*. Barra minn dan, *WADA* għandha tirrevedi deċiżjoni ta' *Federazzjoni Internazzjonali* li tagħti *TUE* li tiġi riferita lil *WADA* minn *NADOMALTA*. *WADA* tista' tirrevedi kull deċiżjoni oħra ta' *TUE* fi kwalunkwe ħin, kemm wara talba minn min hu affettwat kif ukoll fuq inizjattiva tagħha stess. Jekk id-deċiżjoni dwar *TUE* li tkun qed tiġi riveduta tosserva l-kriterji stabbiliti fl-*Istandard Internazzjonali* għal *Eżenzjonijiet għal Użu Terapewtiku*, *WADA* ma tindaħalx f'dik id-deċiżjoni. Jekk id-deċiżjoni dwar *TUE* ma tosservax dawk il-kriterji, *WADA* tirrevokaha.

(iii) Kull deċiżjoni dwar TUE meħuda minn *Federazzjoni Internazzjonali* (jew mit-TUEC, fejn ikun qabel li jikkunsidra l-applikazzjoni f'isem *Federazzjoni Internazzjonali*), li mhijiex riveduta mill-*WADA*, jew li hi riveduta mill-*WADA* iżda mhijiex revokata wara r-reviżjoni, tista' tiġi appellata mill-*Atleta* u, jew minn *NADOMALTA*, b'mod esklussiv lill-*CAS.*

(iv) Deċiżjoni mill-WADA li tirrevoka deċiżjoni fuq *TUE* tista' tiġi appellata mill-*Atleta*, *NADOMALTA* u, jew, mill-*Federazzjoni Internazzjonali* affettwata, b'mod esklussiv lill-*CAS*.

(v) In-nuqqas milli tittieħed deċiżjoni fi żmien raġjonevoli fuq applikazzjoni debitament sottomessa għall-għoti/rikonoxximent ta' *TUE* jew għal reviżjoni ta' deċiżjoni fuq *TUE* għandha tiġi kkunsidrata bħala rifjut tal-applikazzjoni, biex b'hekk jiġu attivati d-drittijiet applikabbli dwar reviżjoni/appell.

B 762

REGOLAMENT 5 *ITTESTJAR* U INVESTIGAZZJONIJIET

5. (1) **Għan ta' *Ittestjar* u Investigazzjonijiet**

(a) *Testijiet* u investigazzjonijiet għandhom isiru biss għal skopijiet ta' *anti-doping*. Għandhom jitwettqu konformement mad-dispożizzjonijiet tal-*Istandard Internazzjonali* għal *Testjar* u Investigazzjonijiet.

(b) *Testijiet* għandhom isiru sabiex jinkisbu provi analitiċi dwar jekk *Atleta* kisirx ir-Regolament 2(1) (Preżenza ta' *Sustanza Projbita* jew il-*Metaboliti* jew *Markers* f'*Kampjun* ta' *Atleta*) jew ir-Regolament 2(2) (*Użu* jew *Tentattiv ta' Użu* minn *Atleta* ta' *Sustanza Projbita* jew *Metodu Projbit*).

(2) **Kompetenza biex jiġi ordnat Test**

(a) Bla ħsara għal-limitazzjonijiet dwar *Testjar waqt Avveniment* stabbiliti fis-subregolament (3), l-ADC għandha ġurisdizzjoni kemm *Waqt Kompetizzjoni* kif ukoll *Barra minn Kompetizzjoni* fuq l-*Atleti* kollha speċifikati fir-Regolament 1.

(b) L-ADC tista' titlob lil kull *Atleta* li fuqu għandha ġurisdizzjoni ta' *Testjar* (inkluż *Atleta* li qed iservi perjodu ta' Ineliġibilità) biex jagħti *Kampjun* f'kull ħin u f'kull post.

(ċ) Il-*WADA* jkollha ġurisdizzjoni għal *Testjar* Waqt *Kompetizzjoni* u *Testja Barra minn Kompetizzjoni* kif stabbilit fir-Regolament 20(7)(j).

(d) Jekk *Federazzjoni Internazzjonali* jew *Organizzazzjoni ta' Avvenimenti Maġġuri* tiddelega lil jew tidħol fi ftehim dwar xi parti mit-*Testjar* mal-ADC direttament jew permezz ta' *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali*, l-ADC tista' tiġbor *Kampjuni* addizzjonali jew tordna lill-laboratorju biex iwettaq tipi addizzjonali ta' analiżi bl-ispejjeż fuq l-ADC. Jekk jinġabru *Kampjuni* addizzjonali jew jitwettqu tipi addizzjonali ta' analiżi, il-*Federazzjoni Internazzjonali* jew *l-Organizzazzjoni ta' Avvenimenti Maġġuri* għandhom jiġu notifikati.

(3) ***Ittestjar waqt Avveniment***

(a) Ħlief kif previst mod ieħor hawn aktar 'l isfel, *Organizzazzjoni* waħda biss ikollha ġurisdizzjoni biex twettaq *Testjar* f'*Postijiet fejn isiru Avvenimenti* waqt *Perjodu ta' Avveniment*. F'*Avvenimenti Internazzjonali* li jsiru f'Malta, l-organizzazzjoni internazzjonali li tkun il-korp regolatorju għall-*Avveniment* jkollha ġurisdizzjoni biex twettaq *Testijiet*. F'*Avvenimenti Nazzjonali* li jsiru f'Malta, l-ADC ikollha l-ġurisdizzjoni biex twettaq *Testijiet*. Fuq talba tal-korp regolatorju għal *Avveniment*, kull *Ittestjar* li jsir waqt *Perjodu ta' Avveniment* barra il-*Postijiet fejn isiru Avvenimenti* għandu jiġi koordinat mal-korp regolatorju tal-*Avveniment.*

(b) Jekk *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping*, li mod ieħor kien ikollha ġurisdizzjoni fuq *Ittestjar* iżda ma tkunx responsabbli biex tagħti l-bidu jew tordna *Ttestjar* waqt *Avveniment*, tixtieq tmexxi *Ttestjar* ta' *Atleti* fil-*Postijiet fejn isiru l-Avvenimenti* waqt il-*Perjodu tal-Avveniment*, l-*Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* għandha l-ewwel tikkonsulta mal-korp regolatorju tal-*Avveniment* biex tikseb permess biex tmexxi u tikkoordina tali *Ttestjar*. Jekk l-*Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* ma tkunx soddisfatta bir-rispons tal-korp regolatorju tal-*Avveniment*, l-*Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* tista', konformement mal-proċeduri msemmija fl-*Istandard Internazzjonali* għal *Testjar* u Investigazzjonijiet, titlob lil *WADA* għal permess biex tmexxi *Ttestjar* u biex tiddeċiedi kif għandha tikkoordina tali *Ttestjar*. *WADA* mgħandhiex tagħti l-approvazzjoni għal tali *Ttestjar* qabel ma tikkonsulta ma' u tinforma l-korp regolatorju għall-*Avveniment*. Id-deċiżjoni tal-*WADA* tkun finali u mhux suġġetta għal appell. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-awtorizzazzjoni biex jitmexxa *Ttestjar*, tali testijiet għandhom jitqiesu bħala testijiet *Barra minn Kompetizzjoni*. Il-*Ġestjoni tar-Riżultati* għal kull tali test tkun taħt ir-responsabbiltà tal-*Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* li tagħti l-bidu għat-test sakemm ma jkunx previst mod ieħor fir-regoli tal-korp regolatorju tal-*Avveniment*.

(4) Ħtiġiet tal-***Ittestjar***

(a) L-ADC għandha tmexxi l-ippjanar tat-distribuzzjoni tat-testijiet u l-*Ittestjar* kif meħtieġ mill-*Istandard Internazzjonali* għal *Testjar* u Investigazzjonijiet.

(b) Fejn ikun raġjonevolment fattibbli, l-*Ittestjar* għandu jkun koordinat permezz tal-*ADAMS* sabiex jintlaħaq il-massimu tal-effettività tal-isforz ta' *Ttestjar* konġunt u sabiex jiġi evitat *Ittestjar* ripetitiv ta' bla bżonn.

(5) **Informazzjoni Dwar *Whereabouts***

(a) L-ADC stabbilixxiet *Grupp ta' Testjar Reġistrat* ta' dawk l-*Atleti* li huma meħtieġa li jipprovdu informazzjoni dwar *whereabouts* bil-mod speċifikat fl-*Istandard Internazzjonali* għal *Testjar* u Investigazzjonijiet u li jkunu suġġetti għal *Konsegwenzi* għal ksur tar-Regolament 2(4) kif previst fir-Regolament 10(3)(b). L-ADC għandha tikkoordina l-Federazzjonijiet Internazzjonali biex tidentifika tali *Atleti* u sabiex tiġbor l-informazzjoni dwar *whereabouts*.

(b) L-ADC għandha tagħmel disponibbli permezz tal-*ADAMS* lista li tidentifika dawk l-*Atleti* inklużi fil-*Grupp ta' Testjar Reġistrat* skont l-isem. L-ADC għandha regolarment tirrevedi u taġġorna kif ikun hemm bżonn il-kriterji tagħha biex jiġu inklużi *Atleti* fil-*Grupp ta' Testjar Reġistrat*, u għandha perjodikament (iżda mhux inqas minn kull tliet xhur) tirrevedi l-lista ta' *Atleti* fil-*Grupp ta' Testjar Reġistrat* tagħha sabiex tiżgura li kull *Atleta* elenkat ikompli josserva l-kriterji rilevanti. *Atleti* għandhom jiġu

notifikati qabel ma jiġu inklużi fil-*Grupp ta' Testjar Reġistrat* u meta jitneħħew minn dak il-grupp. In-notifika għandu jkun fiha l-informazzjoni stabbilita fl-*Istandard Internazzjonali* għal *Testjar* u Investigazzjonijiet.

(ċ) Meta *Atleta* jiġi inkluż fil-*Grupp ta' Testjar Reġistrat* mill-Federazzjoni Internazzjonali tiegħu u fi *Grupp ta' Testjar Reġistrat* nazzjonali mill-ADC, l-ADC u l-Federazzjoni Internazzjonali għandhom jiftehmu min minnhom ser jaċċetta r-reġistrazzjonijiet dwar *whereabouts*; f'ebda każ ma għandu *Atleta* jiġi meħtieġ li jirreġistra *whereabouts* lil iktar minn wieħed minnhom.

(d) Konformement mal-*Istandard Internazzjonali* dwar *Testjar* u Investigazzjonijiet, kull *Atleta* fil-*Grupp ta' Testjar Reġistrat* għandu jagħmel dan li ġej:

(i) jinforma/tinforma lill-ADC dwar fejn jinsab/tinsab kull tliet xhur;

(ii) jaġġorna/taġġorna l-informazzjoni kif ikun meħtieġ sabiex tibqa' preċiża u kompleta l-ħin kollu; u

(iii) ikun/tkun disponibbli għal *Testjar* f'tali postijiet fejn ikun/tkun.

(e) Għall-finijiet tar-Regolament 2(4), in-nuqqas ta' *Atleta* li josserva l-ħtiġiet tal-*Istandard Internazzjonali* għal-*Testjar* u Investigazzjonijiet jitqies bħala nuqqas ta' reġistrazzjoni jew test maqbuż.

(f) *Atleta* fil-*Grupp ta' Testjar Reġistrat* tal-ADC għandu jibqa' suġġett għall-obbligu li josserva l-ħtiġiet ta' *whereabouts* stabbiliti fl-*Istandard Internazzjonali* għal *Testjar* u Investigazzjonijiet sakemm u sa meta -

(i) l-*Atleta* ma jagħtix avviż bil-miktub lill-ADC li jkun irtira; jew

(ii) l-ADC ma tkunx infurmatu li mgħadux jissodisfa l-kriterji biex ikun inkluż fil-*Grupp ta' Testjar Reġistrat* tal-ADC.

(g) Informazzjoni Dwar *Whereabouts* provduta minn *Atleta* waqt li jkun fil-*Grupp ta' Testjar Reġistrat* tkun aċċessibbli permezz tal-*ADAMS* lil *WADA* u lil *Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping* oħra li jkollhom ġurisdizzjoni li jittestjaw dak l-*Atleta* kif previst fis-subregolament (2). L-Informazzjoni Dwar *Whereabouts* għandha tinżamm taħt segretezza stretta l-ħin kollu; għandha tintuża esklussivament għal għanijiet ta' ppjanar, koordinazzjoni jew tmexxija ta' *Kontroll tad-Doping*, il-provdiment ta' informazzjoni rilevanti għall-*Passaport Bijoloġiku ta' Atleta* jew riżultati analitiċi oħra, biex tappoġġja investigazzjoni dwar ksur potenzjali ta' regola

tal-*anti-doping*, jew biex tappoġġja proċeduri dwar ksur allegat ta' regola tal-*anti-doping*; u għandha tinqered wara li ma tibqax iktar rilevanti għal dawn l-għanijiet konformement mal-*Istandard Internazzjonali* għall-Protezzjoni u Privatezza ta' Informazzjoni Personali.

(h) Konformement mal-*Istandard Internazzjonali* għal *Testjar* u Investigazzjonijiet, l-ADC stabbilixxiet *Grupp ta' Testjar*, li jinkludi *Atleti* li huma suġġetti għal ħtieġa inqas iebsa dwar *whereabouts* inkużi fil-*Grupp ta' Testjar Reġistrat* tal-ADC.

(i) L-ADC għandha tinnotifika l-*Atleti* qabel ma jiġu inklużi fil-*Grupp ta' Testjar* u meta jitneħħew minnu. Tali notifika għandha tinkludi l-ħtiġiet ta' *whereabouts* u l-*Konsegwenzi* li japplikaw fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza, kif indikat fil-paragrafi (j) u (k).

(j) L-*Atleti* inklużi fi *Grupp ta' Testjar* għandhom jipprovdu lill-ADC l-informazzjoni li ġejja dwar *whereabouts* sabiex ikunu jistgħu jiġu lokalizzati u suġġetti għal *Testjar*:

- indirizz ta' fejn ser jorqdu;
- skeda ta' *Kompetizzjonijiet* / *Avvenimenti*; u
- attivitajiet ta' taħriġ regolari.

Din l-informazzjoni dwar *whereabouts* għandha tiġi reġistrsata fl-*ADAMS* sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar ta' *Testjar* ma' *Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping* oħra.

(k) In-nuqqas min-naħa ta' *Atleta* li jipprovdi informazzjoni dwar *whereabouts* fid-data jew qabel id-data meħtieġa mill-ADC jew in-nuqqas ta' *Atleta* li jipprovdi informazzjoni preċiża dwar *whereabouts* twassal għar-riżultat li l-ADC tgħolli lill-*Atleta* għall-*Grupp ta' Testjar Reġistrat* tal-ADC.

(l) L-ADC tista', konformement mal-*Istandard Internazzjonali* għal *Testjar* u Investigazzjonijiet, tiġbor informazzjoni dwar *whereabouts* minn *Atleti* li mhumiex inklużi fi *Grupp ta' Testjar Reġistrat*. Jekk jagħżel li jagħmel dan, in-nuqqas ta' *Atleta* li jipprovdi informazzjoni mitluba dwar *whereabouts* fid-data jew qabel id-data meħtieġa mill-ADC jew in-nuqqas ta' *Atleta* li jipprovdi informazzjoni preċiża dwar *whereabouts* twassal għar-riżultat li l-ADC tgħolli lill-*Atleta* għall-*Grupp ta' Testjar Reġistrat* tal-ADC.

(6) ***Atleti* Rtirati li Jirritornaw għal *Kompetizzjoni***

(a) jekk *Atleta ta' Livell Internazzjonali* jew *Atleta ta' Livell Nazzjonali fil-Grupp ta' Testjar Reġistrat* tal-ADC jirtira u imbagħad jixtieq jerġa' lura għal parteċipazzjoni attiva fl-isport, l-*Atleta* mgħandux jikkompeti f'*Avvenimenti Internazzjonali* jew *Avvenimenti Nazzjonali* sa meta l-*Atleta*

jagħmel ruħu disponibbli għal *Testjar*, billi jagħti avviż bil-miktub minn sitt (6) xhur qabel lill-Federazzjoni Internazzjonali u lill-ADC.

WADA, f'konsultazzjoni mal-ADC u mal-Federazzjoni Internazzjonali tal-*Atleta*, tista' tagħti eżenzjoni għar-regola ta' avviż bil-miktub minn sitt (6) xhur qabel meta l-applikazzjoni stretta ta' dik ir-regola tista' tkun inġusta għall-*Atleta*. Din id-deċiżjoni tista' tiġi appellata taħt ir-Regolament 13.

Kull riżultat kompetittiv miksub bi ksur ta' dan il-paragrafu għandu jiġi *Skwalifikat* sakemm l-*Atleta* ma jistax jistabbilixxi li hu jew hi ma setgħux raġjonevolment ikunu jafu li dak kien *Avveniment Internazzjonali* jew *Avveniment Nazzjonali*.

(b) Jekk *Atleta* jirtira mill-isport waqt li jkun suġġett għal perjodu ta' *Ineliġibilità*, l-*Atleta* għandu jinnotifika lill-*Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* li kienet imponiet il-perjodu ta' *Ineliġibilità* bil-miktub dwar tali irtirar. Jekk l-*Atleta* imbagħad jixtieq jerġa' lura għal kompetizzjoni attiva fl-isport, l-*Atleta* ma jistax jikkompeti f'*Avvenimenti Internazzjonali* jew f'*Avvenimenti Nazzjonali* sakemm l-*Atleta* ma jagħmilx ruħu disponibbli għal *Testjar* billi jagħti avviż bil-miktub minn sitt (6) xhur qabel (jew avviż ekwivalenti għal-perjodu li jkun fadal ta' *Ineliġibiltà* mid-data ta' meta l-*Atleta* rtira, jekk dak il-perjodu kien itwal minn sitt (6) xhur) lill-ADC u lill-*Federazzjoni Internazzjonali* tiegħu.

(7) ***Programm ta' Osservaturi Indipendenti***

L-ADC u kull kumitat organizzattiv għal *Avvenimenti Nazzjonali* f'Malta għandhom jawtorizzaw u jiffaċilitaw il-*Programm ta' Osservaturi Indipendenti* f'tali *Avvenimenti*.

REGOLAMENT 6 ANALIŻI TA' *KAMPJUNI*

Kampjuni għandhom jiġu analizzati skont il-prinċipji li ġejjin:

(1) **Użu ta' Laboratorji Approvati, Akkreditati u Laboratorji Oħra**

(a) Għall-finijiet li tiġi stabbilita direttament *Sejba Analitika Avversa* taħt ir-Regolament 2(1), *Kampjuni* għandhom jiġu analizzati f'laboratorji akkreditati mill-*WADA* biss jew f'laboratorji approvati mod ieħor mill-*WADA*. L-għażla bejn laboratorju akkreditat mill-*WADA* jew laboratorju approvat mill-*WADA* li jintuża għall-analiżi ta' *Kampjun* għandha tiġi deċiża esklussivament mill-ADC.

(b) Kif previst fir-Regolament 3(2), fatti relatati mal-ksur ta' regoli tal-*anti-doping* jistgħu jiġu stabbiliti permezz ta' mezzi ta' min jorbot fuqhom. Dan għandu jinkludi, per eżempju, testijiet f'laboratorju ta' min jorbot fuqu jew testijiet oħra forensiċi magħmulin barra minn laboratorji

akkreditati mill-*WADA* jew laboratorji approvati mill-*WADA*.

(2) **Għan tal-Analiżi ta' *Kampjuni* u *Data***

Kampjuni u *data* analitika relatata jew informazzjoni dwar *Kontroll tad-Doping* għandha tiġi analizzata biex jiġu skoperti *Sustanzi Projbiti* u *Metodi Projbiti* identifikati fil-*Lista Projbita* u sustanzi oħra kif jista' jiġi ordnat mill-*WADA* konformement mal-programm ta' monitoraġġ imsemmi fir-Regolament 4(5), jew sabiex jassistu lill-ADC fil-ħolqien ta' profil tal-parametri rilevanti fl-urina, demm jew matriċi oħra ta' *Atleta,* inkluż profil għal DNA jew ġenomiku, jew għal kull għan leġittimu ieħor tal-*anti-doping*.

(3) **Reċerka fuq *Kampjuni* u *Data***

Kampjuni, *data* analitika relatata u informazzjoni dwar *Kontroll tad-Doping* tista' tintuża għal għanijiet ta' riċerka dwar l-*anti-doping*, iżda l-ebda *Kampjun* ma jista' jintuża għal riċerka mingħajr il-kunsens bil-miktub tal-*Atleta*. *Kampjuni* u *Data* analitika relatata jew informazzjoni dwar il-*Kontroll tad-Doping* użati għal għanijiet ta' riċerka għandhom l-ewwel jiġu pproċessati b'tali mod li ma jippermettix li *Kampjuni* u *data* analitika relatata jew informazzjoni dwar *Kontroll tad-Doping* ma jistgħux jiġu rintraċċati għal *Atleta* partikolari. Kull riċerka li tinvolvi *Kampjuni* u *data* analitika relatata jew informazzjoni dwar *Kontroll tad-Doping* għandha tosserva l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 19 tal-*Kodiċi*.

(4) ***Standards* għall-Analiżi ta' *Kampjuni* u Rappurtar**

L-ADC għandha titlob laboratorji biex janalizzaw *Kampjuni* konformement mal-*Istandards Internazzjonali* għal Laboratorji u l-Artikolu 4.7 tal-*Istandard Internazzjonali* għal *Testjar* u Investigazzjonijiet.

Laboratorji fuq inizjattiva tagħhom stess u bi spejjeż tagħhom jistgħu janalizzaw *Kampjuni* għal *Sustanzi Projbiti* jew *Metodi Projbiti* li mhumiex inklużi fil-menu *standard* ta' analiżi ta' *Kampjun*, jew kif mitluba mill-ADC. Ir-riżultati minn dawn l-analiżi għandhom jiġu rrappurtati lill-ADC u għandhom l-istess validità u *Konsegwenzi* bħal kull riżultat analitiku ieħor.

(5) **Analiżi Addizzjonali ta' *Kampjun* Qabel jew Waqt *Ġestjoni tar-Riżultati***

Ma għandu jkun hemm l-ebda limitu għall-ġurisdizzjoni ta' laboratorju li jmexxi analiżi ripetuti jew addizzjonali fuq *Kampjun* qabel ma l-ADC tinnotifika lill-*Atleta* li l-*Kampjun* hu l-bażi ta' akkuża ta' ksur ta' regola tal-*anti-doping* taħt ir-Regolament 2(1). Jekk wara tali notifika l-ADC tixtieq tmexxi analiżi addizzjonali tal-*Kampjun*, hi tista' tagħmel dan bil-kunsens tal-*Atleta* jew l-approvazzjoni ta' korp ta' smigħ.

(6) **Analiżi Addizzjonali ta' *Kampjun* wara li ġie Rrappurtat bħala Negattiv jew Mod Ieħor ma Riżultax f'Akkuża ta' Ksur ta' Regola tal-*Anti-doping***

Wara li laboratorju jkun irrapporta *Kampjun* bħala negattiv, jew il-*Kampjun* ma rriżultax mod ieħor f'akkuża ta' ksur ta' regola tal-*anti-doping*, il-Kampjun jista' jinħażen u jiġi assoġġettat għal analiżi addizzjonali għall-finijiet tas-subregolament (2) fi kwalunkwe żmien esklussivament skont l-ordni jew tal-*Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* li tat bidu u mexxiet il-ġbir tal-*Kampjun* jew mill-*WADA*. Kull *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* oħra b'ġurisdizzjoni li tittestja l-*Atleta* li tixtieq twettaq analiżi addizzjonali fuq *Kampjun* maħżun tista' tagħmel dan bil-permess tal-*Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* li tat bidu u mexxiet il-ġbir ta' *Kampjun* jew il-*WADA*, u tkun responsabbli għal kull *Ġestjoni tar-Riżultat* li jkollha ssir wara. Kull ħażna ta' *Kampjun* jew analiżi addizzjonali mibdija mill-*WADA* jew minn *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* oħra tkun bi spejjeż tal-*WADA* jew ta' dik l-Organizzazzjoni. Analiżi addizzjonali ta' *Kampjuni* għandha tkun konformi mal-ħtiġiet tal-*Istandard Internazzjonali* għal Laboratorji.

(7) **Qasma ta' *Kampjun* A jew B**

Meta l-*WADA*, *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* b'ġurisdizzjoni fuq il-*Ġestjoni tar-Riżultati*, u, jew laboratorju akkreditat mill-*WADA* (bl-approvazzjoni mill-*WADA* jew mill-*Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* b'ġurisdizzjoni fuq il-*Ġestjoni tar-Riżultati*) tixtieq taqsam *Kampjun* A jew B sabiex tuża l-ewwel parti tal-*Kampjun* maqsum għal analiżi tal-*Kampjun* A u t-tieni parti tal-*Kampjun* maqsum għal konferma, allura għandhom jiġu segwiti l-proċeduri stabbiliti fl-*Istandard Internazzjonali* għal Laboratorji.

(8) **Id-Dritt tal-*WADA* li Tieħu Pussess ta' *Kampjuni* u *Data***

Il-*WADA* tista', fid-diskrezzjoni assoluta tagħha fi kwalunkwe żmien, b'avviż minn qabel jew mingħajru, tieħu pussess fiżiku ta' kull *Kampjun* u *data* analitika relatata jew informazzjoni fil-pussess ta' laboratorju jew *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping*. Fuq talba tal-*WADA*, il-laboratorju jew l-*Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* fil-pussess tal-*Kampjun* jew *data* għandhom minnufih jagħtu aċċess lil u jawtorizzaw lill-*WADA* biex tieħu pussess fiżiku tal-*Kampjun* jew *data*. Jekk il-*WADA* ma pprovdietx avviż minn qabel lil-laboratorju jew lill-*Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* qabel ma ħadet pussess ta' *Kampjun* jew *data*, hi għandha tipprovdi tali avviż lil-laboratorju u lil kull *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* li l-*WADA* tkun ħadet *Kampjuni* jew *data* tagħhom fi żmien raġjonevoli wara li tkun ħadet pussess. Wara l-analiżi u kull investigazzjoni ta' *Kampjun* jew *data* maqbuda, il-*WADA* tista' tordna lil *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* oħra b'ġurisdizzjoni li tittestja l-*Atleta* biex tassumi r-responsabbiltà għall-*Ġestjoni tar-Riżultati għall-Kampjun* jew *data* jekk jinstab ksur potenzjali ta' regola tal-*anti-doping*.

REGOLAMENT 7 *ĠESTJONI TAR-RIŻULTATI*: RESPONSABBILTÀ, REVIŻJONI INIZJALI, AVVIŻ U *SOSPENSJONIJIET PROVVIŻORJI*

Il-*Ġestjoni tar-Riżultati* taħt dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* tistabbilixxi proċess intiż biex jirriżolvi kwistjonijiet dwar ksur ta' regola tal-*anti-doping* b'mod ġust, tempestiv u effiċjenti.

(1) Responsabbiltà għat-Tmexxija tal-Ġestjoni tar-Riżultati

(a) Ħlief kif previst mod ieħor fir-Regolament 6(6) u (8) fl-Artikolu 7(1) tal-*Kodiċi*, il-*Ġestjoni tar-Riżultati* taqa' taħt ir-responsabbiltà ta', u tkun regolata minn, ir-regoli ta' proċedura tal-*Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* li tkun tat bidu u mexxiet il-ġbir tal-*Kampjun* (jew, jekk ma jkunx involut l-ebda *Kampjun*, l-*Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* li tkun l-ewwel li tavża lill-*Atleta* jew *Persuna* oħra dwar ksur potenzjali ta' regola tal-*anti-doping* u imbagħad diliġentement issegwi dak il-ksur ta' regola tal-*anti-doping*).

(b) F'ċirkostanzi fejn ir-regoli ta' *Organizzazzjoni Nazzjonali tal-Anti-Doping* ma jagħtux lill-*Organizzazzjoni Nazzjonali tal-Anti-Doping* ġurisdizzjoni fuq l-*Atleta* jew *Persuna* oħra li ma jkunx ċittadin, resident, detentur ta' liċenza, jew membru ta' *Organizzazzjoni* sportiva ta' dak il-pajjiż, jew l-*Organizzazzjoni Nazzjonali tal-Anti-Doping* tonqos milli teżerċita tali ġurisdizzjoni, il-*Ġestjoni tar-Riżultati* għandha titmexxa mill-Federazzjoni Internazzjonali applikabbli jew minn terza persuna b'ġurisdizzjoni fuq l-*Atleta* jew *Persuna* oħra kif stabbilit bir-regoli tal-Federazzjoni Internazzjonali applikabbli.

(ċ) Il-*Ġestjoni tar-Riżultati* fir-rigward ta' nuqqas potenzjali ta' informazzjoni dwar *whereabouts* (nuqqas ta' reġistrazzjoni jew test maqbuż) għandha titmexxa mill-Federazzjoni Internazzjonali jew mill-ADC li magħhom l-*Atleta* inkwisjoni jirreġistra l-informazzjoni dwar *whereabouts*, kif previst fl-*Istandard Internazzjonali* għall-*Ġestjoni tar-Riżultati*. Jekk *NADOMALTA* tiddetermina dwar nuqqas ta' reġistrazzjoni jew test maqbuż, hi għandha tissottometti dik l-informazzjoni lill-*WADA* permezz tal-*ADAMS*, fejn issir disponibbli għal *Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping* rilevanti oħra.

(d) Ċirkostanzi oħra li fihom l-ADC għandha tieħu r-responsabbiltà biex tmexxi l-*Ġestjoni tar-Riżultati* fir-rigward tal-ksur ta' regola tal-*anti-doping* li jinvolvi *Atleti* u *Persuni* oħra taħt il-ġurisdizzjoni tagħha għandhom jiġu determinati b'referenza għal u skont l-Artikolu 7 tal-*Kodiċi*.

(e) Il-*WADA* tista' tordna lill-ADC biex tmexxi l-*Ġestjoni tar-Riżultati* f'ċirkostanzi partikolari. Jekk l-ADC tirrifjuta li tmexxi *Ġestjoni tar-Riżultati* qabel l-iskadenza raġjonevoli stabbilita mill-*WADA*, tali rifjut għandu jitqies bħala att ta' nuqqas ta' konformità, u l-*WADA* tista' tordna

Organizzazzjoni tal-Anti-Doping oħra b'ġurisdizzjoni fuq l-*Atleta* jew *Persuna* oħra, li hi lesta li tagħmel dan, biex tieħu r-responsabbiltà tal-*Ġestjoni tar-Riżultati* minflok l-ADC jew, jekk ma jkunx hemm tali *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping*, xi *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* oħra li hi lesta li tagħmel dan. F'dan il-każ, l-ADC għandha tirrimborża l-ispejjeż u d-drittijiet tal-avukat tat-tmexxija tal-*Ġestjoni tar-Riżultati* lill-*Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* l-oħra magħżula mill-*WADA*, u nuqqas ta' rimborż tal-ispejjeż u tad-drittijiet tal-avukat għandu jitqies bħala att ta' nuqqas ta' konformità.

(2) **Reviżjoni u Notifika fir-Rigward ta' Ksur Potenzjali ta' Regola tal-*Anti-Doping***

L-ADC għandha twettaq ir-reviżjoni u n-notifika fir-rigward ta' kull ksur potenzjali ta' regola tal-*anti-doping* skont l-*Istandard Internazzjonali* għall-*Ġestjoni tar-Riżultati*.

(3) **Identifikazzjoni ta' Ksur ta' *Regola tal-Anti-doping* preċedenti**

Qabel ma tagħti lil *Atleta* jew *Persuna* oħra avviż dwar ksur potenzjali ta' regola tal-*anti-doping* rule kif previst hawn qabel, l-ADC għandha tirreferi lil *ADAMS* u tagħmel kuntatt mal-*WADA* u *Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping* rilevanti oħra biex tiddetermina jekk jeżistix xi ksur ta' regola tal-*anti-doping* preċedenti.

(4) ***Sospensjonijiet Provviżorji***

(a) *Sospensjoni Provviżorja* Mandatorja wara *Sejba Analitika Avversa* jew *Sejba tal-Passaport Avversa*

Jekk l-ADC tirċievi *Sejba Analitika Avversa* jew *Sejba tal-Passaport Avversa* (wara li jintemm proċess tas-*Sejba tal-Passaport Avversa*) għal *Sustanza Projbita* jew *Metodu Projbit* li ma jkunux *Sustanza Speċifikata* jew *Metodu Speċifikat*, hi għandha timponi *Sospensjoni Provviżorja* fuq l-*Atleta* minnufih malli ssir jew wara li ssir ir-reviżjoni u n-notifika meħtieġa bis-subregolament (2).

Sospensjoni Provviżorja mandatorja tista' tiġi eliminata jekk:

(i) l-*Atleta* juri lill-*NADDP* li l-ksur x'aktarx kien jinvolvi *Prodott Kontaminat*, jew

(ii) il-ksur jinvolvi *Sustanza ta' Abbuż* u l-*Atleta* jistabbilixxi d-dritt ta' perjodu ridott ta' *Ineliġibilità* taħt ir-Regolament 10(2)(d)(i).

Id-deċiżjoni tal-*NADDP* li ma teliminax *Sospensjoni Provviżorja* mandatorja minħabba fl-affermazzjoni tal-*Atleta* fir-rigward ta' *Prodott Kontaminat* mhijiex appellabbli.

(b) *Sospensjoni Provviżorja* mhux obbligatorja bbażata fuq *Sejba Analitika Avversa* għal *Sustanzi Speċifikati*, *Metodi Speċifikati, Prodotti Kontaminati*, jew Ksur Ieħor ta' Regola tal-*Anti-Doping*

L-ADC tista' timponi *Sospensjoni Provviżorja* għall-ksur ta' regola tal-*anti-doping* mhux kopert taħt il-paragrafu (a) qabel l-analiżi tal-*Kampjun* B tal-*Atleta* jew l-aħħar seduta kif imfisser fir Regolament 8.

Sospensjoni Provviżorja mhux obbligatorja tista' titneħħa fid-diskrezzjoni tal-ADC fi kwalunkwe ħin qabel d-deċiżjoni tal-*NADDP* taħt ir-Regolament 8, sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-*Istandard Internazzjonali* għall-*Ġestjoni tar-Riżultati*.

(ċ) Opportunità għal Smigħ jew Appell

Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (a) u (b), *Sospensjoni Provviżorja* ma tistax tiġi imposta sakemm l-*Atleta* jew il-*Persuna* l-oħra ma jingħatawx:

(i) opportunità għal *Smigħ Provviżorju*, jew qabel jew abbażi ta' tempestività wara l-impożizzjoni ta' *Sospensjoni Provviżorja*; jew

(ii) opportunità għal smigħ bikri konformement mar-Regolament 8 abbażi ta' tempestività wara l-impożizzjoni ta' *Sospensjoni Provviżorja*.

L-impożizzjoni ta' *Sospensjoni Provviżorja*, jew id-deċiżjoni li ma tiġix imposta *Sospensjoni Provviżorja*, tista' tiġi appellata fi proċess bikri konformement mar-Regolament 13(2).

(d) Aċċettazzjoni Volontarja ta' *Sospensjoni Provviżorja*

Atleti jistgħu, fuq inizjattiva tagħhom stess, volontarajament jaċċettaw *Sospensjoni Provviżorja* jekk dan isir qabel l-aħħar ta':

(i) l-għeluq ta' għaxart (10) ijiem mir-rapport tal-*Kampjun* B (jew ir-rinunzja tal-*Kampjun* B) jew għaxart (10) ijiem mill-avviż ta' ksur ieħor ta' regola tal-*anti-doping*, jew

(ii) id-data li fiha l-*Atleta* jikkompeti għall-ewwel darba wara tali rapport jew avviż.

Persuni ohra fuq inizjattiva tagħhom stess jistgħu volontarjament jaċċettaw *Sospensjoni Provviżorja* jekk dan isir fi żmien għaxart (10) ijiem mill-avviż tal-ksur tar-regola tal-*anti-doping*.

Meta ssir tali aċċettazzjoni volontarja, is-*Sospensjoni Provviżorja* għandu jkollka effett sħiħ u tiġi trattata bl-istess mod bħallikieku s-

Sospensjoni Provviżorja kienet ġiet imposta taħt il-paragrafi (a) jew (b):

Iżda fi kwalunkwe ħin wara li jkunu aċċettaw volontarjament *Sospensjoni Provviżorja*, l-*Atleta* jew il-*Persuna* l-oħra jistgħu jirtiraw tali aċċettazzjoni, f'liema każ l-*Atleta* jew il-*Persuna* l-oħra ma jirċevu l-ebda kredtu għal kwalunkwe żmien li jkunu servew qabel taħt *Sospensjoni Provviżorja*.

(e) Jekk tiġi imposta *Sospensjoni Provviżorja* bbażata fuq *Sejba Analitika Avversa* ta' *Kampjun* A u analiżi sussegwenti ta' *Kampjun* B (jekk mitluba mill-*Atleta* jew mill-ADC) ma tikkonfermax l-analiżi tal-*Kampjun* A, allura l-*Atleta* ma jkunx suġġett għal xi *Sospensjoni Provviżorja* addizzjonali minħabba fil-ksur tar-Regolament 2(1). F'ċirkostanzi fejn l-*Atleta* jew it-tim tal-*Atleta* ġie mneħħi minn *Avveniment* fuq il-bażi ta' ksur tar-Regolament 2(1) u l-analiżi sussegwenti tal-*Kampjun* B ma tikkonfermax is-sejba tal-*Kampjun* A, allura, jekk ikun għadu possibbli li l-*Atleta* jew it-tim tal-*Atleta* jiġi inserit mill-ġdid, mingħajr ma jaffettwa mod ieħor l-*Avveniment*, l-*Atleta* jew tim jistgħu jkomplu jipparteċipaw fl-*Avveniment*.

(5) Deċiżjonijiet dwar il-*Ġestjoni tar-Riżultati*

Deċiżjonijiet jew ġudizzji dwar il-*Ġestjoni tar-Riżultati* mill-ADC jew ġudizzji mill-*NADDP* u, jew mill-*NADAP* mgħandhomx jidhru li jkunu limitati għal żona ġeografika partikolari jew sport u għandhom jindirizzaw u jiddeterminaw mingħajr limitazzjoni l-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) jekk kienx hemm ksur ta' regola tal-*anti-doping* jew jekk għandhiex tiġi imposta *Sospensjoni Provviżorja*, il-bażi fattwali għal tali determinazzjoni, u r-regolamenti speċifiċi li ġew miksura, u

(b) il-*Konsegwenzi* kollha li joħorġu mill-ksur tar-regola tal-*anti-doping*, inklużi *Skwalifiki* applikabbli taħt ir-Regolamenti 9 u 10(10), kull konfiska ta' medalji u premjijiet, kull perjodu ta' *Ineliġibilità* (u d-data minn meta jibda) u kull *Konsegwenza Finanzjarja*.

(6) Notifika ta' Deċiżjonijiet dwar il-*Ġestjoni tar-Riżultati*

Il-*NADDP* għandu jinnotifika l-*Atleti*, *Persuni* oħra, *Firmatarji* u l-*WADA* dwar deċiżjonijiet dwar il-*Ġestjoni tar-Riżultati* kif previst fir-Regolament 14(2) u fl-*Istandard Internazzjonali* għall-*Ġestjoni tar-Riżultati*.

(7) Irtirar mill-Isport

Jekk *Atleta* jew *Persuna* ohra jirtiraw waqt li jkun għaddej il-proċess ta' *Ġestjoni tar-Riżultati* ta' *NADOMALTA*, *NADOMALTA* żżomm l-awtorità tagħha li ttemm il-proċess ta' *Ġestjoni tar-Riżultati*. Jekk *Atleta* jew *Persuna* oħra jirtiraw qabel ma jkun inbeda l-proċess ta' *Ġestjoni tar-Riżultati*, u *NADOMALTA* kien ikollha l-ġurisdizzjoni tal-*Ġestjoni tar-Riżultati* fuq l-*Atleta* jew *Persuna* oħra fiż-

żmien meta l-*Atleta* jew il-*Persuna* l-oħra kkommettew il-ksur tar-regola tal-*anti-doping*, *NADOMALTA* jkollha l-ġurisdizzjoni biex tmexxi l-*Ġestjoni tar-Riżultati*.

REGOLAMENT 8 *ĠESTJONI TAR-RIŻULTATI*: DRITT GĦAL SMIGĦ ĠUST U AVVIŻ DWAR DEĊIŻJONI TA' SMIGĦ

Għal kull *Persuna* li tiġi akkużata b'allegat ksur ta' regola tal-*anti-doping*, il-*NADDP* għandu jipprovdi smigħ ġust fi żmien raġjonevoli permezz ta' *panel* ta' smigħ ġust, imparzjali u *Indipendenti fl-Operat* konformement mal-*Kodiċi* u mal-*Istandards Internazzjonali* għall-*Ġestjoni tar-Riżultati*.

(1) Smigħ ġust

(a) *Panel* ta' Smigħ Ġust, Imparzjali u *Indipendenti fl-Operat*

(i) Il-Ministru responsabbli għall-Isport għandu jistabbilixxi *panel* ta' smigħ li jkun magħruf bħala l-*NADDP* li jkollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jiddetermina jekk *Atleta* jew *Persuna* oħra, bla ħsara għal dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping*, ikkommettewx ksur ta' regola tal-*anti-doping* u, jekk applikabbli, jimponi l-*Konsegwenzi* rilevanti.

(ii) Il-Ministru għandu jiżgura li l-*NADDP* hu liberu minn kunflitt ta' interess u li għamla, iż-żmien tal-kariga, esperjenza professjonali, *Indipendenza Operattiva* u finanzjar adegwat josservaw il-ħtiġiet tal-*Istandard Internazzjonali* għall-*Ġestjoni tar-Riżultati*.

(iii) Membri tal-Bord, membri tal-persunal, membri ta' kummissjoni, konsulenti u uffiċjali ta' *NADOMALTA* jew il-korpi tiegħu, kif ukoll kull *Persuna* involuta fl-investigazzjoni ta' sentenza preċedenti l-kwistjoni, ma jistgħux jinħatru bħala membri u, jew skrivani tal-*NADDP*. B'mod partikolari, l-ebda membru ma għandu preċedentement ikkonsidra xi applikazzjoni għal *TUE*, deċiżjoni dwar il-*Ġestjoni tar-Riżultati*, jew appelli fl-istess każ partikolari.

(iv) Il-*NADDP* għandu jkun magħmul minn *Chairperson* indipendenti u sitt (6) membri indipendenti oħra.

(v) Kull membru għandu jinħatar wara li tingħata konsiderazzjoni tal-esperjenza meħtieġa tiegħu fl-*anti-doping* inklużi l-kompetenza legali, sportiva, medika u, jew xjentifika tagħhom. Kull membru jinħatar għal żmien ta' tliet (3) snin li jista' jiġġedded darba.

(vi) Il-*NADDP* għandu jkun f'pożizzjoni li jmexxi s-smigħ u l-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni mingħajr interferenza mill-ADC jew minn parti terza.

(b) Proċess dwar is-Smigħ

(i) Meta l-ADC tibgħat avviż lil *Atleta* jew *Persuna* oħra li tinnotifikhom dwar ksur potenzjali ta' regola tal-*anti-doping*, u l-*Atleta* jew *Persuna* oħra ma jirrinunzjawx għal smigħ konformement mas-subregolament (3)(a) jew (b), allura l-każ għandu jiġi riferit lill-*NADDP* għal smigħ u ġudizzju, li għandu jitmexxa skont il-prinċipji mfissra fir-Regolamenti 8 u 9 tal-*Istandard Internazzjonali* għall-*Ġestjoni tar-Riżultati*.

(ii) Iċ-*Chairperson* għandu jappunta tliet (3) membri (li jistgħu jinkludu ċ-*Chairperson*) biex jisimgħu l-każ. Meta jinstema' każ, membru wieħed (1) tal-*panel* għandu jkun avukat kwalifikat, b'mhux inqas minn tliet (3) snin esperjenza legali rilevanti, u membru wieħed (1) tal-*panel* għandu jkun tabib kwalifikat, b'mhux inqas minn tliet (3) snin esperjenza medika rilevanti.

(iii) Mal-ħatra miċ-*Chairperson* bħala membru tal-*NADDP*, kull membru għandu wkoll jiffirma dikjarazzjoni li ma għandu l-ebda għarfien ta' fatti jew ċirkostanzi li jistgħu jitfgħu fid-dubju l-imparzjalità tagħhom quddiem xi waħda mill-partijiet, ħlief dawk iċ-ċirkostamzi żvelati fid-dikjarazzjoni.

(iv) Is-smigħ li jsir f'konnessjoni ma' *Avvenimenti* fir-rigward ta' *Atleti* u *Persuni* oħra li huma soġġetti għal dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* jista' jitmexxa permezz ta' proċess mgħaġġel jekk dan ikun permess mill-*NADDP*.

(v) Il-*WADA*, il-Federazzjoni Internazzjonali, u l-*Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* tal-*Atleta* jew *Persuna* oħra jistgħu jattendu għas-smigħ bħala osservaturi. Fi kwalunkwe każ, l-*NADDP* għandu jżommhom infurmati fir-rigward tal-istatus ta' każijiet pendenti u r-riżultat ta' kull smigħ.

(2) Avviż ta' Deċiżjonijiet

(a) Mat-temm tas-smigħ, jew tempestivament wara, l-*NADDP* għandu joħroġ deċizjoni bil-miktub li tkun konformi mal-Artikolu 9 tal-*Istandard Internazzjonali* għall-*Ġestjoni* tar-*Riżultati* u li jinkludi r-raġunijiet kollha għad-deċiżjoni, il-perjodu tal-*Ineliġibiltà*, l-*Iskwalifika* tar-riżultati taħt ir-Regolament 10(10) u, jekk tkun applikabbli, ġustifikazzjoni għar-raġuni li għaliha l-ogħla *Konsegwewnzi* potenzjali ma ġewx imposti.

(b) L-*NADDP* għandu jinnotifika dik id-deċiżjoni lill-*Atleta* jew *Persuna* oħra u *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* oħra bi dritt ta' appell taħt ir-Regolament 13(2)(ċ), u għandu minnufih jirraportaha fl-*ADAMS*. Id-deċiżjoni tista' tiġi appellata kif previst fir-Regolament 13.

(3) Rinunzja għal Smigħ

(a) *Atleta* jew *Persuna* oħra li dwarhom qed jiġi allegat ksur ta' regola tal-*anti-doping* jistgħu espressament jirrinunzjaw għal smigħ u jaqblu mal-*Konsegwenzi* proposti mill-ADC.

(b) Madankollu, jekk l-*Atleta* jew *Persuna* oħra li kontra tagħhom ġie allegat ksur ta' regola tal-*anti-doping* jonqsu milli joġġezzjonaw għal dik l-allegazzjoni sal-iskadenza speċifikata mod ieħor fl-avviż mibgħut mill-ADC li jallega l-ksur, f'dak il-każ jitqiesu li jkunu rrinuzjaw għal smigħ, li ammettew il-ksur u li jkunu aċċettaw il-*Konsegwenzi* proposti.

(ċ) F'każijiet fejn japplika l-paragrafu (a) jew il-paragrafu (b), ma jkunx meħtieġ smigħ quddiem l-*NADDP*. Minflok l-ADC għandha minnufih toħroġ deċiżjoni bil-miktub li tkun konformi mal-Artikolu 9 tal-*Istandard Internazzjonali* għall-*Ġestjoni* tar-*Riżultati* u li tinkludi r-raġunijiet kollha għad-deċiżjoni, il-perjodu tal-*Ineliġibilità* imposta, l-*Iskwalifika* tar-riżultati taħt ir-Regolament 10(10) u, jekk tkun applikabbli, ġustifikazzjoni għar-raġuni li għaliha l-ogħla *Konsegwewnzi* potenzjali ma ġewx imposti.

(d) L-ADC għandha tinnotifika dik id-deċiżjoni lill-*Atleta* jew lill-*Persuna* l-oħra u lill-*Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping* dwar id-dritt ta' appell taħt ir-Regolament 13(2)(ċ), u għandha minnufih tirrapportah fl-*ADAMS*. L-ADC għandha *Tiżvela lill-Pubbliku* dik id-deċiżjoni konformement mar-Regolament 14(3)(b).

(4) Seduta Unika quddiem il-*CAS*

Ksur allegat ta' regoli tal-*Anti-doping* kontra *Atleti ta' Livell Internazzjonali*, *Atleti ta' Livell Nazzjonali* jew *Persuni* oħra jista', bil-kunsens tal-*Ahleta* jew il-*Persuna* l-oħra, l-ADC u l-*WADA*, jinstema' f'seduta unika direttament għand il-*CAS*.

REGOLAMENT 9 *SKWALIFIKA* AWTOMATIKA TA' RIŻULATATI INDIVIDWALI

Ksur ta' regola tal-*anti-doping* fi *Sports Individwali* f'konnessjoni ma' test *Waqt Kompetizzjoni* jwassal awtomatikament għal *Skwalifika* tar-riżultat miksub f'dik il-*Kompetizzjoni* bil-*Konsegwenzi* kollha li jirriżultaw, inkluża l-konfiska ta' kull medalja, punti u premjijiet.

REGOLAMENT 10 SANZJONIJIET FUQ INDIVIDWI

(1) *Skwalifika* ta' Riżultati f'*Avveniment* fejn iseħħ Ksur ta' Regola tal-*Anti-Doping*

(a) Ksur ta' regola tal-*anti-doping* li jseħħ waqt jew f'konnessjoni ma' *Avveniment* jista', b'deċiżjoni tal-korp regolatorju tal-*Avveniment*,

iwassal għal *Skwalifika* tar-riżultati kollha individwali tal-*Atleta* miksuba f'dak l-*Avveniment* bil-*Konsegwenzi* kollha, inkluża l-konfiska tal-medalji, punti u premjijiet kollha, ħlief kif previst fil-paragrafu (b).

Il-fatturi li għandhom jiġu inklużi fil-konsiderazzjoni jew għandux ikun hemm *Skwalifika* ta' riżultati oħra fl-*Avveniment* jistgħu jinkludu, per eżempju, il-gravità tal-ksur tar-regola tal-*anti-dpoing* min-naħa tal-*Atleta* u jekk l-*Atleta* rriżultax negattiv f'test fi *Kompetizzjonijiet* oħra.

(b) Jekk l-*Atleta* jistabbilixxi li ma għandu l-*Ebda Tort* jew *Negliġenza* għall-ksur, ir-riżultati individwali tal-*Atleta* fil-*Kompetizzjonijiet* l-oħra ma jiġux *Skwalifikati*, sakemm ir-riżultati tal-*Atleta* f'*Kompetizzjonijiet* oħra, minbarra l-*Kompetizzjoni* li fiha seħħ il-ksur tar-regola tal-*anti-doping*, ma ġewx x'aktarx affettwati bil-ksur tar-regola tal-*anti-doping* min-naħa tal-*Atleta*.

(2) *Ineliġibiltà* għal Preżenza, *Użu* jew *Tentattiv tal-Użu* jew *Pussess* ta' *Sustanza Projbita* jew *Metodu Projbit*

Il-perjodu ta' *Ineliġibilità* għal ksur tal-paragrafu (a), il-paragrafu (b) jew il-paragrafu (f) ikun kif ġej, bla ħsara għall-eliminazzjoni, riduzzjoni jew sospensjoni potenzjali konformement mas-subregolamenti (5), (6) jew (7):

(a) Il-perjodu ta' *Ineliġibilità*, bla ħsara għall-paragrafu (d), għandu jkun ta' erba' (4) snin fejn:

(i) il-ksur ta' regola tal-*anti-doping* ma jinvolvix *Sustanza Speċifikata* jew *Metodu Speċifikat*, sakemm l-*Atleta* jew *Persuna* oħra jistgħu jistabbilixxu li l-ksur tar-regola tal-*anti-doping* ma kienx intenzjonat;

(ii) il-ksur ta' regola tal-*anti-doping* jinvolvi *Sustanza Speċifikata* jew *Metodu Speċifikat*, u *NADOMALTA* jista jistabbilixxi li l-ksur ta' regola tal-*anti-doping* kien intenzjonat.

(b) Jekk ma japplikax il-paragrafu (a), bla ħsara għall-paragrafu (ċ)(i), il-perjodu ta' *Ineliġibilità* jkun ta' sentejn (2).

(ċ) Kif użata f'dan is-subregolament, il-kelma "intenzjonat" hi intiża li tidentifika dawk l-*Atleti* jew *Persuni* oħra li jaġixxu b'mod li kienu jafu li jikkostitwixxi ksur ta' regola tal-*anti-doping* jew kienu jafu li kien hemm riskju sinjifikattiv li l-imġieba tista' tikkostitwixxi jew tirriżulta fi ksur ta' regola tal-*anti-doping* u manifestament ma tawx każ ta' dak ir-riskju. Ksur ta' regola tal-*anti-doping* li jirriżulta minn *Sejba Analitika Avversa* għal sustanza li hi projbita biss *Waqt Kompetizzjoni* jiġi meqjus, iżda tista' ssir oġġezzjoni, bħala mhux "intenzjonat" jekk is-sustanza hi *Sustanza Speċifikata* u l-*Atleta* jista' jistabbilixxi li s-*Sustanza Projbita* ġiet użata

Barra mill-Kompetizzjoni. Ksur ta' regola tal-*anti-doping* li jirriżulta minn *Sejba Analitika Avversa* għal sustanza li hi projbita *Waqt Kompetizzjoni* biss ma jitqiesx bħala "intenzjonat" jekk is-sustanza mhijiex *Sustanza Speċifikata* u l-*Atleta* jista' jistabbilixxi li s-*Sustanza Projbita* ntużat *Barra mill-Kompetizzjoni* f'kuntest li mgħandux x'jaqsam ma' prestazzjoni fl-isport.

(d) Minkejja kull dispożizzjoni oħra f'dan is-subregolament, fejn il-ksur tar-regola tal-*anti-doping* jinvolvi *Sustanza* ta' *Abbuż*:

(i) jekk l-*Atleta* jista' jistabbilixxi li kull inġestjoni jew *Użu* seħħew *Barra minn Kompetizzjoni* u ma kellhomx x'jaqsmu ma' prestazzjoni fl-isport, allura l-perjodu ta' *Ineliġibilità* għandu jkun ta' *Ineliġibilità* għal tliet (3) xhur.

Barra minn dan, il-perjodu ta' *Ineliġibilità* kkalkulat taħt dan is-subparagrafu jista' jitnaqqas għal xahar wieħed (1) jekk l-*Atleta* jew *Persuna* oħra jikkompletaw soddifaċentement programm ta' trattament għal *Abbuż* ta' *Sustamza* approvat minn *NADOMALTA*. Il-perjodu ta' *Ineliġibilità* stabbbilit f'dan is-subparagrafu mhuwiex suġġett għal ebda tnaqqis ibbażat fuq xi dispożizzjoni fis-subregolament (6);

(ii) jekk l-inġestjoni, l-*Użu* jew il-*Pussess* seħħew *Waqt il-Kompetizzjoni*, u l-*Atleta* jista' jistabbilixxi li l-kuntest tal-inġestjoni, *Użu* jew *Pussess* ma kellux x'jaqsam ma' prestazzjoni fl-isport, allura l-inġestjoni, *Użu* jew *Pussess* ma jitqiesux bħala intenzjonati għall-finijiet tal-paragrafu (a) u ma jipprovdux bażi għall-sejba ta' *Ċirkostanzi Aggravanti* taħt is-subregolament (4).

(3) *Ineliġibilità* għal Ksur Ieħor ta' Regola tal-*Anti-Doping*

Il-perjodu ta' *Ineliġibilità* għal ksur ta' regola tal-*anti-doping* minbarra kif previst fis-subregolament (2) ikun kif ġej, sakemm ma jkunux applikabbli s-subregolamenti (6) jew (7):

(a) Għal ksur tar-Regolament 2(3) jew (5), il-perjodu ta' *Ineliġibilità* għandu jkun ta' erba' (4) snin ħlief:

(i) fil-każ ta' nuqqas ta' sottomissjoni għal ġbir ta' *Kampjun*, jekk l-*Atleta* jista' jistabbilixxi li t-twettiq tal-ksur tar-regola tal-*anti-doping* ma kienx intenzjonat, il-perjodu ta' *Ineliġibilità* għandu jkun ta' sentejn (2);

(ii) fil-każijiet l-oħra kollha, jekk l-*Atleta* jew *Persuna* oħra jistgħu jistabbilixxu ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw tnaqqis tal-perjodu ta' *Ineliġibilità*, il-perjodu ta' *Ineliġibilità* għandu jkun f'marġni minn sentejn (2) għal erba' (4) snin skont il-gravità tat-*Tort*

tal-*Atleta* jew *Persuna* l-oħra; jew

(iii) f'każ li jinvolvi *Persuna Protetta* jew *Atleta tal-Passatemp*, il-perjodu ta' *Ineliġibilità* għandu jkun f'marġni bejn massimu ta' sentejn (2) u, bħala minimu, ċanfira u l-ebda perjodu ta' *Ineliġibilità*, skont il-gravità tat-*Tort* tal-*Persuna Protetta* jew *Atleta tal-Passatemp*.

(b) Għall-ksur tar-Regolament 2(4), il-perjodu ta' *Ineliġibilità* għandu jkun ta' sentejn (2), bla ħsara għal tnaqqis għal minimu ta' sena waħda (1), skont il-gravità tat-*Tort* tal-*Atleta*. Il-flessibilità bejn perjodu ta' *Ineliġibilità* ta' sentejn (2) u sena (1) f'dan il-paragrafu ma tkunx disponibbli għal *Atleti* fejn is-sekwenza ta' bidliet fl-aħħar minuta dwar *whereabouts* jew mġieba oħra joħolqu dubju li l-*Atleta* kien qed jipprova jevita li jkun disponibbli għal ittestjar.

(ċ) Għal ksur tar-Regolament 2(7) jew (8), il-perjodu ta' *Ineliġibilità* għandu jkun minimu ta' erba' (4) snin sa *Ineliġibilità* għal għomru skont il-gravità tal-ksur. Ksur tar-Regolament 2(7) jew (8) li jinvolvi *Persuna Protetta* jitqies bħala ksur partikolarment serju u, jekk imwettaq minn *Persunal tal-Appoġġ tal-Atleta* għal ksur li ma jkunx ksur għal *Sustanzi Speċifikati*, għandu jwassal għal *Ineliġibilità* tal-*Persunal tal-Appoġġ tal-Atleta* għal għomorhom. Barra minn dan, ksur sinjifikattiv tar-Regolament 2(7) jew (8) li jista' wkoll jikser liġijiet u regolamenti mhux sportivi, għandu jiġi rrappurtat lill-awtoritajiet kompetenti amministrattivi, professjonali jew ġudizzjarji.

(d) Għal ksur tar-Regolament 2(9), il-perjodu ta' *Ineliġibilità* stabbilit għandu jkun minimu ta' sentejn (2), sa *Ineliġibilità* għal għomru skont il-gravità tal-ksur.

(e) Għal ksur tar-Regolament 2(10), il-perjodu ta' *Ineliġibilità* għandu jkun ta' sentejn (2), bla ħsara għal tnaqqis sa minimu ta' sena (1), skont il-gravità tat-*Tort* tal-*Atleta* jew tal-*Persuna* l-oħra u ċirkostanzi oħra tal-każ.

(f) Għal ksur tar-Regolament 2(11), il-perjodu ta' *Ineliġibilità* għandu jkun minimu ta' sentejn (2), sa *Ineliġibilità* għal għomru, skont il-gravità tal-ksur mill-*Atleta* jew *Persuna* oħra.

(4) *Ċirkostanzi Aggravanti* li jistgħu Jżidu l-Perjodu ta' *Ineliġibilità*

Jekk l-*NADDP* jistabbbilixxi f'każ individwali li jinvolvi ksur ta' regola tal-*anti-doping* li ma jkunx ksur taħt ir-Regolament 2(7) (*Traffikar jew Tentattiv ta' Traffikar*), 2(8) (*Somministrazzjoni jew Tentattiv ta' Somministrazzjoni*), 2(9) (Kompliċità jew *Tentattiv* ta' Kompliċità) jew 2(11) (Atti ta' *Atleta* jew *Persuna* ohra biex Jiskoraġġixxi jew Jirritalja kontra Rappurtar) li jeżistu *Ċirkostanzi*

Aggravanti li jiġġustifikaw l-impożizzjoni ta' perjodu ta' *Ineliġibilità* ogħla mis-sanzjoni normali, allura l-perjodu ta' *Ineliġibilità* li jkun applikabbli mod ieħor għandu jiżdied bi perjodu addizzjonali ta' *Ineliġibilità* ta' sa sentejn (2) skont il-gravità tal-ksur u n-natura taċ-*Ċirkostanzi Aggravanti*, jekk l-*Atleta* jew *Persuna* oħra jistgħu jistabbilixxu li ma kkomettewx il-ksur tar-regola tal-*anti-doping* xjentement.

(5) Eliminazzjoni tal-Perjodu ta' *Ineliġibilità* fejn ma kien hemm l-ebda *Tort* jew *Negliġenza*

Jekk *Atleta* jew *Persuna* oħra jistabbilixxi f'każ individwali li hu jew hi ma kellu/kellha l-ebda *Tort* jew aġixxa/aġixxiet b'*Negliġenż*a, allura l-perjodu ta' *Ineliġibilità* li mod ieħor kien ikun applibabbli jiġi eliminat.

(6) Tnaqqis tal-Perjodu ta' *Ineliġibilità* bbażat fuq *Ebda Tort Sinjifikattiv* jew *Negliġenza*

(a) Tnaqqis ta' Sanzjonijiet f'Ċirkostanzi Partikolari għal Ksur tar-Regolament 2(1), (2) jew (6).

It-tnaqqis kollu taħt dan il-paragrafu hu reċiprokament esklussiv u mhuwiex kumulattiv.

(i) *Sustanzi Speċifikati* jew *Metodi Speċifikati*

Meta ksur ta' regola tal-*anti-doping* jinvolvi *Sustanza Speċifikata* (għajr *Sustanza ta' Abbuż*) jew *Metodu Speċifikat*, u l-*Atleta* jew *Persuna* oħra jista' jistabbilixxi l-*Ebda Tort Sinjifikattiv* jew *Negliġenza*, allura l-perjodu ta' *Ineliġibilità* għandu jkun, bħala minimu, ċanfira jew ebda perjodu ta' *Ineliġibilità*, u bħala massimu, sentejn (2) ta' *Ineliġibilità*, skont il-gravità ta' *Tort* tal-*Atleta* jew *Persuna* oħra.

(ii) *Prodotti Kkontaminati*

F'każijiet fejn l-*Atleta* jew *Persuna* oħra jista' jistabbilixxi kemm l-*Ebda Tort Sinifikattiv* jew *Negliġenza* kif ukoll li s-*Sustanza Projbita* identifikata (għajr *Sustanza ta' Abbuż*) ġiet minn *Prodott Ikkontaminat*, allura l-perjodu ta' *Ineliġibilità* għandu jkun, bħala minimu, ċanfira u l-ebda perjodu ta' *Ineliġibilità*, u bħala massimu, sentejn (2) ta' *Ineliġibilità*, skont il-gravità ta' *Tort* tal-*Atleta* jew *Persuna* oħra.

(iii) *Persuni Protetti* jew *Atleti tal-Passatemp*

Meta l-ksur ta' regola tal-*anti-doping* li ma jinvolvix *Sustanza ta' Abbuż* jitwettaq minn *Persuna Protetta* jew *Atleta tal-Passatemp*, u l-*Persuna Protetta* jew l-*Atleta tal-Passatemp* jistgħu

jistabbilixxu li ma kien hemm l-*Ebda Tort Sinifikattiv* jew *Negliġenza*, allura l-perjodu ta' *Ineliġibilità* għandu jkun, bħala minimu, ċanfira u l-ebda perjodu ta' *Ineliġibilità*, u bħala massimu, sentejn (2) *Ineliġibilità*, skont il-gravità ta' *Tort* tal-*Persuna Protetta* jew *Atleta tal-Passatemp*.

(b) Applikazzjoni ta' *Ebda Tort Sinifikanti* jew *Negliġenza* lil hinn mill-applikazzjoni tal-paragrafu (a)

Jekk l-*Atleta* jew *Persuna* oħra jistabbilixxu f'każ individwali fejn il-paragrafu (a) mhuwiex applikabbli, li ma kien hemm l-*Ebda Tort Sinjifikattiv* jew *Negliġenza*, allura, bla ħsara għal tnaqqis addizzjonali jew eliminazzjoni kif previst fis-subregolament (7), il-perjodu ta' *Ineliġibilità* li kien ikun mod ieħor applikabbli jista' jitnaqqas skont il-gravità tat-*Tort* tal-*Atleta* jew tal-*Persuna* l-oħra, iżda l-perjodu mnaqqas ta' *Ineliġibilità* ma jistax ikun inqas minn nofs il-perjodu ta' *Ineliġibilità* li klien ikun mod ieħor applikabbli. Jekk il-perjodu ta' *Ineliġibilità* li kien ikun mod ieħor applikabbili hu għal għomru, il-perjodu imnaqqas taħt dan il-paragrafu mgħandux ikun anqas minn tmien (8) snin.

(7) Eliminazzjoni, Tnaqqis, jew Sospensjoni ta' Perjodu ta' *Ineliġibilità* jew *Konsegwenzi* oħra għal Raġunijiet għajr *Tort*

(a) *Assistenza Sostanzjali* meta Jinstab jew jiġi Stabbilit ksur tal-*Kodiċi*

(i) L-ADC tista', qabel deċiżjoni ta' appell taħt ir-Regolament 13 jew qabel ma jiskadi t-terminu għal appell, tissospendi parti mill-*Konsegwenzi* (ħlief *Skwalifika* u *Żvelar lill-Pubblku* mandatorju) imposti f'każ individwali fejn l-*Atleta* jew *Persuna* oħra jkunu pprovdew *Assistenza Sostanzjali* lil *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping*, awtorità ġudizzjarja jew korp dixxiplinari professjonali li twassal għal:

(A) l-*Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* tiskopri jew tipproċedi dwar ksur ta' regola tal-*anti-doping* minn *Persuna* oħra; jew

(B) twassal biex korp ġudizzjarju jew dixxiplinari jiskopri jew jipproċedi dwar reat kriminali jew il-ksur ta' regoli professjonali mwettqa minn *Persuna* oħra u l-informazzjoni pprovduta mill-*Persuna* li tipprovdi *Assistenza Sostanzjali* ssir disponibbli għall-ADC jew għal *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* oħra b'responsabbiltà għall-Ġestjoni tar-*Riżultati*; jew

(Ċ) twassal biex il-*WADA* tibda proċeduri kontra *Firmatarju*, laboratorju akkreditat mill-*WADA*, jew korp tal-ġestjoni ta' passaport ta' *Atleta* (kif imfisser fl-*Istandard Internazzjonali* għal Laboratorji) għal nuqqas ta' konformità

mal-*Kodiċi*, *Standard Internazzjonali* jew *Dokument Tekniku*; jew

(D) bl-approvazzjoni tal-*WADA*, li jwassal biex korp ġudizzjarju jew dixxiplinari jibda proċeduri għal reat kriminali jew ksur ta' regoli professjonali jew sportivi li jirriżultaw minn ksur ta' integrità fl-isport li ma jkunx *doping*. Wara deċiżjoni f'appell taħt ir-Regolament 13 jew wara li jiskadi t-terminu għal appell, *NADOMALTA* tista' tissospendi parti mill-*Konsegwenzi* bl-approvazzjoni tal-*WADA* u tal-Federazzjoni Internazzjonali biss.

Il-limitu safejn il-perjodu ta' *Ineliġibilità* li kien ikun mod ieħor applikabbli għandu jkun bbażat fuq il-gravità tal-ksur tar-regola tal-*anti-doping* imwettaq mill-*Atleta* jew *Persuna* oħra u l-importanza tal-*Assistenza Sostanzjali* provduta mill-*Atleta* jew *Persuna* oħra fl-isforz biex jiġi eliminat id-*doping* fl-isport, in-nuqqas ta' osservanza tal-*Kodiċi* u, jew ksur ta' integrità fl-isport. Ma jistax jitnaqqas iktar minn tliet kwarti mill-perjodu ta' *Ineliġibilità* li kien ikun mod ieħor applikabbli. Jekk il-perjodu ta' *Ineliġibilità* li kien ikun mod ieħor applikabbli hu għal għomru, il-perjodu mhux sospiż taħt dan is-subparagrafu għandu jkun ta' mhux inqas minn tmien (8) snin. Għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu, il-perjodu ta' *Ineliġibilità* li kien ikun mod ieħor applikabbli mgħandux jinkludi kull perjodu ta' *Ineliġibilità* li jista' jiżdied taħt is-subregolament (9)(ċ)(ii).

Jekk hekk jintalab mill-*Atleta* jew *Persuna* oħra li jixtiequ jipprovdu *Assistenza Sostanzjali*, *NADOMALTA* għandha tippermetti li l-*Atleta* jew *Persuna* oħra jipprovdu l-informazzjoni bla ħsara għal *Ftehin Mingħajr Preġudizzju*.

Jekk l-*Atleta* jew *Persuna* oħra jonqsu milli jkomplu jikkooperaw u jipprovdu l-*Assistenza Sostanzjali* sħiħa u kredibbli, li fuqha kienet ibbażata s-sospensjoni tal-*Konsegwenzi*, *NADOMALTA* għandha terġa' ġġib fis-seħħ il-*Konsegwenzi* oriġinali. Jekk *NADOMALTA* tiddeċiedi li terġa' ġġib fis-seħħ il-*Konsegwenzi* sospiżi jew tiddeċiedi li ma terġax iġġib fis-seħħ *Konsegwenzi* sospiżi, dik id-deċiżjoni tista' tiġi appellata taħt ir-Regolament 13.

(ii) Sabiex tinkoraġġixxi aktar lil *Atleti* u *Persuni* oħra biex jipprovdu *Assistenza Sostanzjali* lil *Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping*, fuq talba tal-ADC jew fuq talba tal-*Atleta* jew *Persuna* oħra li jkun ikkommetta jew hu allegat li kkommetta ksur ta' regola tal-*anti-doping*, jew ksur ieħor ta' dawn ir-regolamenti, il-*WADA* tista' taqbel, fi kwalunkwe stadju tal-proċess tal-*Ġestjoni tar-Riżultati*, inkluż wara deċiżjoni tal-appell taħt ir-Regolament 13, dwar dak li tikkonsidra li hi sospensjoni xierqa ta' perjodu ta' *Ineliġibilità* li kien ikun mod ieħor

applikabbli u *Konsegwenzi* oħra. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-*WADA* tista' taqbel ma' sospensjonijiet tal-perjodu ta' *Ineliġibilità* u *Konsegwenzi* oħra għal *Assistenza Sostanzjali* li jkunu ogħla minn dawk li huma mod ieħor previsti f'dan is-subparagrafu, kif ukoll l-ebda perjodu ta' *Ineliġibilità*, l-ebda *Żvelar lill-Pubbliku* mandatorju u, jew l-ebda għoti lura ta' flus bħala premji jew ħlas ta' multi jew spejjeż. L-approvazzjoni tal-*WADA* tkun bla ħsara għat-treġġigħ fis-seħħ ta' *Konsegwenzi*, kif previst mod ieħor f'dan is-subparagrafu. Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-Regolament 13, id-deċiżjonijiet tal-*WADA* fil-kuntest ta' dan is-subparagrafu mhumiex appellabbli.

(iii) Jekk *NADOMALTA* jissospendi xi parti minn xi sanzjoni, li kienet tkun applikabbli mod ieħor, minħabba f'*Assistenza Sostanzjali*, allura għandu jingħata avviż li juri l-ġustifikazzjoni għad-deċiżjoni lil *Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping* oħra li għandhom dritt ta' appell taħt ir-Regolament 13(2)(ċ) kif previst fir-Regolament 14(2). F'ċirkostanzi uniċi fejn il-*WADA* tiddetermina li jkun fl-aħjar interess tal-*anti-doping*, il-*WADA* tista' tawtorizza lil *NADOMALTA* biex tidħol fi ftehimijiet kunfidenzjali xierqa li jillimitaw jew jdewmu l-iżvelar tal-ftehim dwar *Assistenza Sostanzjali* jew in-natura ta' *Assistenza Sostanzjali* li tkun qed tingħata.

(b) Ammissjoni ta' Ksur ta' Regola tal-*Anti-Doping* fl-Assenza ta' Xhieda Oħra

Fejn *Atleta* jew *Persuna* oħra jammettu volontarjament li jkunu wettqu ksur ta' regola tal-*anti-doping* qabel ma jkunu rċevew avviż dwar ġbir ta' *Kampjun* li jista' jistabbilixxi ksur ta' regola tal-*anti-doping* (jew, fil-każ ta' ksur ta' regola tal-*anti-doping* li ma jkunx taħt ir-Regolament 2(1), qabel ma jirċievu l-ewwel avviż tal-ksur ammess konformement mar-Regolament 7) u dik l-ammissjoni hi l-unika xhieda ta' min jorbot fuqha tal-ksur fil-ħin tal-ammissjoni, allura l-perjodu ta' *Ineliġibilità* jista' jitnaqqas, iżda għal mhux inqas minn nofs il-perjodu ta' *Ineliġibilità* applikabbli mod ieħor.

(ċ) Applikazzjoni ta' Raġunijiet Multipli għal Tnaqqis ta' Sanzjoni

Fejn *Atleta* jew *Persuna* oħra jistabbilixxu li huma intitolati għal tnaqqis ta' sanzjoni taħt iktar minn waħda mid-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (5), (6) jew dan is-subregolament, qabel ma jiġu applikati xi tnaqqis jew sospensjoni taħt dan is-subregolament, għandu jiġi determinat il-perjodu ta' *Ineliġibilità* li kien ikun mod ieħor applikabbli skont is-subregolamenti (2), (3), (5) u (6). Jekk l-*Atleta* jew *Persuna* oħra jistabbilixxu li jkunu intitolati għal tnaqqis jew sospensjoni tal-perjodu ta' *Ineliġibilità* taħt dan is-subregolament, allura l-perjodu ta' *Ineliġibilità* jista' jitnaqqas jew jiġi sospiż, iżda għal mhux inqas minn kwart tal-perjodu ta' *Ineliġibilità* li kien ikun mod ieħor applikabbli.

(8) Ftehimijiet dwar il-*Ġestjoni tar-Riżultati*

(a) Tnaqqis ta' Sena (1) Waħda għal Ċertu Ksur ta' Regola tal-*Anti-Doping* Ibbażat fuq Ammissjoni Bikrija u Aċċettazzjoni tas-Sanzjoni

Fejn *Atleta* jew *Persuna* oħra, wara li jkunu ġew notifikati mill-ADC dwar ksur potenzjali ta' regola tal-*anti-doping* li twassal għal perjodu stabbilit ta' *Ineliġibilità* ta' erba' (4) snin jew iktar (inkluż kull perjodu ta' *Ineliġibilità* stabbilit taħt is-subregolament (4)), jammettu l-ksur u jaċċettaw il-perjodu stabbilit ta' *Ineliġibilità* mhux aktar tard minn għoxrin (20) ġurnata minn wara li jirċievu avviż dwar akkuża ta' ksur ta' regola tal-*anti-doping*, l-*Atleta* jew *Persuna* oħra jistgħu jingħataw tnaqqis ta' sena (1) waħda fil-perjodu ta' *Ineliġibilità* stabbilit mill-ADC. Fejn l-*Atleta* jew *Persuna* oħra jingħataw tnaqqis ta' sena (1) waħda fil-perjodu stabbilit ta' *Ineliġibilità* taħt dan il-paragrafu, ma jistax jingħata l-ebda tnaqqis ieħor tal-perjodu stabbilit ta' *Ineliġibilità* taħt xi regolament ieħor.

(b) Ftehim dwar Riżoluzzjoni ta' Każ

Fejn *Atleta* jew *Persuna* oħra jammettu ksur ta' regola tal-*anti-doping* wara li jkunu ġew ikkonfrontati bil-ksur tar-regola tal-*anti-doping* mill-ADC u jaqblu mal-*Konsegwenzi* aċċettabbli għall-ADC u għall-*WADA*, fid-diskrezzjoni unika tagħhom, allura:

(i) l-*Atleta* jew *Persuna* oħra jistgħu jingħataw tnaqqis fil-perjodu ta' *Ineliġibilità* bbażat fuq valutazzjoni mill-ADC u l-*WADA* tal-applikazzjoni tas-subregolamenti (1) sa (7) għall-ksur stabbilit tar-regola tal-*anti-doping*, il-gravità tal-ksur, il-livell ta' *Tort* tal-*Atleta* jew *Persuna* oħra u kemm malajr l-*Atleta* jew *Persuna* oħra ammettew il-ksur; u

(ii) il-perjodu ta' *Ineliġibilità* jista' jibda minn data meta jinġabar il-*Kampjun* jew mid-data ta' meta twettaq l-aħħar ksur ta' regola oħra tal-*anti-doping*. F'kull każ, madankollu, meta jiġi applikat dan il-paragrafu, l-*Atleta* jew *Persuna* oħra għandhom iservu għallinqas nofs il-perjodu miftiehem ta' *Ineliġibilità*, li jibda jew mid-data ta' meta l-*Atleta* jew *Persuna* oħra aċċettaw l-impożizzjoni ta' sanzjoni jew id-data ta' *Sospensjoni Provviżorja* li ġiet sussegwentement rispettata mill-*Atleta* jew *Persuna* oħra, liema minnhom tkun l-iktar bikrija. Id-deċiżjoni tal-*WADA* u tal-ADC li jidħlu jew ma jidħlux fi ftehim dwar riżoluzzjoni ta' każ, u l-ammont tat-tnaqqis ta', u d-data tal-bidu tal-perjodu ta' *Ineliġibilità*, mhumiex materji għad-determinazzjoni jew reviżjoni minn korp ta' smigħ u mhumiex appellabbli taħt ir-Regolament 13.

Jekk ikun ġie hekk mitlub minn *Atleta* jew *Persuna* oħra li jixtiequ jidħlu fi ftehim dwar riżoluzzjoni ta' każ taħt dan il-paragrafu,

l-ADC għandha tippermetti lill-*Atleta* jew *Persuna* oħra li jiddiskutu magħha l-ammissjoni ta' ksur ta' regola tal-*anti-doping* bla ħsara għal *Ftehim Mingħajr Preġudizzju*.

(9) Ksur Multiplu

(a) It-Tieni jew it-Tielet Ksur ta' Regola tal-*Anti-Doping*

(i) Għal *Atleta* jew *Persuna* oħra li jwettqu t-tieni ksur ta' regola tal-*anti-doping*, il-perjodu ta' *Ineliġibilità* għandu jkun l-ogħla minn:

(A) perjodu ta' sitt (6) xhur ta' *Ineliġibilità*; jew

(B) perjodu ta' *Ineliġibilità* fil-marġni bejn:

- l-ammont tal-perjodu ta' *Ineliġibilità* impost għall-ewwel ksur tar-regola tal-*anti-doping* miżjud bil-perjodu ta' *Ineliġibilità* applikabbli mod ieħor għat-tieni ksur ta' regola tal-*anti-doping* ittrattat bħallikieku kien l-ewwel ksur, u

- id-doppju tal-perjodu ta' *Ineliġibilità* applikabbli mod ieħor għat-tieni ksur ta' regola tal-*anti-doping* bħallikieku kien l-ewwel ksur.

Il-perjodu ta' *Ineliġibilità* f'dan il-marġni għandu jiġi determinat fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi kollha u l-gravità ta' *Tort* tal-*Atleta* jew *Persuna* oħra fir-rigward tat-tieni ksur.

(ii) It-tielet ksur ta' regola tal-*anti-doping* iwassal dejjem għal perjodu ta' *Ineliġibilità* għal għomru, ħlief jekk it-tielet ksur hu konformi mal-kondizzjoni għall-eliminazzjoni jew tnaqqis tal-perjodu ta' *Ineliġibilità* taħt is-subregolamenti (5) jew (6), jew jinvolvi ksur tar-Regolament 2.4. F'dawn il-każijiet partikolari, il-perjodu ta' *Ineliġibilità* għandu jkun *Ineliġibilità* minn tmien (8) snin għal għomru.

(iii) Il-perjodu ta' *Ineliġibilità* stabbbilit fis-subparagrafi (i) u (ii) jista' imbagħad jerġa' jitnaqqas bl-applikazzjoni tas-subregolament (7).

(b) Ksur ta' regola tal-*anti-doping* li għalih *Atleta* jew *Persuna* oħra stabbilixxa *Ebda Tort* jew *Negliġenza* ma jitqiesx bħala ksur għall-finijiet ta' dan is-subregolament. Barra minn dan, ksur ta' regola tal-*anti-doping* sanzjonat taħt is-subregolament (2)(d)(i) ma jitqiesx bħala ksur għall-finijiet ta' dan is-subregolament.

(ċ) Regolamenti Addizzjonali għal Ċertu Ksur Potenzjali Multiplu

(i) Għall-finijet tal-impożizzjoni ta' sanzjonijiet taħt dan is-subregolament, ħlief kif previst fil-paragrafu (ċ)(ii) u (iii), ksur ta' regola tal-*anti-doping* jitqies bħala t-tieni ksur fil-każ biss fejn l-ADC tista' tistabbilixxi li l-*Atleta* jew *Persuna* oħra wettqu ksur addizzjonali ta' regola tal-*anti-doping* wara li l-*Atleta* jew *Persuna* oħra kienu rċevew avviż konformement mar-Regolament 7, jew wara li l-ADC tagħmel sforzi raġjonevoli biex tagħti avviż dwar l-ewwel ksur tar-regola tal-*anti-doping*. Jekk l-ADC ma tistax tistabbilixxi dan, il-ksur kollu għandu jitqies bħala ksur singolu tal-ewwel, u s-sanzjoni li tiġi imposta tkun ibbażata fuq il-ksur li jwassal għall-ogħla sanzjoni, inkluża l-applikazzjoni ta' *Ċirkostanzi Aggravanti*. Ir-riżultati fil-*Kompetizzjonijiet* kollha sa mill-ksur ta' qabel ta' regola tal-*anti-doping* għandhom jiġu *Skwalifikati* kif previst fis-subregolament (10).

(ii) Jekk l-ADC tistabbilixxi li *Atleta* jew *Persuna* oħra wettqu ksur addizzjonali ta' regola tal-*anti-doping* qabel in-notifika, u dak il-ksur addizzjonal sar tnax (12)-il xahar jew iktar qabel jew wara li ġie nnotat l-ewwel ksur, allura l-perjodu ta' *Ineliġibilità* għal ksur addizzjonali għandu jiġi kkalkolat bħallikieku l-ksur addizzjonali kien l-ewwel ksur fih innifsu u dan il-perjodu ta' *Ineliġibilità* għandu jitgħadda konsekuttivament, u mhux flimkien, mal-perjodu ta' *Ineliġibilità* impost għall-ksur innotat qabel. Fejn japplika dan is-subregolament, il-ksur kollu magħdud flimkien għandu jikkostitwixxi ksur wieħed għall-finijiet tal-paragrafu (a).

(iii) Jekk l-ADC tistabbilixxi li *Atleta* jew *Persuna* oħra wettqu ksur tar-Regolament 2(5) f'konnessjoni mal-proċess tal-*Kontroll tad-Doping* taħt ksur ta' regola msejsa stabbilita tal-*anti-doping*, il-ksur tar-Regolament 2(5) għandu jiġi ttrattat bħala l-ewwel ksur fih innifsu u l-perjodu ta' *Ineliġibilità* għal tali ksur għandu jitgħadda konsekuttivament, u mhux flimklien, mal-perjodu ta' *Ineliġibilità*, jekk ikun hemm, impost għall-ksur tar-regola msejsa tal-*anti-doping*. Fejn jiġi applikat dan is-subparagrafu, il-ksur kollu magħdud flimkien għandu jikkostitwixxi ksur wieħed għall-finijiet tal-paragrafu (a).

(iv) Jekk l-ADC tistabbilixxi li *Atleta* jew *Persuna* oħra wettqet it-tieni jew it-tielet ksur ta' regola tal-*anti-doping* f'perjodu ta' *Ineliġibilità*, il-perjodi ta' *Ineliġibilità* għal ksur multiplu għandhom jingħaddu konsekuttivament, u mhux flimkien.

(d) Ksur Multiplu ta' Regoli tal-*Anti-Doping* f'Perjodu ta' Għaxar (10) Snin

Għall-finijiet ta' dan is-subregolament, kull ksur ta' regola tal-*anti-doping* għandu jseħħ fi żmien l-istess perjodu ta' għaxar (10) snin sabiex jiġi kkunsidrat bħala ksur multiplu.

(10) *Skwalifika* ta' Riżultati f'*Kompetizzjonijiet* Wara Ġbir ta' *Kampjun* jew twettiq ta' Ksur ta' Regola tal-*Anti-Doping*

Minbarra l-*Iskwalifika* awtomatika tar-riżultati fil-*Kompetizzjoni* li pproduċiet il-*Kampjun* pożittiv taħt ir-Regolament 9, ir-riżultati kompetittivi l-oħra kollha tal-*Atleta* miksuba mid-data ta' meta ngħabar *Kampjun* pożittiv (kemm jekk *Waqt Kompetizzjoni* kif ukoll *Barra minn Kompetizzjoni*), jew minn meta seħħ il-ksur ieħor ta' regola tal-*anti-doping*, permezz tal-bidu ta' xi *Sospensjoni Provviżorja* jew perjodu ta' *Ineliġibilità*, għandhom, sakemm is-sens tal-ġustizzja ma jeħtieġx mod ieħor, jiġu *Skwalifikati* bil-*Konsegwenzi* kollha li jirriżultaw inkluża l-konfiska ta' kull medalja, punti u premjijiet.

(11) Premji fi Flus Ikkonfiskati

Jekk *NADOMALTA* tiġbor lura premji fi flus ikkonfiskati bħala riżultat ta' ksur ta' regola tal-*anti-doping*, hi għandha tieħu l-provvedimenti meħtieġa biex talloka u tqassam dawn il-premji fi flus lill-*Atleti* li kienu jkunu intitolati għall-premji li kieku l-*Atleta* li fuqu saret il-konfisha ma kkompetix.

(12) *Konsegwenzi Finanzjarji*

(a) Fejn *Atleta* jew *Persuna* oħra twettaq ksur ta' regola tal-*anti-doping*, *NADOMALTA* tista', fid-diskrezzjoni tagħha u bla ħsara għall-prinċipju tal-proporzjonalità, tagħżel li tiġbor lura mill-*Atleta* jew *Persuna* oħra l-spejjeż assoċjati mal-ksur tar-regola tal-*anti-doping*, irrispettivament mill-perjodu ta' *Ineliġibilità* impost.

(b) L-impożizzjoni tal-ġbir lura ta' spejjeż minn *NADOMALTA* mgħandhiex titqies bħala bażi għat-tnaqqis tas-sanzjoni ta' *Ineliġibilità* jew sanzjoni oħra li kienet tkun mod ieħor applikabbli taħt dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping*.

(13) Bidu tal-Perjodu ta' *Ineliġibilità*

Fejn *Atleta* jkun diġà qed iservi perjodu ta' *Ineliġibilità* għall-ksur ta' regola tal-*anti-doping*, kull perjodu ġdid ta' *Ineliġibilità* għandu jibda fl-ewwel ġurnata wara l-perjodu ta' *Ineliġibilità* li jkun għaddej jispiċċa. Inkella, ħlief kif previst hawn aktar 'l isfel, il-perjodu ta' *Ineliġibilità* għandu jibda fid-data tad-deċiżjoni fl-aħħar smigħ li tipprovdi għall-*Ineliġibilità* jew, jekk issir rinunzja għas-smigħ jew ma jkun hemm l-ebda smigħ, fid-data li l-*Ineliġibilità* tiġi aċċettata jew imposta mod ieħor.

(a) Dewmien Mhux Attribwibbli għall-*Atleta* jew *Persuna* oħra

Fejn jirrikorri dewmien sostanzjali fil-proċess ta' smigħ jew f'aspetti oħra tal-*Kontroll tad-Doping*, u l-*Atleta* jew *Persuna* oħra jistgħu jistabbilixxu li tali dewmien mhuwiex attribwibbli għall-*Atleta* jew *Persuna* oħra, *NADOMALTA* jew *NADDP*, jekk ikun applikabbli, jistgħu jibdew il-

perjodu ta' *Ineliġibilità* f'data iktar kmieni li tista' tibda mid-data tal-ġbir tal-*Kampjun* jew mid-data li fiha l-aħħar seħħ ksur ieħor ta' regola tal-*anti-doping*. Ir-riżultati kompetittivi kollha miksuba matul il-perjodu ta' *Ineliġibilità*, inkluża *Ineliġibilità* retroattiva, għandhom jiġu *Skwalifikati*.

(b) Kredtu għal *Sospensjoni Provviżorja* jew Perjodu ta' *Ineliġibilita* Mgħoddi

(i) Jekk *Sospensjoni Provviżorja* tiġi rispettata mill-*Atleta* jew mill-*Persuna* l-oħra, allura l-*Atleta* jew *Persuna* oħra għandhom jirċievu kredtu għal tali perjodu ta' *Sospensjoni Provviżorja* kontra kull perjodu ta' *Ineliġibilità* li jista' jiġi impost fl-aħħar. Jekk l-*Atleta* jew *Persuna* oħra ma jirrispettawx *Sospensjoni Provviżorja*, allura l-*Atleta* jew *Persuna* oħra ma jirċievu l-ebda kredtu għal kull perjodu ta' *Sospensjoni Provviżorja* mgħoddi. Jekk jiġi mgħoddi perjodu ta' *Ineliġibilità* konformement ma' deċiżjoni li wara tiġi appellata, allura l-*Atleta* jew *Persuna* oħra għandhom jirċievu kredtu għal tali perjodu ta' *Ineliġibilità* mgħoddi kontra kull perjodu ta' *Ineliġibilità* li jista' fl-aħħar jiġi impost wara l-appell.

(ii) Jekk *Atleta* jew *Persuna* oħra volontarjament jaċċettaw *Sospensjoni Provviżorja* bil-miktub mill-ADC u wara jirrispettaw is-*Sospensjoni Provviżorja*, l-*Atleta* jew *Persuna* oħra għandhom jirċievu kredtu għal tali perjodu ta' *Sospensjoni Provviżorja* kontra kull perjodu ta' *Ineliġibilità* li jista' jiġi impost fl-aħħar. Minnufih għandha tingħata kopja tal-aċċettazzjoni volontarja tal-*Atleta* jew *Persuna* oħra lil kull parti intitolata li tirċievi avviż ta' ksur allegat ta' regola tal-*anti-doping* taħt ir-Regolament 14(1).

(iii) Ma jingħata l-ebda kredtu kontra perjodu ta' *Ineliġibilità* qabel id-data effettiva ta' *Sospensjoni Provviżorja* jew *Sospensjoni Provviżorja* volontarja irrispettivament jekk l-*Atleta* għażilx li jikkompeti jew kienx ġie sospiż minn tim.

(iv) Fi *Sports ta' Timijiet*, fejn jiġi impost perjodu ta' *Ineliġibilità* fuq tim, sakemm il-prinċipju tal-ġustizzja ma jeħtieġx mod ieħor, il-perjodu ta' *Ineliġibilità* għandu jibda fid-data tad-deċiżjoni fl-aħħar smigħ li jipprovdi għall-*Ineliġibilità* jew, jekk ikun hemm rinunzja għal smigħ, fid-data li l-*Ineliġibilità* tiġi aċċettata jew imposta mod ieħor. Kull perjodu ta' *Sospensjoni Provviżorja* ta' tim (kemm jekk impost kif ukoll jekk aċċettat volontarjament) għandu jiġi akkreditat kontra l-perjodu totali ta' *Ineliġibilità* li għandu jiġi mgħoddi.

(14) Status waqt *Ineliġibilita* jew *Sospensjoni Provviżorja*

(a) Projbizzjoni ta' Parteċipazzjoni waqt *Ineliġibilità* jew *Sospensjoni Provviżorja*

L-ebda *Atleta* jew *Persuna* oħra, li ġew iddikjarati *Ineliġibbli* jew soġġetti għal *Sospensjoni Provviżorja* ma jistgħu, waqt perjodu ta' *Ineliġibilità* jew *Sospensjoni Provviżorja*, jipparteċipaw fi kwalunkwe kapaċità f'*Kompetizzjoni* jew attività (ħlief fi programmi awtorizzati ta' *Edukazzjoni* dwar l-*anti-doping* jew rijabilitazzjoni) awtorizzati jew organizzati minn xi *Firmatarju*, Organizazzjoni li tkun membru tal-*Firmatarju*, jew klabb jew Organizzazzjoni oħra li tkun membru ta' Organizzazzjoni ta' *Firmatarju*, jew f'*Kompetizzjonijiet* awtorizzati jew organizzati minn lega professjonistika jew minn Organizzazzjoni li torganizza xi *Avveniment* ta' livell internazzjonali jew livell nazzjonali jew xi attività sportiva elitista jew ta' livell nazzjonali ffinanzjata minn aġenzija governattiva.

Atleta jew *Persuna* oħra soġġetti għal perjodu ta' *Ineliġibilità* itwal minn erba' (4) snin jistgħu, wara li jikkompletaw erba' (4) snin tal-perjodu ta' *Ineliġibilità*, jipparteċipaw bħala *Atleta* f'avvenimenti sportivi lokali mhux sanzjonati jew mod ieħor taħt il-ġurisdizzjoni ta' *Firmatarju* tal-*Kodiċi* jew membru ta' *Firmatarju* tal-*Kodiċi*, iżda biss sakemm l-avveniment sportiv lokali ma jkunx f'livell li jista' mod ieħor jikkwakifika tali *Atleta* jew *Persuna* oħra direttament jew indirettament biex jikkompeti fi (jew jakkumula punti lejn) lega nazzjonali jew *Avveniment Internazzjonali*, u ma jinvolvix lill-*Atleta* jew *Persuna* oħra f'ħidma fi kwalunkwe kariga ma' *Persuni Protetti*.

Atleta jew *Persuna* oħra soġġetti għal perjodu ta' *Ineliġibilità* għandhom jibgħu soġġetti għal *Testjar* u kull ħtieġa mill-ADC biex jipprovdu informazzjoni dwar *whereabouts*.

(b) Ritorn għal Taħriġ

Bħala eċċezzjoni għall-paragrafu (a), *Atleta* jista' jirritorna għal taħriġ ma' tim jew juża l-faċilitajiet ta' klabb jew ta' Organizzazzjoni sportiva nazzjonali matul l-iqsar minn:

(i) l-aħħar xahrejn tal-perjodu ta' *Ineliġibilità* tal-*Atleta*, jew

(ii) l-aħħar kwart tal-perjodu ta' *Ineliġibilità* imposta.

(Ċ) Ksur tal-Projbizzjoni ta' Parteċipazzjoni Waqt *Ineliġibilità* jew *Sospensjoni Provviżorja*

Fejn *Atleta* jew *Persuna* oħra li ġew iddikjarati *Ineliġibbli* jiksru l-projbizzjoni kontra parteċipazzjoni waqt l-*Ineliġibilità* mfissra fil-paragrafu (a), ir-riżultati ta' tali parteċipazzjoni għandhom jiġu *Skwalifikati* u għandu jiżdied perjodu ġdid ta' *Ineliġibilità* ugwali fit-tul għall-perjodu oriġinali ta' *Ineliġibilità* fl-aħħar tal-perjodu oriġinali ta' *Ineliġibilità*. Il-perjodu ġdid ta' *Ineliġibilità*, inklużi ċanfira u ebda perjodu ta' *Ineliġibilità*, jistgħu jiġu

aġġustati fuq il-bażi tal-gravità tat-*Tort* tal-*Atleta* jew *Persuna* oħra u ċirkostanzi oħra tal-każ. Id-determinazzjoni dwar jekk *Atleta* jew *Persuna* oħra kisrux il-projbizzjoni kontra parteċipazzjoni, u jekk aġġustament hu xieraq, għandha ssir mill-*Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* li l-*Ġestjoni tar-Riżultati* tagħha wasslet għall-impożizzjoni tal-ewwel perjodu ta' *Ineliġibilità*. Id-deċiżjoni tista' tiġi appellata taħt ir-Regolament 13.

Atleta jew *Persuna* oħra li jiksru l-projbizzjoni kontra parteċipazzjoni waqt *Sospensjoni Provviżorja* mfissra fil-paragrafu (a) ma jirċievu l-ebda kredtu għal kull perjodu ta' *Sospensjoni Provviżorja* li jkunu servew u r-riżultati ta' tali parteċipazzjoni għandhom jiġu *Skwalifikati*.

Fejn *Persunal tal-Appoġġ tal-Atleta* jew *Persuna* oħra tassisti lil *Persuna* biex tikser il-projbizzjoni kontra parteċipazzjoni waqt *Ineliġibilità* jew *Sospensjoni Provviżorja*, l-*NADDP* għandu jimponi sanzjonijiet għal ksur tar-Regolament 2(9) għal tali assistenza.

(d) Ċħid ta' Għajnuna Finanzjarja waqt *Ineliġibilità*

Barra minn dan, għal kull ksur ta' regola tal-*anti-doping* li ma jinvolvix sanzjoni mnaqqsa kif imfisser fis-subregolament (5) jew (6), parti mill-għajnuna finanzjarja jew benefiċċji oħra relatati mal-isport, jew kollha kemm huma, li tali *Persuna* tirċievi għandhom jiġu miċħuda mill-organizzazzjoni sportiva nazzjonali, il-Gvern ta' Malta, il-*Kumitat Olimpiku Nazzjonali* ta' Malta u l-*Kumitat Paralimpiku Nazzjonali* ta' Malta.

(15) Pubblikazzjoni Awtomatika ta' Sanzjoni

Parti mandatorja ta' kull sanzjoni għandha tinkludi pubblikazzjoni awtomatika, kif previst fir-Regolament 14(3).

REGOLAMENT 11 *KONSEGWENZI* GĦAL TIMIJIET

(1) *Testjar* ta' *Sports* ta' *Timijiet*

Fejn iktar minn membru (1) wieħed ta' tim fi *Sport* ta' *Timijiet* jiġi notifikat dwar ksur ta' regola tal-*anti-doping* taħt ir-Regolament 7 f'konnessjoni ma' *Avveniment*, il-korp regolatorju għall-*Avveniment* għandu jwettaq *Testjar Immirat* xieraq tat-tim waqt il-*Perjodu tal-Avveniment*.

(2) *Konsegwenzi għal Sports ta' Timijiet*

Jekk iktar minn żewġ (2) membri ta' tim fi *Sport ta' Timijiet* jinsabu li kisru regola tal-*anti-doping* waqt *Perjodu ta' Avveniment*, il-korp regolatorju tal-*Avveniment* għandu jimponi sanzjoni xierqa fuq it-tim (eż., telf ta' punti, *Skwalifika* minn *Kompetizzjoni* jew *Avveniment*, jew sanzjoni oħra) b'żieda ma' kull *Konsegwenza* imposta fuq l-*Atleti* individwali li wettqu l-ksur tar-regola tal-*anti-doping*.

(3) Il-Korp Regolatorju tal-*Avveniment* jista' Jistabbilixxi *Konsegwenzi* Iktar Ħorox għal *Sports ta' Timijiet*

Il-korp regolatorju ta' *Avveniment* jista' jagħżel li jistabbilixxi regoli għal *Avveniment* li jimponu *Konsegwenzi* għal *Sports ta' Timijiet* li jkunu iktar ħorox minn dawk fis-subregolament (2) għall-finijiet tal-*Avveniment*.

REGOLAMENT 12 SANZJONIJIET MINN SPORTMALTA KONTRA KORPI SPORTIVI OĦRA

Meta l-Gvern, SportMalta jew *NADOMALTA* jsiru jafu li organizzazzjoni sportiva nazzjonali f'Malta jew xi korp sportiv nazzjonali ieħor f'Malta li fuqu għandu ġurisdizzjoni jkun naqas li josserva, jimplimenta, japplka jew jinforza dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* fil-kamp ta' kompetenza ta' dik l-Organizzazzjoni jew dak il-korp, *NADOMALTA* tista' tieħu l-azzjonijiet dixxiplinari addizzjonali li ġejjin:

(1) Teskludi l-membri kollha, jew xi uħud minnhom, ta' dik l-Organizzazzjoni jew korp minn *Avvenimenti* futuri speċifikati jew mill-*Avvenimenti* kollha li jsiru matul perjodu speċifikat ta' żmien.

(2) Tieħu azzjonijiet dixxiplinari addizzjonali fir-rigward tar-rikonoxximent ta' dik l-Organizzazzjoni jew dak il-korp, l-eliġibilità tal-membri tagħhom li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Organizzazzjoni jew tal-korp abbażi ta' dan li ġej:

(a) Erba' (4) każijiet ta' ksur jew aktar ta' dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* (għajr ksur li jinvolvi r-Regolament 2(4)) jitwettqu minn *Atleti* jew *Persuni* oħra affiljati ma' dik l-Organizzazzjoni jew dak il-korp matul perjodu ta' tnax (12)-il xahar. F'dan il-każ il-membri kollha jew xi grupp ta' membri ta' dik l-Organizzazzjoni jew ta' dak il-korp jistgħu jiġu miċħuda minn parteċipazzjoni f'kull attività ta' *NADOMALTA* għal perjodu ta' żmien sa sentejn (2).

(b) Erba' (4) każijiet ta' ksur jew aktar ta' dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* (għajr ksur li jinvolvi r-Regolament 2(4)) jitwettqu b'żieda mal-ksur imsemmi fil-paragrafu (a) minn *Atleti* jew *Persuni* oħra affiljati ma' dik l-Organizzazzjoni jew korp matul perjodu ta' tnax (12)-il xahar f'testijiet immexxija mill-federazzjoni internazzjonali jew mill-organizzazzjonijiet tal-*anti-doping* inkluża *NADOMALTA*. F'dan il-każ, dik l-Organizzazzjoni u dak il-korp jistgħu jiġu sospiżi għal perjodu ta' żmien sa erba' (4) snin.

(ċ) Iżjed minn *Atleta* wieħed jew *Persuna* oħra affiljati ma' dik l-Organizzazzjoni jew dak il-korp iwettaq ksur ta' regola tal-*anti-doping* waqt *Avveniment Internazzjonali*. F'dan il-każ, dik l-Organizzazzjoni jew dak il-korp jistgħu, fid-diskrezzjoni ta' SportMalta, jiċħdu kull assistenza proposta jew diġà mwegħda lill-organizzazzjoni sportiva nazzjonali involuta; u

(d) Dik l-Organizzazzjoni jew dak il-korp naqsu milli jagħmlu sforzi diliġenti biex iżommu lil *NADOMALTA* informata dwar fejn ikun jinsab *Atleta* wara li jirċievu talba għal dik l-informazzjoni minn *NADOMALTA*. F'dan il-każ, il-Gvern jew SportMalta, fid-diskrezzjoni tagħhom, jistgħu jiċħdu kull assistenza proposta jew diġà mwegħda lill-assoċjazzjoni nazzjonali involuta, b'żieda għall-ispejjeż kollha ta' *NADOMALTA* li jkunu nġarrbu fl-ittestjar tal-*Atleti* ta' dik l-organizzazzjoni sportiva nazzjonali.

(3) Tiċħad l-iiffinanzjar kollu jew parti minnu jew kull appoġġ ieħor finanzjarju jew mhux finanzjarju lil dik l-Organizzazzjoni jew li dak il-korp.

(4) Tobbliga lil dik l-Organizzazzjoni jew lil dak il-korp biex iħallsu lura lil *NADOMALTA* l-ispejjeż kollha (inklużi iżda mhux limitati għal, drittijiet ta' laboratorji, spejjeż dwar smigħ, u vvjaġġar) li għandhom x'jaqsmu ma' ksur ta' dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* imwettaq minn *Atleta* jew *Persuna* oħra affiljati ma' dik l-Organizzazzjoni jew dak il-korp.

REGOLAMENT 13 *ĠESTJONI TAR-RIŻULTATI*: APPELLI

(1) Deċiżjonijiet Soġġetti għal Appell

Deċiżjonijiet meħuda taħt il-*Kodiċi* jew taħt dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* huma appellabbli kif imfisser hawn aktar 'il quddiem fis-subregolamenti (2) sa (7) jew kif mod ieħor previst f'dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping*, il-*Kodiċi* jew l-*Istandards Internazzjonali*. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jibgħu fis-seħħ waqt l-appell sakemm il-korp tal-appell ma jordnax mod ieħor.

(a) Kamp ta' Applikazzjoni Mhux Limitat ta' Reviżjoni

Il-kamp ta' applikazzjoni fl-appell jinkludi l-kwistjonijiet kollha li huma rilevanti għall-materja u hu espressament mhux limitat għall-kwistjonijiet u għall-kamp ta' applikazzjoni tar-reviżjoni quddiem min ikun ħa l-ewwel deċiżjoni. Kull parti fl-appell tista' tissottometti xhieda, argumenti legali u talbiet li ma ġewx magħmula fis-smigħ tal-ewwel istanza sakemm jinħolqu mill-istess kawża ta' azzjoni jew l-istess fatti jew ċirkostanzi ġenerali magħmula jew indirizzati fis-smigħ tal-ewwel istanza.

(b) Il-*CAS* Mgħandux Jiddifferixxi s-Sejbiet li Jiġu Appellati

Fid-teħid tad-deċiżjoni tiegħu, il-*CAS* mgħandux jiddifferixxi mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-korp li deċizjoni tiegħu qed tiġi appellata.

(ċ) *WADA* Mhux Meħtieġa li Teżawrixxi Rimedji Interni

Fejn il-*WADA* għandha dritt ta' appell taħt dan ir-regolament u l-ebda parti ma appellat kontra d-deċiżjoni finali fi ħdan il-proċess ta' *NADOMALTA*, il-*WADA* tista' tappella kontra tali deċiżjoni direttament lill-

CAS mingħajr ma jkollha bżonn teżawrixxi rimedji oħra fil-proċess ta' *NADOMALTA*.

(2) Appelli minn Deċiżjonijiet li Jirrigwardaw Ksur ta' Regola tal-*Anti-Doping*, *Konsegwenzi*, *Sospensjoni Provviżorja*, Implimentazzjoni ta' Deċiżjonijiet u Ġurisdizzjoni

Deċiżjoni li ġie mwettaq ksur ta' regola tal-*anti-doping*, deċiżjoni li timponi *Konsegwenzi* jew li ma timponix *Konsegwenzi* għal ksur ta' regola tal-*anti-doping*, jew deċiżjoni li ma twettaq l-ebda ksur ta' regola tal-*anti-doping*; deċiżjoni li proċedura dwar ksur ta' regola tal-*anti-doping* ma tistax titkompla minħabba f'raġunijiet proċedurali (inkluża, per eżempju, preskrizzjoni); deċiżjoni mill-*WADA* li ma tagħtix eċċezzjoni għall-ħtieġa ta' avviż ta' sitt (6) xhur biex *Atleta* rtirat jerġa' lura għal kompetizzjoni taħt ir-Regolament 5(6)(a); deċiżjoni minn *WADA* li tassenja l-*Ġestjoni tar-Riżultati* taħt l-Artikolu 7(1) tal-*Kodiċi*; deċiżjoni mill-ADC li ma tikkonsidrax *Sejba Analitika Avversa* jew *Sejba Atipika* bħala ksur ta' regola tal-*anti-doping*, jew deċiżjoni li ma jitkomplix proċess dwar ksur ta' regola tal-*anti-doping* wara investigazzjoni konformement mal-*Istandard Internazzjonali* għall-*Ġestjoni tar-Riżultati*; deċiżjoni li timponi, jew tħassar, *Sospensjoni Provviżorja* b'riżultat ta' *Smigħ Provviżorju*; in-nuqqas tal-ADC li tosserva r-Regolament 7(4); deċiżjoni li l-ADC mgħandhiex ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi dwar ksur allegat ta' regola tal-*anti-doping* jew il-*Konsegwwenzi* tiegħu; deċiżjoni biex tissospendi, jew biex ma tissospendix, *Konsegwenzi* jew biex terġa' ġġib fis-seħħ, jew biex ma terġax iġġib fis-seħħ, *Konsegwenzi* taħt ir-Regolament 10(7)(a); nuqqas ta' osservanza tal-Artikolu 7.1.4 u 7.1.5 tal-*Kodiċi*; nuqqas ta' osservanza tar-Regolament 10(8)(a); deċiżjoni taħt ir-Regolament 10(14)(ċ); deċiżjoni minn *NADOMALTA* biex ma jimplimentax deċiżjoni ta' organizzazzjoni oħra tal-*anti-doping* taħt ir-Regolament 15; u deċiżjoni taħt l-Artikolu 27.3 tal-*Kodiċi* jistgħu jiġu appellati esklussivament kif previst f'dan is-subartikolu.

(a) Appelli li Jinvolvu *Atleti* ta' *Livell Internazzjonali* jew *Avvenimenti Internazzjonali*

F'każijiet li jinħolqu minn parteċipazzjoni f'*Avveniment Internazzjonali* jew f'każijiet li jinvolvu *Atleti* ta' *Livell Internazzjonali*, id-deċiżjoni tista' tiġi appellata esklussivament lill-*CAS*.

(b) Appelli li Jinvolvu *Atleti* Oħra jew *Persuni* Oħra

F'każijiet fejn il-paragrafu (a) mhuwiex applikabbli, id-deċiżjoni tista' tiġi appellata quddiem il-*NADAP*. Il-proċess tal-appell għandu jitmexxa konformement mal-*Istandard Internazzjonali* għall-*Ġestjoni tar-Riżultati*.

(i) Smigħ quddiem il-*NADAP*

(A) Il-*NADAP* għandu jkun magħmul minn *Chairperson* indipendenti u sitt (6) membri indipendenti oħra.

(B) Kull membru għandu jinħatar billi tittieħed f'konsiderazzjoni l-esperjenza meħtieġa tagħhom fl-*anti-doping* inkluża l-kompetenza tagħhom legali, sportiva, medika u, jew xjentifika. Kull membru jinħatar għal perjodu ta' tliet (3) snin li jista' jiġġedded darba.

(Ċ) Il-membri maħtura għandhom ikunu *Operattivament* u *Istituzzjonalment Indipendenti*. Membri tal-Bord, membri tal-istaff, membri tal-kummissjonijiet, konsulenti u uffiċjali ta' *NADOMALTA* jew l-affiljati tagħha (bħal ma hi *Parti Terza Delegata*), kif ukoll kull *Persuna* involuta fl-investigazzjoni, aġġudikazzjoni minn qabel, jew *Ġestjoni tar-Riżultati* dwar il-kwistjoni, ma jistgħux jinħatru bħala membri u, jew skrivani tal-*NADAP*. B'mod partikolari, l-ebda membru ma għandu jkun qabel ikkonsidra xi applikazzjoni għal *TUE*, deċiżjoni dwar *Ġestjoni tar-Riżultati*, f'xi każ partikolari fil-prima istanza jew f'appell li jinvolvi l-istess *Atleta*.

(D) Il-*NADAP* għandha tkun f'pożizzjoni li tmexxi s-smigħ u l-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni mingħajr interferenza minn *NADOMALTA* jew xi parti terza.

(E) Jekk membru maħtur miċ-*Chairperson* biex jisma' każ ma jkunx irid jew ma jistax, għal kwalunkwe raġuni, jisma' l-każ, iċ-*Chairperson* jista' jaħtar sostitut jew jaħtar *panel* ta' smigħ ġdid.

(F) Il-*NADAP* għandu s-setgħa, fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu, li jaħtar espert biex jassisti u jagħti pariri lill-*panel*.

(G) Il-Federazzjoni Internazzjonali, l-*Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* konċernata, il-*Kumitat Olimpiku Nazzjonali*, jekk ma jkunx/jkunux parti/partijiet fil-proċeduri, u l-*WADA* għandhom id-dritt, kull wieħed minnhom, li jattendu għas-smigħ ta' *NADAP* bħala osservaturi.

(H) Smigħ konformi ma' dan ir-regolament għandu jitlesta kemm jista' jkun malajr. Smigħ li jinżamm f'konnessjoni ma' avvenimenti jista' jsir fuq bażi mgħaġġla.

(ii) Proċeduri tal-*NADAP*

(A) Il-proċeduri tal-*NADAP* għandhom jirrispettaw il-prinċipji mfissra fl-Artikoli 8, 9, u 10 tal-*Istandard Internazzjonali* għall-*Ġestjoni tar-Riżultati*.

(B) Iċ-*Chairperson* għandu jaħtar tliet (3) membri (li

jistgħu jinkludu ċ-*Chairperson*) biex jittrattaw l-appell. Meta jittrattaw appell, membru wieħed (1) tal-*panel* għandu jkun avukat kwalifikat, b'mhux inqas minn tliet (3) snin esperjenza legali rilevanti, u membru wieħed (1) tal-*panel* għandu jkun tabib kwalifikat, b'mhux inqas minn tliet (3) snin esperjenza medika rilevanti.

(Ċ) Meta jinħatar miċ-*Chairperson* bħala membru ta' *NADAP*, kull membru għandu wkoll jiffirma dikjarazzjoni li ma jeżistu l-ebda fatti jew ċirkostanzi, sa fejn jaf hu, li jistgħu jitfgħu dubju dwar l-imparzjalità tiegħu fil-fehma ta' xi waħda mill-partijiet, ħlief iċ-ċirkostanzi żvelati fid-dikjarazzjoni.

(D) L-appellant għandu jippreżenta l-każ tiegħu u l-parti(jiet) intimata/i għandha/għandhom tippreżenta/ jippreżentaw il-każ(ijiet) tagħha/tagħhom fi tweġiba.

(E) Jekk xi parti jew ir-rappreżentant tagħha tonqas milli tattendi wara notifika, xorta waħda s-smigħ jista' jkompli.

(F) Kull parti jkollha d-dritt li tkun rappreżentata minn avukat fi smigħ, bl-ispejjeż ikunu fuq dik il-parti.

(G) Kull parti jkollha d-dritt għal interpretu waqt is-smigħ, bl-ispejjeż ikunu fuq dik il-parti.

(H) Kull parti fil-proċeduri jkollha d-dritt ta' aċċess għal u tippreżenta xhieda rilevanti, li tissottometti dikjarazzjonijiet bil-miktub jew bil-fomm, u li ssejjaħ u teżamina xhieda.

(iii) Deċiżjonijiet tal-*NADAP*

(A) Meta jintemm is-smigħ, jew minnufih wara, il-*NADAP* għandu joħroġ deċiżjoni bil-miktub, datata u ffirmata, li tirrispetta l-prinċipji tal-Artikolu 9 tal-*Istandard Internazzjonali* għall-*Ġestjoni tar-Riżultati*.

(B) Id-deċiżjoni għandha senjatament tinkludi r-raġunijiet kollha għad-deċiżjoni u għal kull perjodu impost ta' *Ineliġibilità*, inkluża (jekk applikabbli) ġustifikazzjoni dwar r-raġuni li għaliha ma ġietx imposta s-sanzjoni massima potenzjali.

(C) Il-*NADAP* għandha tinnotifika d-deċiżjoni lill-*Atleta* jew *Persuna* oħra, lill-*Federazzjoni Nazzjonali* tiegħu jew tagħha, u lill-*Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping* li jkollhom dritt jappellaw taħt il-paragrafu (ċ) (appell lill-*CAS*), u għandha tirrapporta d-deċiżjoni fl-*ADAMS* minnufih.

(D) Id-deċiżjoni tista' tiġi appellata kif previst fil-paragrafu (ċ) u żvelata pubblikament kif previst fir-Regolament 14(3).

(ċ) *Persuni* Intitolati għal Appell

(i) Appelli li jinvolvu *Atleti* ta' *Livell Internazzjonali* jew *Avvenimenti Internazzjonali*

F'każijiet taħt is-subregolament (2)(a), il-partijiet li ġejjin ikollhom dritt ta' appell lill-*CAS*:

(A) l-*Atleta* jew *Persuna* oħra li hi soġġetta għad-deċiżjoni appellata;

(B) il-parti l-oħra fil-każ li fih ingħatat id-deċiżjoni;

(Ċ) il-Federazzjoni Internazzjonali rilevanti;

(D) *NADOMALTA* u (jekk differenti) l-*Organizzazzjoni Nazzjonali tal-Anti-Doping* tal-pajjiż fejn il-*Persuna* hi residenti jew pajjiżi fejn il-*Persuna* tkun ċittadin jew detentur ta' liċenza;

(E) il-Kumitat Olimpiku Internazzjonali jew il-Kumitat Paralimpiku Internazzjonali, kif ikun applikabbli, fejn id-deċiżjoni jista' jkollha effett fir-rigward tal-Logħob Olimpiku u il-Logħob Paralimpiku, inklużi deċiżjonijiet li jaffettwaw l-eliġibilità għal Logħob Olimpiku jew Logħob Paralimpiku; u

(F) il-*WADA*.

(ii) Appelli li Jinvolvu *Atleti* oħra jew *Persuni* oħra

F'każijiet taħt is-subregolament (2)(b), il-partijiet li ġejjin ikollhom dritt ta' appell:

(A) l-*Atleta* jew *Persuna* oħra li hi soġġetta għad-deċiżjoni appellata

(B) il-parti l-oħra fil-każ li fih ingħatat id-deċiżjoni;

(Ċ) il-Federazzjoni Internazzjonali rilevanti;

(D) NADOMALTA u (jekk differenti) l-*Organizzazzjoni Nazzjonali tal-Anti-Doping Organisation* tal-pajjiż fejn il-*Persuna* hi residenti jew pajjiżi fejn il-*Persuna* tkun ċittadin jew detentur ta' liċenza;

(E) il-Kumitat Olimpiku Internazzjonali jew il-Kumitat Paralimpiku Internazzjonali, kif ikun applikabbli, fejn id-deċiżjoni jista' jkollha effett fir-rigward tal-Logħob Olimpiku u il-Logħob Paralimpiku, inklużi deċiżjonijiet li jaffettwaw l-eliġibilità għal Logħob Olimpiku jew Logħob Paralimpiku; u

(F) il-*WADA*.

Għal każijiet taħt is-subregolament (2)(b), il-*WADA*, il-Kumitat Olimpiku Internazzjonali, il-Kumitat Paralimpiku Internazzjonali, u l-Federazzjoni Internazzjonali rilevanti wkoll ikollhom dritt ta' appell lill-*CAS* fir-rigward tad-deċiżjoni tal-*NADAP*.

Kull parti li tippreżenta appell tkun intitolata għal assistenza mill-*CAS* biex tikseb kull informazzjoni rilevanti mill-*Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* li d-deċiżjoni tagħha tkun qed tiġi appellata u l-informazzjoni għandha tingħata jekk il-*CAS* hekk jiddeċiedi.

(iii) Obbligu ta' Notifika

Il-partijiet kollha f'appell lill-*CAS* għandhom jiżguraw li l-*WADA* u l-partijiet l-oħra kollha li jkollhom dritt ta' appell jingħataw avviż tal-appell tempestivament.

(iv) Appell minn Impożizzjoni ta' *Sospensjoni Provviżorja*

Minkejja kull dispożizzjoni li tinsab hawn, l-unika *Persuna* li tista' tappella mill-impożizzjoni ta' *Sospensjoni Provviżorja* hi l-*Atleta* jew *Persuna* li fuqhom tkun ġiet imposta *Sospensjoni Provviżorja*.

(v) Appell minn Deċiżjonijiet taħt ir-Regolament 12

Deċiżjonijiet minn *NADOMALTA* konformement mar-Regolament 12 jistgħu jiġu appellati quddiem il-*NADAP* mill-*Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* jew minn korp ieħor.

(d) Appelli Trasversali u Appelli oħra Sussegwenti huma Permessi

Appelli trasversali u appelli oħra sussegwenti minn intimat f'każijiet miġjuba quddiem il-*CAS* taħt il-*Kodiċi* huma speċifikatament permessi. Kull parti bi dritt ta' appell taħt dan ir-regolament għandha tippreżenta appell trasversali jew appell sussegwenti, l-aktar tard, mat-tweġiba tal-parti.

(3) Nuqqas li Tingħata Deċiżjoni Tempestivament minn *NADDP*

Fejn, f'każ partikolari, il-*NADDP* jonqos milli jagħti deċiżjoni fir-rigward jekk jkunx twettaq ksur ta' regola tal-*anti-doping* fi żmien raġjonevoli stabbilit mill-*WADA*, il-*WADA* tista' tagħżel li tappella direttament lill-*CAS* bħallikieku il-*NADDP* kien ta deċiżjoni li ma nstab l-ebda ksur ta' regola tal-*anti-doping*. Jekk il-*panel* ta' smigħ tal-*CAS* jiddeċiedi li twettaq ksur ta' regola tal-*anti-doping* u li l-*WADA* aġixxiet raġjonevolment meta għażlet li tappella direttament lill-*CAS*, allura l-ispejjeż tal-*WADA* u d-drittijiet tal-avukat fil-prosekuzzjoni tal-appell għandhom jiġu rimborżati lill-*WADA* mill-*NADDP*.

(4 Appelli li Jirrigwardaw *TUE*

Deċiżjonijiet dwar *TUE* jistgħu jiġu appellati esklussivament kif previst fir-Regolament 4(4).

(5) Notifika ta' Deċiżjonijiet tal-Appell

Il-*NADAP* għandu minnufih jipprovdi d-deċiżjoni tal-appell lill-*Atleta* jew *Persuna* oħra u lil *Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping* oħra li kienu jkunu intitolati għal appell taħt is-subregolament (2)(ċ) kif previst taħt ir-Regolament 14(2).

(6) Żmien għall-Preżentata ta' Appell

(a) Appelli lill-*CAS*

Iż-żmien biex jiġi preżentat appell lill-*CAS* għandu jkun wieħed u għoxrin (21) ġurnata mid-data meta l-parti li tappella tirċievi d-deċiżjoni. Minkejja dan kollu, dan li ġej għandu japplika f'konnessjoni ma' appelli preżentati minn parti intitolata li tappella iżda li ma kienitx parti fil-proċeduri li wasslu biex id-deċiżjoni tiġi appellata:

(i) fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata mill-avviż tad-deċiżjoni, tali parti(jiet) ikollha dritt titlob kopja tal-faxxikolu tal-każ li jirrigwarda d-deċiżjoni mill-*Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* li kellha ġurisdizzjoni fuq il-*Ġestjoni tar-Riżultati*;

(ii) jekk tali talba ssir fil-perjodu taż-żmien ta' ħmistax (15)-il ġurnata, allura l-parti li tagħmel dik it-talba jkollha wieħed u għoxrin (21) ġurnata minn meta tirċievi l-faxxikolu biex tippreżenta l-appell lill-*CAS*.

Minkejja dak li ntqal qabel, iż-żmien perentorju għall-preżentata ta' appell ippreżentat mill-*WADA* għandu jkun l-aktar tard minn:

(i) wieħed u għoxrin (21) ġurnata wara l-aħħar ġurnata li fiha kull parti oħra li għandha dritt ta' appell setgħet tappella, jew

(ii) wieħed u għoxrin (21) ġurnata wara li l-*WADA* tkun rċeviet il-faxxikolu komplet li jirrigwarda d-deċiżjoni.

(b) Appelli taħt is-subregolament (2)(b)

Iż-żmien biex jiġi preżentat appell lill-*NADAP* għandu jkun ta' għoxrin (20) ġurnata minn meta l-parti li tappella tirċievi d-deċiżjoni. Minkejja dan kollu, dan li ġej għandu japplika f'konnessjoni ma' appelli preżentati minn parti li għandha dritt tappella iżda li ma kienitx parti fil-proċeduri li wasslu għad-deċiżjoni soġġetta għal appell:

(i) fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata mill-avviż tad-deċiżjoni, tali parti/jiet ikollha d-dritt titlob kopja tal-faxxikolu tal-każ li jirrigwarda d-deċiżjoni mill-*Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* li kellha ġurisdizzjoni fuq il-*Ġestjoni tar-Riżultati*;

(ii) jekk tali talba ssir fil-perjodu taż-żmien ta' ħmistax (15)-il ġurnata, allura l-parti li tagħmel dik it-talba jkollha għoxrin (20) ġurnata minn meta tirċievi l-faxxikolu biex tippreżenta l-appell lill-*NADAP*.

Minkejja dak li ntqal qabel, iż-żmien perentorju għall-preżentata ta' appell ippreżentat mill-*WADA* għandu jkun l-aktar tard minn:

(i) wieħed u għoxrin (21) ġurnata wara l-aħħar ġurnata li fiha kull parti oħra li għandha dritt ta' appell setgħet tappella, jew

(ii) wieħed u għoxrin (21) ġurnata wara li l-*WADA* tkun rċeviet il-faxxikolu komplet li jirrigwarda d-deċiżjoni.

REGOLAMENT 14 KUNFIDENZJALITÀ U RAPPURTAR

(1) Informazzjoni li Tirrigwarda *Sejbiet Analitiċi Avversi*, *Sejbiet Atipiċi*, u Ksur Allegat Ieħor ta' Regola tal-*Anti-doping*

(a) Avviż ta' Ksur ta' Regola tal-*Anti-Doping* lil *Atleti* u *Persuni* oħra

Avviż lil *Atleti* jew *Persuni* oħra dwar ksur allegat ta' regola tal-*anti-doping* kontrihom għandu jsir kif previst f'dan ir-Regolament u r-Regolament 7.

Jekk f'xi stadju waqt il-*Ġestjoni tar-Riżultati* sa meta ssir l-akkuża dwar il-ksur tar-regola tal-*anti-doping*, l-ADC tiddeċiedi li ma tkomplix tmexxi dwar kwistjoni, hi għandha tinnotifika lill-*Atleta* jew *Persuna* oħra (sakemm l-*Atleta* jew *Persuna* oħra ma jkunux diġà ġew infurmati dwar il-*Ġestjoni tar-Riżultati* li tkun għaddejja).

(b) Avviż dwar ksur ta' regola tal-*anti-doping* lil *Organizzazzjonijiet*

Nazzjonali tal-Anti-Doping, *Federazzjonijiet Internazzjonali* u l-*WADA*

Avviż dwar ksur allegat ta' regola tal-*anti-doping* lil *Organizzazzjoni Nazzjonali tal-Anti-Doping* ta' *Atleta* jew *Persuna* oħra, jekk differenti mill-ADC, il-Federazzjoni Internazzjonali u l-*WADA* għandu jsir kif previst taħt dan ir-Regolament jew ir-Regolament 7, fl-istess ħin mal-avviż lill-*Atleta* jew *Persuna* oħra.

Jekk f'xi stadju waqt il-*Ġestjoni tar-Riżultati* sa meta ssir l-akkuża dwar il-ksur tar-regola tal-*anti-doping*, l-ADC tiddeċiedi li ma tkomplix tmexxi dwar kwistjoni, hi għandha tinnotifika (bir-raġunijiet) lill-*Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping* li jkollhom dritt ta' appell taħt ir-Regolament 13(2)(ċ).

(ċ) X'ikun fih Avviż ta' Ksur ta' Regola tal-*Anti-Doping*

In-notifika ta' ksur ta' regola tal-*anti-doping* għandha tinkludi: l-isem, il-pajjiż, sport u dixxiplina fi ħdan l-isport tal-*Atleta* jew *Persuna* oħra, il-livell kompetittiv tal-*Atleta*, jekk it-test kienx *Waqt Kompetizzjoni* jew *Barra minn Kompetizzjoni*, id-data tal-ġbir tal-*Kampjun*, ir-riżultat analitiku rappurtat mil-laboratorju u informazzjoni oħra kif meħtieġ mill-*Istandard Internazzjonali* għall-*Ġestjoni tar-Riżultati*.

Notifika ta' ksur ta' regola tal-*anti-doping*, ħlief taħt ir-Regolament 2(1), għandha tinkludi wkoll r-regola miksura u l-bażi tal-allegat ksur.

(d) Rapporti Dwar Status

Ħlief fir-rigward ta' investigazzjonijiet li ma wasslux għal avviż ta' ksur ta' regola tal-*anti-doping* konformement mal-paragrafu (a), l-*Organizzazzjoni Nazzjonali tal-Anti-Doping* tal-*Atleta* jew *Persuna* oħra, jekk differenti mill-ADC, il-Federazzjoni Internazzjonali u l-*WADA* għandhom jiġu aġġornati regolarment dwar l-istatus u s-sejbiet ta' kull reviżjoni jew proċeduti mmexxija konformement mar-Regolamenti 7, 8 jew 13 u għandhom jingħataw spjegazzjoni jew deċiżjoni raġjunata minnufih bil-miktub li tispjega r-riżoluzzjoni tal-kwistjoni.

(e) Konfidenzjalità

L-organizzazzjonijiet riċeventi mgħandhomx jiżvelaw l-informazzjoni lil hinn mill-persuni li jkun neċessarju li jkunu jafu (li jinkludu l-persunal xieraq fil-*Kumitat Olimpiku Nazzjonali*, *l-Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* applikabbli, u tim fi Sport għal Timijiet) sa meta l-ADC twettaq l-*Iżvelar lill-Pubbliku* kif permess bis-subregolament (3).

(f) Protezzjoni ta' Informazzjoni Kunfidenzjali minn Impjegat jew Aġent ta' *NADOMALTA*

L-ADC għandha tiżgura li informazzjoni li tikkonċerna *Sejbiet Analitiċi Avversi*, *Sejbiet Atipiċi*, u ksur allegat ieħor ta' regola tal-*anti-doping* jibqgħu kunfidenzjali sa meta tali informazzjoni tiġi *Żvelata lill-Pubbliku* skont is-subregolament (3). L-ADC għandha tiżgura li l-impjegati tagħha (kemm permanenti jew mod ieħor), kuntratturi, aġenti, konsulenti, u *Partijiet Terzi Delegati* jkunu soġġetti għal obbligu kuntrattwali kompletament inforzabbli ta' kunfidenzjalità u għal proċeduri kompletament infurzabbli għall-investigazzjoni u dixxiplinar ta' żvelar mhux xieraq u, jew mhux awtorizzat ta' tali informazzjoni kunfidenzjali.

(2) Avviż ta' Ksur ta' Regola tal-*Anti-Doping* jew Ksur ta' Deċiżjonijiet dwar *Ineliġibilità* jew *Sospensjoni Provviżorja* u Talba għal Faxxikoli

(a) Deċiżjonijiet dwar ksur ta' regola tal-*anti-doping* jew deċiżjonijiet li jirrigwardaw ksur ta' *Ineliġibilità* jew *Sospensjoni Provviżorja* mwettaq konformement mar-Regolamenti 7(6), 8(2), 10(5), (6), u (7), 10(14)(ċ) jew 13(5) għandhom jinkludu r-raġunijiet kollha għad-deċiżjoni, inkluża, jekk applikabbli, ġustifikazzjoni dwar għaliex ma ġietx imposta s-sanzjoni massima potenzjali. Fejn id-deċiżjoni mhijiex bl-Ingliż jew bil-Franċiż, l-ADC għandha tipprovdi sommarju tad-deċiżjoni u tar-raġunijiet li jappoġġjawha bl-Ingliż jew bil-Franċiż.

(b) *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* li jkollha d-dritt tappella deċiżjoni li tirċievi konformement mal-paragrafu (a) tista' fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata minn meta tirċeviha, titlob kopja tal-faxxikolu tal-każ sħiħ li għandu x'jaqsam mad-deċiżjoni.

(3) *Żvelar lill-Pubbliku*

(a) Wara li jkun ingħata avviż lill-*Atleta* jew lill-*Persuna* oħra skont l-*Istandard Internazzjonali għall-Ġestjoni tar-Riżultati*, u lill-*Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping* applikabbli skont is-subregolament (1)(b), l-identità tal-*Atleta* jew *Persuna* oħra li jkunu ġew notifikati bi ksur potenzjali ta' regola tal-*anti-doping*, is-*Sustanza Projbita* jew *Metodu Projbit* u n-natura tal-ksur involut, u jekk l-*Atleta* jew *Persuna* oħra humiex soġġetti għal *Sospensjoni Provviżorja* jidstgħu jiġu *Żvelati lill-Pubbliku* mill-ADC.

(b) Mhux iktar tard minn għoxrin (20) ġurnata wara li jkun ġie determinat f'deċiżjoni tal-appell taħt is-subregolament (2)(a) jew (2)(b), jew tali appell ġie rrinunzjat, jew smigħ skont ir-Regolament 8 ġie rrinunzjat, jew l-allegazzjoni ta' ksur ta' regola tal-*anti-doping* ma ġietx sfidata mod ieħor fil-ħin, jew il-kwistjoni ġiet riżolta taħt ir-Regolament 10(8), jew ġie impost perjodu ġdid ta' *Ineliġibilità*, jew ċanfira ġiet imposta taħt ir-Regolament 10(14)(ċ), l-ADC għandha *Tiżvela lill-Publiku* d-dispożizzjoni tal-materja tal-*anti-doping* inklużi l-isport, ir-regola tal-*anti-doping* miksura, l-isem tal-*Atleta* jew *Persuna* oħra li wettqu l-ksur, is-*Sustanza Projbita* jew *Metodu Projbit* involuti (jekk ikun hemm) u l-*Konsegwenzi* imposti. L-ADC għandha

wkoll *Tiżvela lill-Pubbliku* fi żmien għoxrin (20) ġurnata r-riżultati ta' deċiżjonijiet tal-appell li jikkonċernaw ksur ta' regoli tal-*anti-doping*, inkluża l-informazzjoni deskritta hawn qabel.

(ċ) Wara li jkun ġie determinat li jkun sar ksur ta' regola tal-*anti-doping* f'deċiżjoni f'appell taħt ir-Regolament 13(2)(a) jew (b) jew tkun saret rinunzja għall-appell, jew fi smigħ skont ir-Regolament 8 jew tkun saret rinunzja għal tali smigħ, jew l-allegazzjoni ta' ksur ta' regola tal-*anti-doping* ma ġietx sfidata mod ieħor fil-ħin, jew il-kwistjoni ġiet riżolta taħt ir-Regolament 10(8), l-ADC tista' tagħmel tali determinazzjoni u deċiżjoni pubblika u tista'tikkummenta pubblikament dwar il-kwistjoni.

(d) F'kull każ fejn jiġi determinat, wara smigħ jew appell, li l-*Atleta* jew *Persuna* oħra ma wettqux ksur ta' regola tal-*anti-doping*, il-fatt li d-deċiżjoni ġiet appellata jista' jiġi *Żvelat lill-Pubbliku*. Madankollu, id-deċiżjoni nfisha u l-fatti sottostanti ma jistgħux jiġi *Żvelati lill-Pubbliku* ħlief bil-kunsens tal-*Atleta* jew *Persuna* oħra li jkunu soġġetti għad-deċiżjoni. L-ADC għandha tagħmel sforzi raġjonevoli biex tikseb tali kunsens, u jekk jinkiseb kunsens, għandha *Tiżvela lill-Pubbliku* d-deċiżjoni kollha kemm hi jew f'tali forma editjata kif l-*Atleta* jew *Persuna* oħra jistgħu japprovaw.

(e) Il-pubblikazzjoni titwettaq għall-inqas billi l-informazzjoni meħtieġa titqiegħed fuq is-sit tal-web ta' *NADOMALTA* u billi l-informazzjoni titħalla għal xahar wieħed (1) jew kemm idum xi perjodu ta' *Ineliġibilità* liema minnhom ikun l-itwal.

(f) Ħlief kif previst fil-paragrafi (a) u (ċ), l-ebda *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping*, *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* jew laboratorju akkreditat mill-*WADA*, jew xi uffiċjal ta' xi tali korp, ma għandhom jikkummentaw pubblikament dwar fatti speċifiċi tal-każ pendenti (kif oppost għal deskrizzjoni ġenerali tal-proċess u xjenza) ħlief bħala tweġiba għal kummenti pubbliċi attribwiti għal, jew bbażati fuq inforrmazzjoni provduta minn, l-*Atleta*, *Persuna* oħra jew in-nies li jakkumpanjawhom jew rappreżentanti oħra.

(g) L-*Iżvelar Pubbliku* mandatorju meħtieġ fil-paragrafu (b) ma jkunx meħtieġ fejn l-*Atleta* jew *Persuna* oħra li jinstabu li wettqu ksur ta' regola tal-*anti-doping* jkunu *Minuri*, *Persuna Protetta* jew *Atleta tal-Passatemp*. Kull *Żvelar lill-Pubbliku* mhux obbligatorju f'każ li jinvolvi *Minuri*, *Persuna Protetta* jew *Atleta tal-Passatemp* għandu jkun proporzjonat għall-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ.

(4) Rappurtar ta' Statistika

L-ADC għandha, għallinqas kull sena, tippubblika għall-pubbliku rapport ġenerali tal-istatistika tal-attivitajiet tiegħu dwar il-*Kontroll tad-Doping*, b'kopja mogħtija lill-*WADA*. L-ADC tista' wkoll tippubblika rapporti li juru l-isem

ta' kull *Atleta* ttestjat u d-data ta' kull *Testjar*.

(5) *Database* ta' Informazzjoni dwar *Kontroll tad-Doping* u Monitoraġġ fuq Konformità

Sabiex tgħin lill-*WADA* twettaq ir-rwol ta' monitoraġġ fuq konformità u sabiex tiżgura l-użu effettiv tar-riżorsi u taqssim ta' informazzjoni applikabbli dwar il-*Kontroll tad-Doping* fost *Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping*, l-ADC għandha tirrapporta lill-*WADA* permezz tal-*ADAMS* informazzjoni li għandha x'taqsam mal-*Kontroll tad-Doping*, inklużi, b'mod partikolari:

(a) *Data* dwar il-*Passaport Bijoloġiku ta' Atleta* għal *Atleti* ta' *Livell Internazzjonali* u *Atleti* ta' *Livell Nazzjonali*;

(b) Informazzjoni dwar *whereabouts* inklużi dawk fi *Gruppi Reġistrati ta' Testjar*;

(ċ) Deċizjonijiet dwar *TUE*; u

(d) Decizjonijiet dwar *Ġestjoni tar-Riżultati*, kif meħtieġ taħt l-*Istandard(s) Internazzjonali* applikabbli.

(5)(1) Sabiex tiffaċilita l-ippjanar tad-distribuzzjoni koordinata ta' testijiet, tevita duplikazzjoni mhux neċessarja fit-*Testjar* minn varji *Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping*, u biex tiżgura li profili ta' *Passaport Bijoloġiku ta' Atleta* jiġu aġġornati, l-ADC għandha tirrapporta testitijiet *Waqt Kompetizzjoni* u *Barra minn Kompetizzjoni* lill-*WADA* billi tirreġistra l-formuli dwar *Kontroll tad-Doping* f'*ADAMS* konformement mal-ħtiġiet u żminijiet perentorji li jinsabu fl-*Istandard Internazzjonali* għal *Testjar* u Investigazzjonijiet.

(5)(2) Sabiex tiffaċilita s-superviżjoni tal-*WADA* u drittijiet ta' appell għal *TUE*, l-ADC għandha tirrapporta l-applikazzjonijiet kollha għal *TUE*, deċiżjonijiet u dokumentazzjoni ta' appoġġ bl-użu tal-*ADAMS* konformement mal-ħtiġiet u żminijiet perentorji li jinsabu fl-*Istandard Internazzjonali* għal *Eċċezzjonijiet* għal *Użu Terapewtiku*.

(5)(3) Sabiex tiffaċilita s-superviżjoni tal-*WADA* u drittijiet ta' appell għall-*Ġestjoni tar-Riżultati*, l-ADC għandha tirrapporta l-informazzjoni li ġejja fl-*ADAMS* konformement mal-ħtiġiet u żminijiet perentorji specifikati fl-*Istandard Internazzjonali* għall-*Ġestjoni tar-Riżultati*:

(a) notifiki ta' ksur ta' regola tal-*anti-doping* u deċiżjonijiet relatati ma' *Sejbiet Analitiċi Avversi*;

(b) notifiki u deċiżjonijiet relatati ma' ksur ieħor ta' regola tal-*anti-doping* li mhumiex *Sejbiet Analitiċi Avversi*;

(ċ) nuqqasijiet dwar *whereabouts*; u

(d) kull deċiżjoni li timponi, tirrevoka jew terġa ddaħħal fis-seħħ mill-ġdid *Sospensjoni Provviżorja*.

(5)(4) L-informazzjoni deskritta f'dan ir-regolament għandha tkun aċċessibbli, fejn xieraq u konformi mar-regoli applikabbli, għall-*Atleta*, l-*Organizzazzjoni Nazzjonali tal-Anti-Doping* tal-*Atleta* u Federazzjoni Internazzjonali, u kull *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* oħra li jkollha ġurisdizzjoni ta' *Testjar* fuq l-*Atleta*.

(6) Privatezza tad-*Data*

(a) *NADOMALTA* jista' jiġbor, jaħżen, jipproċessa jew jiżvela informazzjoni personali li tirrigwarda *Atleti* jew *Persuni* oħra fejn ikun meħtieġ u xieraq sabiex imexxi l-attivitajiet tiegħu tal-*anti-doping* taħt il-*Kodiċi*, l-*Istandards Internazzjonali* (inkluż speċifikatament l-*Istandard Internazzjonali* għall-Protezzjoni tal-Privatezza ta' Informazzjoni Personali), dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping*, u konformement mal-liġi applikabbli.

(b) Mingħajr ma jiġi limitat dak li ntqal qabel, *NADOMALTA* għandu:

(i) jipproċessa informazzjoni personali konformement ma' bażi legali biss;

(ii) jinnotifika lil kull *Parteċipant* jew *Persuna* soġġetti għal dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping*, b'mod u f'dik il-forma li tosserva liġijiet applikabbli u l-*Istandard Internazzjonali* għall-Protezzjoni tal-Privatezza tal-Informazzjoni Personali, li l-informazzjoni personali tagħhom tista' tiġi proċessata minn *NADOMALTA* u *Persuni* oħra għall-għan tal-implimentazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping*;

(iii) jiżgura li kull aġent terz (inkluża kull *Terza Parti Delegata*) li miegħu *NADOMALTA* jaqsam informazzjoni personali ta' xi *Parteċipant* jew *Persuna* jkun soġġett għal kontrolli xierqa tekniċi u kuntrattwali biex tiġi protetta l-kunfidezjalità u l-privatezza ta' tali informazzjoni.

REGOLAMENT 15 IMPLIMENTAZZJONI TA' DEĊIŻJONIJIET

(1) Effett Awtomatiku Vinkolanti ta' Deċiżjonijiet minn *Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping Firmatarji*

(a) Deċiżjoni dwar ksur ta' regola tal-*anti-doping* meħuda minn *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping Firmatarja*, korp tal-appell (Regolament 13(2)(b)) jew il-*CAS* għandha, wara li l-partijiet fil-proċeduri jiġu notifikati, tkun awtomatikament vinkolanti lil hinn mill-partijiet fil-proċedura fuq

NADOMALTA u kull *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* f'Malta, kif ukoll fuq kull *Firmatarju* f'kull sport bl-effetti msemmijin hawn aħtar 'il quddiem:

(i) deċiżjoni minn xi wieħed mill-korpi fuq imsemmija li timponi *Sospensjoni Provviżorja* (wara li jkun sar *Smigħ Provviżorju* jew l-*Atleta* jew *Persuna* oħra jew aċċettaw is-*Sospensjoni Provviżorja* jew irrinunzjaw għad-dritt ta' *Smigħ Provviżorju*, smigħ mgħaġġel jew appell mgħaġġel offert skont ir-Regolament 7(4)(ċ) awtomatikament tipprojbixxi lill-*Atleta* jew *Persuna* oħra minn parteċipazzjoni (kif imsemmi fir-Regolament 10(14)(a)) minn kull sport li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' xi *Firmatarju* waqt il-perjodu ta' *Sospensjoni Provviżorja*.

(ii) deċizjoni minn xi wieħed mill-korpi fuq imsemmija li timponi perjodu ta' *Ineliġibilità* (wara li jkun sar jew ġie rrinunzjat smigħ) awtomatikament tipprojbixxi lill-*Atleta* jew *Persuna* oħra minn parteċipazzjoni (kif imsemmi fir-Regolament 10(14)(a)) minn kull sport li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' xi *Firmatarju* waqt il-perjodu ta' *Ineliġibilità*.

(iii) deċizjoni minn xi wieħed mill-korpi fuq imsemmija li taċċetta ksur ta' regola tal-*anti-doping* torbot awtomatikament il-*Firmatarji* kollha.

(iv) deċizjoni minn xi wieħed mill-korpi fuq imsemmija li *Tiskwalifika* riżultati taħt ir-Regolament 10(10) għal perjodu speċifikat awtomatikament *Tiskwalifika* r-riżultati kollha miksuba fi ħdan il-ġurisdizzjoni ta' kull *Firmatarju* matul il-perjodu speċifikat.

(b) L-ADC u kull *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* f'Malta għandha tirrikonoxxi u timplimenta deċiżjoni u l-effetti tagħha kif meħtieġ bil-paragrafu (a), mingħajr il-ħtieġa ta' ebda azzjoni oħra, jew mid-data meta l-ADC fil-fatt tirċievi avviż tad-deċiżjoni jew mid-data meta d-deċiżjoni tiġi reġistratra fl-*ADAMS*, liema minnhom isseħħ l-ewwel.

(ċ) Deċiżjoni ta' *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping,* korp ta' appell jew il-*CAS* li tissospendi, jew tneħħi, *Konsegwenzi* tkun vinkolanti fuq l-ADC, u kull *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* f'Malta, mingħajr il-ħtieġa ta' ebda azzjoni oħra, jew mid-data meta l-ADC fil-fatt tirċievi avviż tad-deċiżjoni jew mid-data meta d-deċiżjoni tiġi reġistrata fl-*ADAMS*, liema minnhom isseħħ l-ewwel.

(d) Minkejja kull dispożizzjoni fil-paragrafu (a), madankollu, deċiżjoni dwar ksur ta' regola tal-*anti-doping* minn *Organizzazzjoni ta' Avveniment Maġġuri* meħuda fi proċess mgħaġġel waqt *Avveniment* ma tkunx vinkolanti fuq l-ADC jew l-*Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* f'Malta sakemm ir-regoli tal-*Organizzazzjoni ta' Avveniment Maġġuri* ma

jipprovdux lill-*Atleta* jew *Persuna* oħra opportunità ta' appell taħt proċedimenti mhux mgħaġġla.

(2) Implimentazzjoni ta' Deċiżjonijiet Oħra minn *Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping*

NADOMALTA u kull *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* f'Malta tista' tiddeċiedi li timplimenta deċiżjonijiet oħra dwar l-*anti-doping* mogħtija minn *Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping* mhux imfissra fis-subregolament (1)(a) hawn qabel, bħal *Sospensjoni Provviżorja* qabel *Smigħ Provviżorju* jew aċċettazzjoni mill-*Atleta* jew *Persuna* oħra.

(3) Implimentazzjoni ta' Deċiżjonijiet minn Korp li mhuwiex *Firmatarju*

Deċiżjoni dwar l-*anti-doping* minn korp li mhuwiex *Firmatarju* għall-*Kodiċi* għandha tiġi implimentata minn *NADOMALTA* u kull *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* f'Malta, jekk *NADOMALTA* isib li d-deċiżjoni tidher li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' dak il-korp u li r-regoli u regolamenti tal-*anti-doping* ta' dak il-korp huma mod ieħor konsistenti mal-*Kodiċi*.

REGOLAMENT 16 PRESKRIZZJONI

L-ebda proċediment dwar ksur ta' regola tal-*anti-doping* ma jista' jinbeda kontra *Atleta* jew *Persuna* oħra jekk ma jkunux ġew notifikati dwar il-ksur tar-regola tal-*anti-doping* kif previst fir-Regolament 7, jew sar tentattiv raġjonevoli biex issir in-notifika, fi żmien għaxar (10) snin mid-data ta' meta sar il-ksur allegat ta' regola tal-*anti-doping*.

REGOLAMENT 17 *EDUKAZZJONI*

NADOMALTA għandu jippjana, jimplimenta, jevalwa u jippromwovi *Edukazzjoni* konformement mal-ħtiġiet tal-Artikolu 18.2 tal-*Kodiċi* u l-*Istandard Internazzjonali* għall-*Edukazzjoni*.

REGOLAMENT 18 RWOLI U RESPONSABBILTAJIET ADDIZZJONALI TA' *ORGANIZZAZZJONI SPORTIVA NAZZJONALI*

(1) L-*Organizzazzjonijiet Sportivi Nazzjonali* kollha ta' Malta u l-membri tagħhom għandhom josservaw il-*Kodiċi, Standards Internazzjonali*, u dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping*. L-*Organizazzjonijiet Sportivi Nazzjonali* kollha ta' Malta u membri oħra għandhom jinkludu fil-politika, regoli u regolamenti tagħhom id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jirrikonoxxu l-ġurisdizzjoni u r-responsabbiltà ta' *NADOMALTA* biex timplimenta l-Programm Nazzjonali tal-*Anti-Doping* ta' Malta u tinforza dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* (inklużi li jitwettqu *Testijiet*) direttament fir-rigward ta' *Atleti* u *Persuni* oħra taħt il-ġurusdizzjoni tagħhom dwar l-*anti-doping*.

(2) Kull *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* ta' Malta għandha taċċetta u tosserva l-ispirtu u l-pattijiet tal-Programm Nazzjonali tal-*Anti-Doping* ta' Malta u dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* bħala kundizzjoni biex tirċievi għajnuna finanzjarja u, jew xi assistenza oħra mill-Gvern ta' Malta u, jew il-*Kumitat Olimpiku Nazzjonali* ta' Malta.

(3) Kull *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* ta' Malta għandha tinkorpora dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* jew direttament jew permezz ta' referenza fid-dokumenti regolatorji, kostituzzjoni u, jew regoli tagħha bħala parti mir-regoli tal-isport li jivvinkolaw il-membri tagħhom sabiex l-*Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* tista' tinforzahom hi stess direttament fir-rigward ta' *Atleti* u *Persuni* oħra taħt il-ġurisdizzjoni tagħha fuq l-*anti-doping*.

(4) Bl-adozzjoni ta' dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping*, u bl-inkorporazzjoni tagħhom fid-dokumenti regolatorji tagħhom u r-regoli tal-isport, *Organizzazzjonijiet Sportivi Nazzjonali* għandhom jikkooperaw ma' u jappoġġjaw lil *NADOMALTA* f'dik il-funzjoni. Huma għandhom ukoll jirrikonoxxu, josservaw u jimplimentaw id-deċiżjonijiet meħuda konformement ma' dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping*, inklużi d-deċiżjonijiet li jimponu sanzjonijiet fuq *Persuni* li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.

(5) L-*Organizzazzjonijiet Sportivi Nazzjonali* kollha ta' Malta għandhom jieħdu l-azzjoni xierqa biex jinforzaw l-osservanza tal-*Kodiċi*, Standards Internazzjonali, u dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* permezz *inter alia*:

(a) tat-tmexxija ta' *testijiet* taħt il-ġurisdizzjoni dokumentata tal-Federazzjoni Internazzjonali tagħhom biss u billi jużaw l-ADC jew awtorità oħra ta' ġbir ta' *Kampjuni* konformement mal-*Istandards Internazzjonali* għal *Testjar* u Investigazzjonijiet;

(b) tar-rikonoxximent tal-ġurisdizzjoni tal-ADC skont ir-Regolament 5(2)(a) u billi jassistu kif xieraq fl-implimentazzjoni mill-ADC tal-programm nazzjonali ta' *Testjar* għall-isport tagħhom;

(ċ) tal-analiżi tal-*Kampjuni* kollha miġbura billi jużaw laboratorju akkreditat jew approvat mill-*WADA* skont ir-Regolament 6(1); u

(d) tal-iżgurar li kull każ ta' ksur ta' regola tal-*anti-doping* fuq livell nazzjonali li jinstab mill-*Organizzazzjonijiet Sportivi Nazzjonali* jiġi aġġudikat mill-*NADDP* skont ir-Regolament 8(1) u l-*Istandard Internazzjonali* għall-*Ġestjoni tar-Riżultati*.

(6) L-*Organizzazzjonijiet Sportivi Nazzjonali* kollha għandhom jistabbilixxu regoli li jeħtieġu li kull *Atleta* li jkun qed jipprepara biex jipparteċipa f'*Kompetizzjoni* jew attività awtorizzata jew organizzata minn *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali* jew minn xi waħda mill-organizzazzjonijiet membri tagħha, u kull *Persunal tal-Appoġġ tal-Atleta* assoċjat ma' tali *Atleti* jaqblu li jkunu

marbutin b'dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* u li jissottomettu ruħhom għall-ġurisdizzjoni tal-awtorità tal-*Ġestjoni tar-Riżultati* tal-*Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* konformement mal-*Kodiċi* bħala kundizzjoni għal tali parteċipazzjoni.

(7) L-*Organizzazzjonijiet Sportivi Nazzjonali* għandhom jirrapurtaw kull informazzjoni li tissuġġerixxi jew li għandha x'taqsam ma' ksur ta' regola tal-*anti-doping* lil *NADOMALTA* u lill-Federazzjoni Internazzjonali tagħhom u għandhom jikkooperaw ma' investigazzjonijiet immexxija minn xi *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* li jkollha ġurisdizzjoni biex tmexxi l-investigazzjoni.

(8) L-*Organizzazzjonijiet Sportivi Nazzjonali kollha* għandu jkollhom fis-seħħ regoli ta' dixxiplina biex iwaqqfu lil *Persunal tal-Appoġġ ta' Atleta* li jkunu qed jużaw *Sustanzi Projbiti* jew *Metodi Projbiti* mingħajr ġustifikazzjoni valida milli jipprovdu appoġġ lil *Atleti* taħt il-ġurisdizzjoni ta' *NADOMALTA* jew tal-*Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali*.

(9) L-*Organizzazzjonijiet Sportivi Nazzjonali* kollha għandhom imexxu *Edukazzjoni* dwar l-*anti-doping* f'koordinazzjoni ma' *NADOMALTA*.

REGOLAMENT 19 RWOLI U RESPONSABBILTAJIET ADDIZZJONALI TA' *NADOMALTA*

(1) B'żieda mar-rwoli u responsabbiltajiet imsemmija fir-Regolament 20(5) għal *Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Anti-doping*, *NADOMALTA* għandha tirrapporta lil *WADA* dwar il-konformità ta' *NADOMALTA* mal-*Kodiċi u mal-Istandards Internazzjonali* skont l-Artikolu 24.1.2 tal-*Kodiċi*.

(2) Bla ħsara għal-liġi applikabbli, u f'konformità mal-Artikolu 20.5.10 tal-*Kodiċi*, il-membri tal-bord, diretturi uffiċjali u impjegati oħra kollha ta' *NADOMALTA* (u dawk ta' *Partijiet Terzi Delegati* maħtura), li huma involuti fi kwalunkwe aspett ta' *Kontroll tad-Doping*, għandhom jiffirmaw formula provduta minn *NADOMALTA*, li jaqblu li jkunu marbuta b'dawn ir-Regoli dwar l-*Anti-Doping* bħala *Persuni* f'konformità mal-*Kodiċi* għal kondotta ħażina diretta u intenzjonali.

(3) Bla ħsara għal-liġi applikabbli, u f'konformità mal-Artikolu 20.5.11 tal-*Kodiċi*, kull impjegat ta' *NADOMALTA* li hu involut fi *Kontroll tad-Doping* (li ma jkunux programmi ta' *Edukazzjoni* awtorizzati dwar l-*anti-doping* jew programmi ta' rijabilitazzjoni) għandu jiffirma dikjarazzjoni provduta minn *NADOMALTA* li jikkonferma li mhuwiex *Sospiżi Provviżorjament* jew qed iservi perjodu ta' *Ineliġibilità* u li ma kienx involut direttament u intenzjonalment f'kondotta ħażina matul l-aħħar sitt (6) snin li kienet tkun tikkostitwixxi ksur ta' regoli tal-*anti-doping* li kieku regoli li josservaw il-*Kodiċi* kienu applikabbli għalih.

REGOLAMENT 20 RWOLI U RESPONSABBILTAJIET ADDIZZJONALI TA' *ATLETI*

(1) Li jkunu konxji ta' u josservaw dawn ir-Regoli dwar l-*Anti-Doping*.

(2) Li jkunu disponibbli fi kwalunkwe ħin għall-ġbir ta' *Kampjuni*.

(3) Li jassumu r-responsabbiltà, fil-kuntest ta' *anti-doping*, għal dak li jibilgħu u jużaw.

(4) Li jinfurmaw lill-persunal mediku dwar l-obbligu tagħhom li ma *Jużawx Sustanzi Projbiti* u *Metodi Projbiti* u jassumu r-responsabbiltà li jiżguraw li kull trattament mediku li jirċievu ma jmurx kontra dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping*.

(5) Li jiżvelaw lil *NADOMALTA* u lill-Federazzjoni Internazzjonali tagħhom kull deċiżjoni minn non-*Firmatarju* li ssib li l-*Atleta* wettaq ksur ta' regola tal-*anti-doping* matul l-aħħar għaxar (10) snin.

(6) Li jikkooperaw ma' *Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping* li jinvestigaw ksur ta' regoli tal-*anti-doping*.

In-nuqqas minn xi *Atleta* li jikkoopera kompletament ma' *Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping* li jinvestigaw ksur ta' regola tal-*anti-doping* jista' jwassal għal akkuża ta' kondotta ħażina taħt ir-regoli ta' dixxiplina/regoli ta' kondotta ta' *NADOMALTA*.

(7) Li jiżvelaw l-identità tal-*Persunal tal-Appoġġ tal-Atleta* tagħhom meta mitluba minn *NADOMALTA* jew minn *Organizzazzjoni Sportiva Nazzjonali*, jew minn xi *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* oħra li jkollha ġurisdizzjoni fuq l-*Atleta*.

(8) Kondotta offensiva lejn uffiċjal ta' *Kontroll tad-Doping* jew *Persuna* oħra involuta fil-*Kontroll tad-Doping* minn *Atleta*, li mod ieħor ma tikkostitwix *Tbagħbis*, tista' twassal għal akkuża ta' kondotta ħażina taħt ir-regoli ta' dixxiplina/regoli ta' kondotta ta' *NADOMALTA*.

REGOLAMENT 21 RWOLI U RESPONSABBILTAJIET ADDIZZJONALI TA' PERSUNAL TAL-APPOĠĠ TAL-*ATLETA*

(1) Li jkunu konxji ta' u josservaw dawn ir-Regoli dwar l-*Anti-Doping*.

(2) Li jikkooperaw kompletament mal-programm ta' *Testjar* ta' *Atleti*.

(3) Li jużaw l-influwenza tagħhom fuq il-valuri u l-imġieba ta' *Atleti* sabiex jinkoraġġixxu attitudnijiet ta' *anti-doping*.

(4) Li jiżvelaw lil *NADOMALTA* u lill-Federazzjoni Internazzjonali tagħhom kull deċiżjoni minn non-*Firmatarju* li ssib li jkunu wettqu ksur ta' regola tal-*anti-doping* matul l-aħħar għaxar (10) snin.

(5) Li jikkooperaw ma' *Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping* li jinvestigaw ksur ta' regoli tal-*anti-doping*.

In-nuqqas minn xi *Atleta* li jikkoopera kompletament ma' *Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping* li jinvestigaw ksur ta' regola tal-*anti-doping* jista' jwassal għal akkuża ta' kondotta ħażina taħt ir-regoli ta' dixxiplina/regoli ta' kondotta ta' *NADOMALTA*.

(6) Il-*Persunal tal-Appoġġ ta' Atleta* mgħandux juża jew ikollu fil-pussess tiegħu xi *Sustanza Projbita* jew *Metodu Projbit* mingħajr ġustifikazzjoni valida.

Kull tali *Użu* jew *Pussess* jistgħu jwasslu għal akkuża ta' kondotta ħażina taħt ir-regoli ta' dixxiplina/regoli ta' kondotta ta' *NADOMALTA*.

(7) Kondotta offensiva lejn uffiċjal ta' *Kontroll tad-Doping* jew *Persuna* oħra involuta fil-*Kontroll tad-Doping* minn *Persunal tal-Appoġġ ta' Atleta*, li mod ieħor ma tikkostitwix *Tbagħbis*, tista' twassal għal akkuża ta' kondotta ħażina taħt ir-regoli ta' dixxiplina/regoli ta' kondotta ta' *NADOMALTA*.

REGOLAMENT 22 RWOLI U RESPONSABBILTAJIET ADDIZZJONALI TA' *PERSUNI* OĦRA SOĠĠETTI GĦAL DAWN IR-REGOLAMENTI DWAR L-*ANTI-DOPING*

(1) Li jkunu konxji ta' u josservaw dawn ir-Regoli dwar l-*Anti-Doping*.

(2) Li jiżvelaw lil *NADOMALTA* u lill-Federazzjoni Internazzjonali tagħhom kull deċiżjoni minn non-*Firmatarju* li ssib li jkunu wettqu ksur ta' regola tal-*anti-doping* matul l-aħħar għaxar (10) snin.

(3) Li jikkooperaw ma' *Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping* li jinvestigaw ksur ta' regoli tal-*anti-doping*.

In-nuqqas minn xi *Persuna* oħra li tikkoopera kompletament ma' *Organizzazzjonijiet tal-Anti-Doping* li jinvestigaw ksur ta' regola tal-*anti-doping* jista' jwassal għal akkuża ta' kondotta ħażina taħt ir-regoli ta' dixxiplina/regoli ta' kondotta ta' *NADOMALTA*.

(4) Li ma *Jużawx* jew ikollhom fil-*Pussess* tagħhom xi *Sustanza Projbita* jew *Metodu Projbit* mingħajr ġustifikazzjoni valida.

(5) Kondotta offensiva lejn uffiċjal ta' *Kontroll tad-Doping* jew *Persuna* oħra involuta fil-*Kontroll tad-Doping* minn *Persunal tal-Appoġġ ta' Atleta*, li mod ieħor ma tikkostitwix *Tbagħbis*, tista' twassal għal akkuża ta' kondotta ħażina taħt

ir-regoli ta’ dixxiplina/regoli ta’ kondotta ta’ *NADOMALTA*.

REGOLAMENT 23 DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

(1) Fejn jintuża t-terminu "ġranet/jiem" f’dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping*, dan għandu jfisser ġranet kalendarji sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

(2) Dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* għandhom jiġu interpretati bħala test indipendenti u awtonomu u mhux b’referenza għal liġijiet jew statuti eżistenti.

(3) Dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* ġew adottati konformement mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-*Kodiċi* u l-*Istandards Internazzjonali* u għandhom jiġu interpretati b’mod li jkun konsistenti mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-*Kodiċi* u tal-*Istandards Internazzjonali*. Il-*Kodiċi* u l-*Istandards Internazzjonali* għandhom jitqiesu bħala partijiet integrali ta’ dawn ir-Regolament dwar l-*Anti-Doping* u għandhom jirbħu f’każ ta’ kunflitt.

(4) It-tifsiriet għandhom jitqiesu bħala partijiet integrali ta’ dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping*.

(5) Il-kummenti bħala annotazzjonijiet għal diversi dispożizzjonijiet tal-*Kodiċi* li huma inkorporati permezz ta’ referenza f’dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping*, għandhom jiġu ttrattati bħallikieku kienu riportati kompletament f’dawn ir-regolamenti, u għandhom jintużaw għall-interpretazzjoni ta’ dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping*.

(6) Dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* mgħandhomx japplikaw retroattivament għal kwistjonijiet pendenti qabel id-*Data Effettiva*. Madankollu:

(a) ksur ta’ regola tal-*anti-doping* li jitwettaq qabel id-*Data Effettiva* jgħodd bħala "l-ewwel ksur" jew "it-tieni ksur" għall-finijiet tad-determinazzjoni tas-sanzjonijiet taħt ir-Regolament 10 għal ksur li jitwettaq wara d-*Data Effettiva*;

(b) kull każ dwar ksur ta’ regola tal-*anti-doping* li jkun pendenti fid-*Data Effettiva* u kull każ dwar ksur ta’ regola tal-*anti-doping* li jinġieb wara d-*Data Effettiva* bbażat fuq ksur ta’ regola tal-*anti-doping* li jkun twettaq qabel id-*Data Effettiva*, għandu jiġi regolat bir-regolamenti sostantivi fis-seħħ fid-data ta’ meta twettaq il-ksur allegat tar-regola tal-*anti-doping*, u mhux bir-regolamenti sostantivi tal-*anti-doping* stabbiliti b’dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping*, sakemm il-*panel* li jisma’ l-każ ma jiddeterminax li l-prinċipju ta’ "*lex mitior*" japplika kif xieraq taħt iċ-ċrkostanzi tal-każ. Għal dawn l-għanijiet, il-perjodi retrospettivi li fihom jista’ jiġi kkunsidrat ksur ta’ qabel għall-finijiet ta’ ksur multiplu taħt ir-Regolament 10(9)(d) u l-perjodu ta’ preskrizzjoni stabbilit fir-Regolament 16

huma regoli proċedurali, mhux regoli sostantivi, u għandhom jiġu applikati retroattivament flimkien mar-regoli l-oħra kollha proċedurali f'dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* (hekk iżda li, madankollu, li r-Regolament 16 għandu jiġi applikat retroattivament jekk il-perjodu ta' preskrizzjoni ma jkunx diġà skada sad-*Data Effettiva* biss);

(ċ) kull nuqqas ta' informazzjoni dwar *whereabouts* skont ir-Regolament 2.4 (kemm jekk ikun nuqqas ta' sejba jew test maqbuż, kif dawk it-termini huma mfissra fl-*Istandard Internazzjonali* għall-*Ġestjoni tar-Riżultati*) qabel id-*Data Effettiva* għandu jinġieb 'il quddiem u wieħed ikun jista' jorbot fuqu, qabel l-iskadenza, skont l-*Istandard Internazzjonali* għall-*Ġestjoni tar-Riżultati*, iżda għandu jitqies li skada meta jgħaddu tnax (12)-il xahar minn meta jkun twettaq;

(d) fir-rigward ta' każijiet fejn tkun ingħatat deċiżjoni finali dwar ksur ta' regola tal-*anti-doping* qabel id-*Data Effettiva*, iżda l-*Atleta* jew *Persuna* oħra tkun għadha qed tiskonta perjodu ta' *Ineliġibilità* fid-*Data Effettiva*, l-*Atleta* jew *Persuna* oħra jistgħu jintavolaw rikors lil *NADOMALTA* jew lil *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* oħra li kellha r-responsabbiltà tal-*Ġestjoni tar-Riżultati* għall-ksur tar-regola tal-*anti-doping* biex jikkunsidraw tnaqqis tal-perjodu ta' *Ineliġibilità* fid-dawl ta' dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping*. Dan ir-rikors għandu jsir qabel ma jintemm il-perjodu ta' *Ineliġibilità*. Id-deċiżjoni li tingħata tista' tiġi appellata skont ir-Regolament 13(2). Dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping* ma jkollhom l-ebda applikazzjoni għal xi każ fejn tkun ingħatat deċiżjoni finali li ssib ksur ta' regola tal-*anti-doping* u jkun skada l-perjodu ta' *Ineliġibilità*.

(e) sabiex jiġi stmat il-perjodu ta' *Ineliġibilità* għat-tieni ksur taħt ir-Regolament 10(9)(a), fejn tkun ġiet determinata sanzjoni għall-ewwel ksur bbażata fuq ir-regoli fis-seħħ qabel id-*Data Effettiva*, għandu jiġi applikat il-perjodu ta' *Ineliġibilità* li kien ikun stmat għal dak l-ewwel ksur li kieku kienu applikabbli dawn ir-Regolamenti dwar l-*Anti-Doping*.

(7) Bidliet fil-*Lista Projbita* u fid-*Dokumenti Tekniċi* li jirrigwardaw sustanzi jew metodi fuq il-*Lista Projbita* mgħandhomx, sakemm ma jipprovdux mod ieħor speċifikatament, jiġu applikati retroattivament. Bħala eċċezzjoni, madankollu, meta *Sustanza Projbita* jew *Metodu Projbit* ikunu ġew imneħħija mill-*Lista Projbita*, *Atleta* jew *Persuna* oħra li f'dak iż-żmien ikunu qed iservu perjodu ta' *Ineliġibilità* minħabba fis-*Sustanza Projbita* jew il-*Metodu Projbit* ta' qabel jistgħu jintavolaw rikors lil *NADOMALTA* jew *Organizzazzjoni tal-Anti-Doping* oħra li kella r-responsabbiltà għall-*Ġestjoni tar-Riżultati* għall-ksur tar-regola tal-*anti-doping* biex jikkunsidraw tnaqqis fil-perjodu ta' *Ineliġibilità* fid-dawl tat-tneħħija tas-sustanza jew tal-metodu mil-*Lista Projbita*.

B 812

REGOLAMENT 24 INTERPRETAZZJONI TAL-*KODIĊI*

24. (1) It-test uffiċjali tal-*Kodiċi* għandu jinżamm mill-*WADA* u għandu jiġu ppubblikat bl-Ingliż u bil-Franċiż. Fil-każ ta' kunflitt bejn iż-żewġ verżjonijiet, għandha tirbaħ il-verżjoni bl-Ingliż.

(2) Il-kummenti bħala annotazzjonijiet għal diversi dispożizzjonijiet tal-*Kodiċi* għandhom jintużaw għall-interpretazzjoni tal-*Kodiċi*.

(3) Il-*Kodiċi* għandu jiġi interpretat bħala test indipendenti u awtonomu u mhux b'referenza għal liġijiet jew statuti eżistenti tal-*Firmatarji* jew gvernijiet.

(4) L-intestaturi wżati għad-diversi Taqsimiet u Artikoli tal-*Kodiċi* qegħdin hemm għall-konvenjenza biss u mgħmdhomx jitqiesu bħala parti mis-sustanza tal-*Kodiċi* jew biex jaffettwaw l-ilsien tad-dispożizzjonijiet li għalihom jirreferu.

(5) Meta jintuża t-terminu "ġranet/jiem" fil-*Kodiċi* jew fi *Standard Internazzjonali*, dan għandu jfisser ġranet kalendarji sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

(6) Il-*Kodiċi* mgħandux japplika retroattivament għal kwistjonijiet li jkunu pendenti qabel id-data li l-*Kodiċi* jiġi aċċettat minn *Firmatarju* u implimentat fir-regoli tiegħu. Madankollu, ksur ta' regola ta' regola tal-*anti-doping* qabel il-*Kodiċi* għandu jkompli jgħodd bħala "l-Ewwel ksur" jew "it-Tieni ksur" għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' sanzjonijiet taħt l-Artikolu 10 għal ksur sussegwenti ta' wara l-*Kodiċi*.

(7) L-Għan, Kamp ta' Applikazzjoni u Organizzazzjoni tal-Programm Dinji tal-*Anti-Doping* u l-*Kodiċi* u l-Appendiċi 1, Tifsiriet, għandhom jitqiesu bħala partijiet integrali tal-*Kodiċi*.